# ISTITUZZJONI
# ĠENERALI
# TAL-MISSAL RUMAN

# KONGREGAZZJONI MQADDSA GĦALL-KULT DIDVIN

Prot. N. 166/70

## DIGRIET

Bil-Kostituzzjoni Appostolika tiegħu "**Missale Romanum**" tat-3 ta' April 1969, il-Q.T. il-Papa Pawlu VI iddetermina l-Ordni l-ġdid għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u approva t-testi tal-Missal Ruman. Għalhekk, din il-Kongregazzjoni Mqaddsa għall-Kult Divin, b'ordni tal-istess Papa, qiegħda xxandar din l-edizzjoni l-ġdida tal-Missal Ruman, li saret skont id-digrieti tal-Konċilju Vatikan II, u li għandha titqies bħala l-edizzjoni t-tipika.

Għal dak li hu l-użu tal-Missal Ruman il-ġdid, qiegħda tingħata s-setgħa biex l-edizzjoni Latina tibda tintuża minnufih malli toħroġ; għalissa, sa mal-kalendarju l-ġdid jibda jseħħ darba għal dejjem, isiru l-adattamenti meħtieġa dwar f'liema ġranet isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin; il-Konferenzi Episkopali jieħdu ħsieb iħejju l-edizzjonijiet fl-ilsna tal-post u jiddeterminaw il-ġurnata li fiha jibdew iseħħu, wara l-approvazzjoni regolari tagħhomm mis-S. Sede.

Kulma hu kuntrarju għal dan id-digriet ma jwaqqa' xejn minn dak li jingħad fih.

Mogħti mill-palazz tal-Kongregazzjoni Mqaddsa tal-Kult Divin, fis-26 ta' Marzu 1970, nhar it-Tifkira solenni tal-Ikla tal-Mulej.

BENNO Kard. GUT
Prefett

A. BUGNINI
Segretarju

# KOSTITUZZJONI APPOSTOLIKA
# “MISSALE ROMANUM”

## LI BIHA JIXXANDAR
## IL-MISSAL RUMAN
## IMĠEDDED SKONT ID-DIGRIET
## TAL-KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II
## PAWLU ISQOF
## QADDEJ TAL-QADDEJJA T’ALLA
## B’TIFKIRA GĦAL DEJJEM

IL-MISSAL RUMAN, imxandar mill-Predeċessur Tagħna S. Piju[1] fis-sena 1570 fuq digriet tal-Konċilju ta’ Trento, kien wieħed mill-ħafna riżultati ta’ ġid kbir li ħarġu minn dak il-Konċilju Mqaddes b’risq il-Knisja kollha ta’ Kristu, kif jaf kulħadd. Matul erba’ sekli sħaħ dan il-Missal mhux biss serva lis-saċerdoti tar-rit latin bħala regola għas-Sagrifiċċju Ewkaristiku, iżda wkoll il-missjunarji wassluh tista’ tgħid f’kull rokna tad-dinja. Għadd kbir ta’ qaddisin sabu fih ikel tassew bnin għall-ħajja spiritwali tagħhom f’Alla, permezz tas-siltiet bibiċi u t-talb miġburin fih, li fil-biċċa l-kbira kienu tqassmu fl-ordni sabiħ tagħhom minn S. Girgor il-Kbir.

Minn xi żmien ’l hawn fil-poplu nisrani deher jikber u jissaħħaħ l-interess fil-liturġija mqaddsa, li kif jgħid il-Predeċessur meqjum Tagħna Piju XII, kien qisu xhieda tal-providenza ħanina t’Alla lejn il-bnedmin ta’ żminijietna u tal-mewġa ta’ salvazzjoni mqanqla mill-Ispirtu s-Santu fil-Knisja tiegħu.[2] Fl-istess ħin dan l-interess wera ċar il-ħtieġa li l-formoli tal-Missal Ruman issirilhom reviżjoni u jistagħnew b’xi żidiet. U hekk tassew beda jagħmel l-istess Predeċessur Tagħna meta ġedded il-Vġili tal-Għid u l-Ordni għall-Ġimgħa Mqadsa;[3] u dan kien qisu l-ewwel pass lejn l-adattament tal-Missal Ruman ħalli jiġi jaqbel mad-dejriet ġodda ta’ dawn iż-żminijiet.

Dan l-aħħar, imbagħad, il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, fil-Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa, xeħet is-sisien ta’ tiġdid ġenerali fil-Missal Ruman. Huwa ordna li l-ewwelnett, *it-testi u r-riti jitqassmu b’mod li juri aħjar il-misteri mqaddsa mfissra fihom;*[4] imbagħad li *ssir reviżjoni fl-Ordni għall-Quddiesa hekk li wieħed ikun jista’ jifhem aħjar in-natura ta’ kull taqsima tiegħu u r-rabta tat-taqsimiet bejniethom, ħalli l-fidili jsibuha aktar ħafifa li jieħdu sehem devot u ħaj fil-Quddiesa;*[5]. Il-Konċilju ried ukoll li *it-teżori tal-Bibbja jinfetħu aktar minn qabel biex il-mejda tal-Kelma t’Alla li tithejja lill-fidili tistagħna iżjed;*[6] u fl-aħħarnett ried li *jsir rit ġdid għall-konċelebrazzjoni u jidħol fil-Pontifikal u l-Missal Ruman*.[7]

Ħadd iżda ma għandu jistħajjel li l-ħsieb ta’ dan it-tiġdid tal-Missal Ruman nibet bħallikieku f’daqqa waħda; ma hemmx dubju li l-progress fl-istudji liturġiċi li sar matul dawn l-aħħar erba’ sekli kien diġa’ witta’ t-triq għal dan it-tiġdid. Jekk wara l-Konċilju Tridentin sar xogħol ta’ tfittix u studji bir-reqqa fuq il-kodiċijiet antiki tal-Bibljoteka Vatikana u kodiċijiet oħrajn miġbura minn kullimkien, xogħol li sewa mhux ftit għar-reviżjoni tal-Missal Ruman, kif stqarr il-Predeċessur Tagħna S. Piju V fil-Kostituzzjoni Appostolika *Quo Primum*, hekk ukoll aktar tard insabu u xxandru għejjun oħra liturġiċi tassew antiki

u sar studju profond fuq il-forom liturġiċi tal-Knisja Orjentali. Kienu ħafna dawk li xtaqu li dan il-għana kollu ta' tagħlim u spiritwalità mhux biss ma jibqax magħluq fid-dlam tal-arkivji, imma għall-kuntrarju, jixxandar ħalli jdawwal u jgħajjex ir-ruħ u l-qalb tal-insara.

Għalhekk issa, biex bħallikieku niddeterminaw it-tifsila l-ġdida tal-Missal Ruman, għallinqas fil-linji ġenerali tiegħu, irridu l-ewwelnett ninnutaw li fl-*Ordni Ġenerali* li hemm fil-bidu tal-ktieb, qegħdin jingħataw regoli ġodda għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku, sew dwar ir-riti li għandhom isiru, sew dwar l-uffiċċji proprji ta' kull min ikun preżenti u jieħu sehem u sew dwar it-tagħmir u l-postijiet meħtieġa għall-azzjoni qaddisa.

Mit-tiġdid kollu tal-Quddiesa, l-aqwa sehem jolqot lit-taqsima msejħa Talba Ewkaristika. Għalkemm fir-rit Ruman, l-ewwel parti ta' din it-talba, jiġifieri l-Prefazju, stagħnet b'diversi formoli matul is-sekli, il-parti l-oħra, jiġifieri l-Kanone tal-Azzjoni, bejn ir-raba' u l-ħames sekli ħadet forma li ma tbiddlet qatt iżjed, filwaqt li l-Liturġiji Orjentali daħħlu varjeta' kbira fl-Anafori tagħhom. Għalhekk, issa, fit-Talba Ewkaristika żdiedu ħafna prefazji, li fosthom hemm ħafna meħuda mit-tradizzjoni antika tal-Knisja ta' Ruma u ssawwru oħrajn ġodda għal kollox, li jfissru aħjar il-ħafna aspetti tal-misteru tal-fidi u jagħtu raġunijiet qawwija oħra li minħabba fihom isir ir-radd ta' ħajr lil Alla. Barra minn dan ordnajna wkoll li jiżdiedu wkoll tliet Kanoni ġodda għall-istess Talba Ewkaristika. Iżda sew għal raġunijiet pastorali, sew biex ma jinqala' ebda tfixkil fil-Konċelebrazzjoni, irridu li kliem il-Mulej ikun dejjem wieħed u l-istess fil-forom kollha tal-Kanone. Għalhekk nordnaw li f'kull waħda mit-Talbiet Ewkaristiċi, kliem il-Mulej jingħad hekk: fuq il-ħobż: *Ħudu u kulu lkoll minn dan; għax dan huwa Ġismi li jingħata għalikom*; u fuq il-kalċi: *Ħudu u ixorbu minnu lkoll; għax dan huwa Demmi tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem; id-Demm li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.* Il-kelmiet: *Dan hu l-misteru tal-fidi* jitneħħew mill-kuntest ta' kliem Kristu u s-saċerdot jgħidhom qishom stedina lill-fidili għall-akklamazzjoni.

Fl-Ordni l-ġdid għall-Quddiesa, *ir-riti ħadu sura aktar sempliċi għad li s-sustanza tagħhom baqgħet tassew dik li kienet qabel.*[8] Tħalla barra dak kollu li *matul iż-żminijiet daħal bħala ripetizzjoni jew żieda li ma kienx hemm wisq bżonnha,*[9] l-aktar fir-riti tal-offerta tal-ħobż u tal-inbid, tal-qsim tal-ħobż u tat-tqarbin.

Min-naħa l-oħra issa *jidħlu mill-ġdid xi elementi kif kienu fl-ewwel snin tal-Missirijiet tal-Knisja u li biż-żmien inqatgħu,*[10] bħalma huma l-omelija,[11] it-talba universali jew tal-fidili,[12] u l-att penitenzjali, jiġifieri r-rit li bih fil-bidu tal-quddiesa, tiġġeded il-ħbiberija m'Alla u mal-aħwa: dan ir-rit reġa' ħa l-importanza tiegħu kif kien jixraq.

Il-Konċilju Vatikan II ordna wkoll li *f'medda determinata ta' snin tinqara lill-poplu l-aqwa parti tal-Iskrittura Mqaddsa;*[13] għalhekk il-ġabra kollha tas-siltiet bibliċi li għandhom jinqaraw fil-Ħdud tqassmet għal matul tliet snin. Fil-ġranet ta' festa mbagħad, qabel l-Epistola u l-Evanġelju tqiegħdet lezzjoni oħra, meħuda mit-Testment il-Qadim, jew fi żmien il-Għid, mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. B'hekk jintwera aħjar fil-qalba tiegħu l-progress kontinwu tal-misteru tas-salvazzjoni, imfisser bil-kelma irrivelata t'Alla. B'din il-kotra kbira ta' siltiet bibliċi fil-ġranet ta' festa titqiegħed quddiem il-fidili l-aqwa parti tal-Iskrittura Mqaddsa, waqt li fil-ġranet ferjali dan il-qari jiżdied u jissaħħaħ b'siltiet bibliċi oħra.

Dan it-tqassim sar biex iħeġġeġ dejjem iżjed fil-fidili x-xewqa għall-ikel tal-kelma t'Alla,[14] u taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu, il-poplu tal-Patt il-Ġdid ifittex iżjed li jingħaqad ħaġa waħda fil-Knisja. B'hekk ukoll – u din hi t-tama sħiħa Tagħna – is-saċerdoti u l-fidili flimkien iħejju ruħhom bi qdusija akbar għall-Ikla tal-Mulej u jimmeditaw iżjed bid-dehwa fuq l-Iskrittura Mqaddsa, biex il-Kelma tal-Mulej issir dejjem aktar l-għajxien tagħhom. Hekk jiġri li kif wissiena l-Konċilju Vatikan II, kulħadd jibda jżomm il-Kotba Mqaddsa kemm bħala l-għajn li minnha qatt ma jonqos l-ilma tal-ħajja spiritwali, kemm bħala l-aqwa sies li fuqu jinbena t-tagħlim mogħti lill-insara u kemm bħala l-qalba ta' kull formazzjoni teoloġika.

Imma fit-tibdil tal-Missal Ruman ma sarx biss tibdil fit-tliet taqsimiet li semmejna, jiġifieri fit-Talba Ewkaristika, fl-Ordni għall-Quddiesa u fl-Ordni għall-Qari; iżda wkoll fit-taqsimiet l-oħra tal-Missal, jiġifieri, il-Proprju taż-Żmien u tal-Qaddisin u l-Quddies tal-Komun, ritwali u votiv, saritilhom reviżjoni sħiħa u stagħnew b'varjeta' kbira ta' formoli. F'dawn il-formoli r-reviżuri ħadu ħsieb speċjali tat-talbiet, u mhux biss żdiedu l-għadd tagħhom b'talbiet ġodda li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-lum imma wkoll flew b'reqqa t-talbiet qodma biex iġibuhom aktar fidili mat-testi l-antiki tagħhom. B'hekk ġara li issa hemm talba diversa għal kull ġurnata ferjali matul iż-żminijiet liturġiċi partikulari , jiġifieri ż-żmien tal-Avvent , tal-Milied, tar-Randan u tal-Għid.
It-testi tal-Gradwal Ruman ma ntmessewx, għallinqas f'dak li għandu x'jaqsam mal-kant; b'danakollu fis-salm responsorjali li bosta drabi jissemma' minn Santu Wistin u minn San Ljun il-Kbir, sar tiġdid b'mod li l–fidili jistgħu jifhmuh aħjar; hekk ukoll iġġeddu l-antifoni tal-introjtu u tat-tqarbin li f'xi okkażjonijiet jintużaw fil-Quddiesa bla kant.
Fl-aħħar nett, minn kulma fissirna fuq il-Missal Ruman il-ġdid, nixtiequ issa niġbru tagħlima waħda bħala għeluq. Meta l-predeċessur tagħna SanPiju V xandar l-ewwel edizzjoni tal-Misal Ruman, huwa offrieh lill-poplu nisrani bħala għajnuna għall-għaqda fil-Liturġija u bħala sinjal tal-qima vera u devota li l-Knisja tagħti lil Alla. Hekk ukoll aħna: għad li fil-Missal il-ġdid daħħalna *varjeta' u adattamenti leġittimi,* kif Appostoliċi maħruġa mill-li l-fidili jilqgħu dan il-Missal bħala għajnuna biex bih jagħtu xhieda tal-għaqda tagħhom u jitqawwew fiha ladarba bis-saħħa ta' din l-għaqda, minn ilsna hekk diversi, waħda u l-istess tkun it-talba ta' kulħadd, li bi fwieħa oħla minn tal-inċens titla' quddiem il-Missier tas-sema, permezz tal-Qassis il-Kbir tagħna Ġesù Kristu , fl-Ispirtu s-Santu.
Kulma ordnajna f'din il-Kostituzzjoni tagħna jibda jseħħ din is-sena, mill-1 Ħadd tal-Avvent, 30 ta' Novembru, 1969.
Irridu li dawn l-istatuti u ordnijiet Tagħna jkollhom minn issa, u jibqa' jkollhom 'il quddiem, saħħa u qawwa għall-bżonn minkejja l-Kostituzzjonijiet u l-Ordinazzjonijiet Predeċessuri tagħna, u ordnijiet oħrajn, imqar dawk li għandhom xi raġuni speċjali li nsemmuhom b'isimhom.
Mogħti f'Ruma, f'San Pietru, nhar it-Tifkira tal-Ikla tal-Mulej, 3 ta' April, 1969,

PAWLU PP. VI

1. Kostit. Appost. *Qua Primum*, 14 Lulju 1570.
2. Ara Piju XII, *Diskors lill-membri tal-ewwel Kungress Internazzjonali fuq il-Liturġija Pastorali li sar f'Assisi*, 22 Sett. 1956: AAS 48 (1956), p.712
3. Ara Kongreg. Mq. tr-Riti, Digriet *Ġenerali Dominicae Resurrectionis*, 9 Frar 1951: Aas 43 (1951) pp. 128 ss; Digriet ġenerali *Maxima Redemptionis Nostrae Mysteria*, 16 Nov. 1965: AAS 47 (1955) pp. 838 ss.
4. Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 21: AAS 56 (1964) p. 106.
5. Ara l-istess, n. 50: p.114
6. Ara l-istess, n. 51: p.114
7. Ara l-istess, n.58: p.115
8. Ara l-istess, n.50: p.114
9. Ara l-istess, n.50: p.114
10. Ara l-istess, n.50: p.114
11. Ara l-istess, n.52: p.114
12. Ara l-istess, n.53: p.114
13. Ara l-istess, n.51: p.114
14. Ara Għamos 8, 11.
15. Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn. 38-40: AAS 56 (1964

# ISTITUZZJONI ĠENERALI TAL-MISSAL RUMAN
# DAĦLA

1. Meta Kristu Sidna ried jagħmel mad-dixxipli tiegħu l-Ikla tal-Għid, li fiha waqqaf is-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm tiegħu, huwa ried li din l-Ikla titħejja f'kamra kbira mgħammra (Lq 22, 12). Il-Knisja dejjem żammet li dan il-kmand ingħata għaliha wkoll u għalhekk hija tat ordnijiet dwar dak kollu li għandu x'jaqam maċ-ċelebrazzjoni ewkaristika f'dik li hi tħejjija tar-ruħ, tal-post, tar-riti u tat-testi. Ir-regoli li ngħataw issa, ordnati mill-Knisja skont id-digrieti tal-Konċilju Vatikan II, kif ukoll il-Missal il-ġdid, li bih mil-lum 'l quddiem il-Knisja tar-rit Ruman se tinqeda fiċ-ċelebrazzzjoni tal-Quddiesa, huma xhieda oħra ta' din il-ħrara tal-Knisja, tal-fidi tagħna fil-misteru kbir ewkaristiku u tal-imħabba sħiħa li dejjem kellha għalih huma wkoll xhieda tat-tradizzjoni tagħha li fin-nisġa u l-mixja tagħha 'l quddiem ma nqatgħet qatt minkejja l-ħwejjeġ ġodda li daħlu.

## Xhieda li l-fidi ma nbidlitx

2. Il-Konċilju ta' Trento stqarr b'mod solenni n-natura sagrifikali tal-Quddiesa kif dejjem stqarritha l-Knisja fit-tradizzjoni kollha tagħha.[1] Il-Konċilju Vatikan II għamel l-istess meta dwar il-Quddiesa qal dawn il-kelmiet: "Is-Salvatur tagħna, fl-aħħar Ikla tiegħu, waqqaf is-Sagrifiċċju Ewkaristiku ta' Ġismu u Demmu biex ikompli għal dejjem matul iż-żmien is-Sagrifiċċju tas-Salib, sa ma jiġi l-Mulej u hekk ħalla lill-Knisja, l-Għarusa għażiża tiegħu it-tifkira tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu".[2]
Il-formoli kollha tal-quddiesa waħda wara l-oħra, jfissru sew dan it-tagħlim tal-Konċilju. Is-Sagramentarju Ljunjan jgħid tajjeb ħafna li "kull darba li tiġġedded it-tifkira ta' dan is-sagrifiċċju taħdem fina l-opra tal-fidwa tagħna".[3] Fit-Talbiet Ewkaristiċi għandna xhieda tajba u eżatta ta' dan it-tagħlim, għax meta s-saċerdot ikun jagħmel l-anamnesi, huwa jdur lejn Alla f'ismu u f'isem il-poplu, iroddlu ħajr, joffrilu s-sagrifiċċju ħaj u qaddis jiġifieri l-offerta l-Knisja u l-Vittma li bis-sagrifiċċju tagħha Alla reġa' ħabbibna miegħu,[4] u jitlob lil Alla l-Missier biex jilqa' l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu bħala sagrifiċċju li jogħġbu u li jiswa għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.[5]

B'hekk il-Missal il-ġdid ukoll jurina kemm hu tassew li r-regola tat-talb fil-Knisja għandha f'kull żmien rabta sħiħa mar-regola tal-fidi li qatt ma tbiddlet. Din il-fidi tgħallimna li tneħħi biss id-differenza fil-mod tal-offerta, is-Sagrifiċċju ta' Kristu hu wieħed u l-istess, sew meta sar fuq is-Salib, sew meta dan jiġġedded fil-Quddiesa b'mod sagramentali kif waqqfu Kristu Sidna fl-aħħar Ikla tiegħu u kif ordna lill-Appostli biex jibqgħu jagħmluh b'tifkira tiegħu u għalhekk il-Quddiesa hi f'ħin wieħed sagrifiċċju ta' tifħir, ta' radd il-ħajr, ta' talb u ta' tpattija.

3. Il-Konċilju ta' Trento xandar tagħlim ta' fidi dwar il-misteru tal-għaġeb tal-preżenza reali ta' Kristu taħt ix-xbihat ewkaristiċi.[6] Il-Konċilju Vatikan II, inqeda bl-istess mod u kliem biex iwettaq dan it-tagħlim.[7] Hekk ukoll għamel il-maġisteru ekklesjastiku b'ħafna dokumenti oħra.[8] U l-istess isir fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, l-ewwelnett bis-saħħa tal-istess kelmiet tal-konsagrazzjoni li bihom is-sustanza tal-ħobż u l-inbid tinbidel fis-sustanza tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li għalhekk isir preżenti realment, u t-tieni bis-saħħa tal-Liturġija Ewkaristika li biha l-insara jfissru jixhdu l-ġieħ u l-qima kbira tagħhom lejn il-preżenza reali. Din ukoll hi r-raġuni li minħabba fiha l-Knisja tistieden lill-poplu nisrani biex f'Ħamis ix-Xirka u fis-solennita' tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu jagħti ġieħ u qima speċjali lil dan is-Sagrament tal-għaġeb.

4. Is-saċerdozju ministerjali hu ħaġa proprja tal-presbiteru li f'isem Kristu joffri s-sagrifiċċju u jippresiedi fuq il-ġemgħa tal-poplu qaddis t'Alla. In-natura ta' dan is-saċerdozju tidher ċar mill-istess rit, mill-post speċjali mħolli għas-saċerdot u mill-uffiċċju tiegħu li hu ogħla minn tal-oħrajn. Fil-Quddiesa tal-Griżma ta' Ħamis ix-Xirka, jiġifieri fil-jum li jfakkar it-twaqqif tas-saċerdozju, hemm rit ta' radd il-ħajr lil Alla; dan ir-rit isemmi u jfisser ċar u fit-tul ir-raġunijiet tal-uffiċċju saċerdotali għax fih l-Isqof jitkellem dwar is- setgħa saċerdotali

mogħtija bit-tqegħid tal-idejn, isemmi l-ħafna uffiċċji tas-saċerdot u jfisser li din is-setgħa mhix ħlief is-setgħa ta' Kristu nnifsu, il-Qassis il-Kbir tal-Patt il-Ġdid li tibqa' taħdem dejjem matul iż-żmien.

5. L-istess natura tas-saċerdozju ministerjali – u dan hu punt importanti ħafna - tixħet ukoll dawl kbir fuq ħaġ'oħra, jiġifieri fuq is-saċerdozju regali tal-fidili li s-sagrifiċċju spiritwali tagħhom isir mitmum permezz tal-ministeru tal-presbiteri f'għaqda waħda mas-sagrifiċċju ta' Kristu li hu waħdu l-Medjatur.[9] Għax iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hi azzjoni tal-Knisja kollha kemm hi, azzjoni li fiha kull wieħed mill-ministri u l-fidili jagħmel dak biss u dak kollu li jmiss lilu, skont il-grad tiegħu fil-poplu t'Alla. Minħabba f'hekk, issa kellha tingħata attenzjoni aktar minn qabel għal xi elementi taċ-ċelebrazzjoni li forsi matul iż-żmien ma tqisux biżżejjed. Għax dan il-poplu hu l-poplu t'Alla; Kristu kisbu b'demmu; il-Mulej jiġbru u jgħajxu bil-kelma tiegħu u jsejjaħlu poplu tiegħu sewwa sew biex joffri lil Alla t-talb tal-familja kollha tal-bnedmin u joffrilu s-sagrifiċċju ta' Ibnu l-waħdieni biex permezz tal-istess Kristu jroddlu ħajr għall-misteru tas-salvazzjoni; huwa poplu li jingħaqad ħaġa waħda fih innifsu għax il-membri kollha tiegħu jaqsmu bejniethom l-istess ħobża waħda u kalċi wieħed, jiġifieri l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Dan il-poplu, għalkemm Alla qaddsu għalih sa minn meta sejjaħlu, jibqa' dejjem jikber fil-qdusija bl-istess sehem ħaj, attiv u qawwi li huwa jieħu fil-misteru ewkaristiku.[10]

## It-tradizzjoni ma nqatgħetx

6.Il-Konċilju Vatikan II, meta ordna r-reviżjoni tal-Ordni għall-Quddiesa, fost ħwejjeġ oħra ried ukoll li xi riti jerġgħu jidħlu "kif kienu fl-ewwel snin tal-Missirijiet tal-Knisja",[11] jiġifieri nqeda bl-istess kliem tal-Ittra Appostolika "*Quo Primum*" li biha S. Piju V fl-1570 xandar il-Missal Tridentin. Minn dan l-istess qbil fid-diskors, wieħed jinnota kif iż-żewġ Missalli Rumani, minkejja l-medda ta' erba' sekli li hemm bejniethom, iħaddnu t-tnejn l-istess tradizzjoni waħda. Jekk imbagħad inqisu l-elementi interni ta' din it-tradizzjoni, malajr naraw kemm it-tieni Missal jipperfezzjona lill-ieħor b'mod tassew tajjeb u sabiħ.

7.Fi żminijiet imwiegħra ħafna, meta l-insara nqasmu fil-fehmiet dwar it-twemmin kattolika fuq in-natura sagrifikali tal-Quddiesa, fuq is-saċerdozju ministerjali u fuq il-preżenza reali u dejjiema ta' Kristu taħt l-ispeċi ewkaristiċi, il-ħsieb ewlieni ta' San Piju V kien li jħares it-tradizzjoni mgħoddija sa żmienu u li xi wħud fittxew li jwarrbuha bla ebda raġuni; għalhekk huwa ma riedx idaħħal fir-rit imqaddes aktar minn xi tibdil tassew żgħir. U tassew ftit li xejn hemm differenza bejn il-Missal tal-1570 u dak li ġie stampat għall-ewwel darba fl-1474, li min-naħa tiegħu jtenni bil-fedeltà il-Missal ta' żmien il-Papa Innoċenz III. Terġa' mbagħad il-kodiċijiet tal-Bibljoteka Vatikana, għalkemm bis-saħħa tagħhom sar xi tibdil fl-espressjonijiet, ma kinux biżżejjed biex isir progress akbar minn dak li sar bil-ħila tal-kummentaturi liturġiċi taż-Żmien tan-Nofs fix-xogħol ta' tfittix fuq "l-awturi antiki u tajba".

8.Dawk li ħadmu l-Missal ta' San Piju V imxew skont it-tagħrif li setgħu jkollhom fi żmienhom fuq il-liturġija antika ta' żminijiet il-Missirijiet tal-Knisja. Illum, iżda, dan it-tagħrif stagħna b'kotra bla qies ta' xogħlijiet tal-għorrief. Infatti wara li fl-1571 ħarġet l-ewwel edizzjoni tas-Sagramentarju Gregorjan, sikwit bdew jixxandru wkoll edizzjonijiet kritiċi tas-Sagramentarji antiki Rumani u Ambrożjani u tal-kotba liturġiċi antiki Spanjoli u Gallikani u hekk seta' jkollna quddiemna ħafna talb ta' importanza spiritwali liema bħalha li sa dak iż-żmien kien għadu m'huwiex magħruf.
It-tradizzjonijiet tal-ewwel sekli, li bdew qabel ma ssawru r-riti Orjentali u Oċċidentali, sirna issa nafuhom aħjar permezz ta' tant dokumenti liturġiċi antiki li nstabu.
U bil-progress li sar fl-istudju tal-patristika, it-teoloġija dwar il-misteru ewkaristiku ddawlet ħafna bid-duttrina tal-aqwa Missirijiet antiki tal-Knisja, fosthom S. Irinew, S. Ambroġ, S. Ċirillu ta' Ġerusalem u S. Ġwann Grisostmu.

9.Għalhekk, jekk aħna rridu nimxu kif imxew il-Missirijiet antiki tal-Knisja, jeħtieġ li mhux biss inħarsu dak kollu li ġie mgħoddi lilna fiż-żminijiet eqreb lejna, imma jeħtieġ ukoll li nifhmu iżjed u niflu bir-reqqa ż-żminijiet l-imgħoddija kollha tal-Knisja u nqisu l-modi kollha li bihom il-Knisja nqdiet biex turi l-fidi tagħha fost il-kulturi umani u ċivili ta' kull xorta, kulturi tant differenti bejniethom għax kibru

f'ambjenti Semiti, Griegi, Latini. Dehra bħal din tiftaħ quddiemna xefaq aktar wiesa' u turina kif l-Ispirtu s-Santu jieqaf mal-poplu t'Alla biex b'fedeltà tal-għaġeb iħares it-teżor tal-fidi li ma jittiefes qatt minkejja l-varjeta' kbir ta' talb u riti.

## Adattament għaċ-ċirkostanzi ġodda

**10.** Kif diġa' għidna, il-Missal il-ġdid hu tassew xhieda tar-regola tat-talb tal-Knisja Rumana u jħares it-teżor tal-fidi mgħoddi lilna sa mill-Konċilji l-aktar reċenti; imma huwa jista' jitqies ukoll bħala pass importanti ħafna fit-tradizzjoni liturġika.
Għax tassew, il-Konċilju Vatikan II tenna bis-sħiħ it-tagħlim dommatiku tal-Konċilju Tridentin; imma l-Vatikan II tkellem fi żmien differenti għal kollox minn dak tat-Tridentin u għalhekk il-Padri Konċiljari, fid-diskussjonijiet tagħhom fuq il-materja pastorali, seħħilhom jagħtu fehmiet u pariri li erba' sekli qabel ħadd ma seta' jobsorhom.

11. Il-Konċilju Tridentin għaraf sa minn żmienu stess li ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandha siwi kataketiku kbir; b'danakollu ċ-ċirkostanzi ma ħallewhx iħaddem il-konsegwenzi kollha ta' dan is-siwi u jwassalhom fil-prattika. Ħafna kienu xtaqu li fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċju Ewkaristiku jidħol l-użu tal-ilsna tal-post iżda fuq din ix-xewqa, minħabba fiċ-ċirkosanzi ta' żmienu, il-Konċilju ħass id-dmir li jerġa' jisħaq fuq id-duttrina tradizzjonali tal-Knisja li tgħallem li s-Sagrifiċċju Ewkaristiku huwa qabel xejn azzjoni ta' Kristu nnifsu u li għalhekk il-qawwa tiegħu ma tittiefes xejn, ikun xi jkun il-mod li l-fidili jieħdu sehem fih. Kien għalhekk li huwa xandar dawk il-kelmiet sħaħ u meqjusa tiegħu meta qal: "Għalkemm il-Quddiesa tiġbor fiha tagħlim kbir għall-poplu fidil, il-Missirijiet tal-Konċilju dehrilhom li ma jaqbilx jintużaw l-ilsna tal-post fiċ-ċelebrazzjoni tagħha".[12] U żied jgħid li jkun ħaqqu l-kundanna min iżomm li "ir-rit tal-Knisja Rumana li fih il-Kanone u l-kliem tal-konsagrazzjoni jingħadu minn taħt l-ilsien hu ta' min jikkundannah", jew li "ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandha ssir bl-ilsna tal-post".[13] Iżda għalkemm min-naħa l-waħda t-Tridentin ma riedx li jintużaw l-ilsna tal-post fil-Quddiesa, min-naħa l-oħra huwa ordna lir-rgħajja spiritwali biex ipattu għal dan billi jagħtu lill-fidili katakeżi xierqa: "Il-merħla ta' Kristu ma għandhiex tbati l-ġuħ;...għalhekk il-Konċilju mqaddes jordna lir-rgħajja spiritwali u lil dawk kollha li għandhom f'idejhom il-kura tal-erwieħ biex sikwit fil-Quddiesa, personalment jew permezz ta' ħaddieħor, ifissru xi ħaġa mill-qari tal-Quddiesa u fost ħwejjeġ oħra jagħtu tagħlim fuq il-misteru ta' dan is-sagrifiċċju mqaddes, l-aktar fil-Ħdud u l-festi".[14]

**12.** Il-Vatikan II tlaqqa sewwa sew biex jadatta l-Knisja għall-ħtiġijiet tal-uffiċċju appostoliku tagħha fiż-żminijiet tagħna. Hu, xejn anqas mill-Konċilju Tridentin, tefa' ħarstu l-ġewwa nett fin-natura didaskalika u pastroali tal-Liturġija Mqaddsa.[15] Illum ebda kattoliku m'hu se jiċħad li r-rit imqaddes iċċelebrat bil-Latin hu leġittimu u effikaċi; imma issa l-Konċilju seta' jistqarr ukoll li "bosta drabi l-użu tal-ilsna tal-post jista' jkun ta' fejda kbira għall-poplu" u għalhekk ta s-setgħa għall-użu ta' dawn l-ilsna.[16] Id-dinja kollha laqgħet din id-deċiżjoni b'ħeġġa kbira. Kienet deċiżjoni li tat tassew il-frott għax taħt it-tmexxija tal-Isqfijiet u tal-istess S. Sede, iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha bis-sehem tal-fidili setgħu issa jsiru bl-ilsien tal-post ħalli l-fidili jifhmu iżjed il-misteri li jkunu jiċċelebraw.

13. L-ilsna tal-post mela, huma mezz siewi ħafna biex it-tagħlim fuq l-Ewkaristija miġbur fil-quddiesa nfisha, jiġi mfisser aħjar. B'danakollu l-Vatikan II wissa wkoll li għandhom isiru fil-prattika xi ordnijiet tat-Tridentin li ma kienux imħarsa kullimkien, bħalma huma l-omelija fil-Ħdud u l-festi,[17] u s-setgħa li waqt l-istess riti mqaddsa jingħataw twissijiet tajba lill-fidili.[18]
Il-Vatikan II saħaq fuq il-fatt li l-fidili jieħdu sehem aktar perfett fil-Quddiesa jekk wara li jitqarben is-saċerdot, huma wkoll fl-istess sagrifiċċju jitqarbnu bil-Ġisem tal-Mulej.19 Għalhekk huwa ħeġġeġ ħafna biex issir fil-prattika xewqa oħra tat-Tridentin, jiġifieri li "fil-Quddies kollu l-fidili preżenti jitqarbnu mhux biss spiritwalment iżda wkoll sagramentalment",[20] biex hekk is-sehem tagħhom fl-Ewkaristija mqaddsa jkun aktar sħiħ.

14. Imqanqal mill-istess ħsieb u ħrara pastorali, il-Konċilju Vatikan II seħħlu jinqeda f'dawl ġdid bir-regolament mogħti mit-Tridentin fuq it-tqarbin biż-żewġ speċi. Illum ħadd ma jiġih l-iċken dubju fuq il-prinċipji dottrinali li l-qawwa tat-tqarbin tibqa' sħiħa kollha kemm hi, ukoll jekk it-tqarbin isir bl-Ostja biss. Għad li dan, il-Vatikan II ta l-permess

biex xi drabi t-tqarbina ssir biż-żewġ speċi, jiġifieri meta ċ-ċirkostanzi jkunu joffru okkażjoni speċjali lill-fidili biex bis-saħħa ta' din id-dehra aktar ċara tas-sinjal sagramentali, jifhmu aħjar il-misteru li fih ikunu jieħdu sehem.[21]

15.B'dan il-mod Il-Knisja tibqa' taqdi b'fedelta sħiħa mhux biss id-dmir li tgħallem il-verita' u tħares tajjeb "il-ħwejjeġ qodma" jiġifieri t-teħor tat-tradizzjoni, iżda taqdi wkoll l-uffiċċju li tiżen "il-ħwejjeġ ġodda" u tinqeda bihom bil-għaqal (ara Mt 13 ,52).
F'waħda mit-taqsimiet tiegħu l-Missal il-ġdid iqiegħed it-talb tal-Knisja f'ordni aktar ċar skont il-ħtiġijiet ta' żminijietna; qegħdin ngħidu l-iżjed għall-Quddies ritwali u "*ad diversa*" fejn it-tradizzjonali jissieħeb tassew tajjeb mal-ġdid. Hawn insibu li bosta espressjonijiet baqgħu sħaħ u ma ntmessew xejn min kif għaddithomlna t-tradizzjoni l-iżjed antika tal-Knisja, kif jixhdu l-ħafna edizzjonijiet tal-Missal Ruman; ħafna talbiet oħra ġew adattati skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-lum; oħrajn, għall-kuntrarju, bħalma huma t-talbiet għall-Knisja, għal-lajċi, għat-tqaddis tax-xogħol, għall-għaqda fil-popli tad-dinja, għal xi ħtiġijiet li nibtu fi żmienna, saru ġodda għal kollox u nbnew fuq l-istess ħsibijiet, anzi bosta drabi bl-istess kliem, tad-dokumenti konċiljari riċenti.
Fl-użu tat-testi tradizzjonali antiki ħassejna li ma kienet se ssir ebda ħsara lil teżor hekk għażiż jekk inqisu l-qagħda tad-dinja tal-lum u 'l hawn u 'l hinn jintmessu xi sentenzi biex inqabblu aħjar id-diskors tagħhom ma' dak tat-teoloġija moderna u biex kulħadd jara kemm il-Knisja bniet id-dixxiplina preżenti tagħha fuq il-verità. Għalhekk sar kemmxejn ta' tibdil f'xi talbiet li fihom jissemma kif il-bniedem għandu jqis u juża' l-ġid tal-art, u f'talbiet oħra li kienu jfissru l-indiema f'sura esterna mitluba mill-Knisja fi żminijiet oħra.
B'hekk, fl-aħħarnett, il-Vatikan II bid-direttivi tiegħu saħħaħ u pperfezzjona ħafna punti mir-regoli liturġiċi tat-Tridentin. Matul dawn l-aħħar erba' sekli u l-iżjed fi żminijietna, b'mod partikolari permezz tal-istudji liturġiċi mmexxija 'l quddiem minn San Piju X u l-Papiet ta' warajh, saru ħafna sforzi biex il-fidili jkollhom għajnuna ħalli jersqu lejn il-Liturġija mqaddsa; bis-saħħa tal-Konċilju Vatikan II, dawn l-isforzi kollha taw il-frott tagħhom.

1. Sessjoni XXII, 17 Sett. 1562.
2. Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-liturġija mqaddsa, n. 47; ara l-Kostit. Domm. *Lumen Genitum* fuq il-Knisja, nn. 3 u 28; u d-Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presibiteri, nn. 2, 4 u 5.
3. Ara s-Sagramentarju ta' Verona, ediz. Mohlberg, n. 93.
4. Ara t-Talba Ewkaristika III.
5. Ara t-Talba Ewkaristika IV.
6. Ara s-Sess. XIII, 11 Ott. 1551.
7. Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn. 7 u 47; u d-Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-miniseru u l-ħajja tal-presibiteri, nn. 5 u 18.
8. Ara Piju XII, Enċikl. *Humani Generis*: AAS 42 (1950) pp. 570-571; Pawlu VI, Enċikl. *Mysterium Fidei*: AAS 47 (1965) pp. 762-769; *Stqarrija Solenni tal-Fidi* AAS (1968) pp. 442-443; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, nn. 3, 4 u 9: AAS 59 (1967) pp. 543 u 547.
9. Ara Konċ. Vat. II, Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-miniseru tal-ħajja tal-presbiteri, n. 2
10. Ara Konc. Cat. II, Kost. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 11
11. *L-istess*, n. 50
12. Sess. XXII, Duttrina fuq is-Sagrifiċċju Mqaddes tal-Quddiesa, kan.8.
13. *L-istess* kan. 9
14. *L-istess* kan. 8.
15. Ara Konċ. Vat. II Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 33.
16. *L-istess* n. 36.
17. *L-istess* n. 52.
18. *L-istess* n. 35, 3.
19. *L-istess* n. 55.
20. Sess. XXII, Duttrina fuq is-Sagrifiċċju Mqaddes tal-Quddiesa, kan. 6.
21. Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 55.

## KAP. I
## IMPORTANZA U DINJITA' TAĊ-ĊELEBRAZZJONI EWKARISTIKA

1.Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, bħala azzjoni ta' Kristu u tal-poplu t'Alla mqassam f'ordni ġerarkiku, hija ċ-ċentru tal-ħajja nisranija kollha għall-Knisja sew universali sew lokali,u għal kull wieħed u waħda mill-fidili.[1] Il-ħidma li biha Alla jqaddes id-dinja permezz ta' Kristu u l-qima ta' adorazzjoni li l-bnedmin jagħtu lill-Missier permezz ta' Ibnu, jilħqu l-quċċata tagħhom fil-Quddiesa.[2] Fiha aħna nfakkru l-misteri tal-fidwa tagħna tul is-sena, b'mod li qisna narawhom għaddejjin quddiem għajnejna.[3] Iċ-ċelebrazzjonijiet imqaddsa l-oħra, kif ukoll l-għemejjel kollha tal-ħajja nisranija, għandhom rabta sħiħa mal-Quddiesa, li hi l-bidu u t-tmiem tagħhom.[4]

2. Għalhekk jinħtieġ tassew li ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, jew l-Ikla tal-Mulej, issir b'mod li kull wieħed mill-Ministri u l-fidili jieħdu sehem fiha skont il-kundizzjonijiet tiegħu, ħalli b'dan is-sehem ilkoll jiksbu kemm jistgħu dak il-frott[5] li minħabba fih il-Mulej waqqaf is-Sagrifiċċju Ewkaristiku ta' Ġismu u Demmu u ħallieh lill-Knisja, l-Għarusa għażiża tiegħu, bħala t-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu.[6]

3. Biex dan l-iskop jintlaħaq sewwa, wieħed għandu l-ewwelnett iqis in-natura u ċ-ċirkostanzi l-oħra ta' kull ġemgħa u mbagħad iqassam iċ-ċelebrazzjoni b'mod li l-fidili jseħħilhom jieħdu fiha sehem ħaj, attiv u sħiħ, sew bl-imġieba tagħhom minn barra u sew spiritwalment minn ġewwa. Għax il-Knisja tixtieq u l-istess ċelebrazzjoni minnha nfisha titlob, li fil-Quddiesa l-fidili kollha jieħdu sehem imħeġġeġ mill-fidi, mit-tama u mill-imħabba, kif hu jedd u dmir tal-poplu nisrani bis-saħħa tal-magħmudija.[7]
4.Jiġri xi drabi li fil-Quddiesa ma jkunx hemm il-preżenza tal-fidili u s-sehem attiv tagħhom li juru aħjar in-natura ekkleżjali taċ-ċelebrazzjoni;[8] għad li dan, iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tibqa' dejjem sħiħa fil-qawwa u l-kobor tagħha kollu, għax hija azzjoni ta' Kristu u tal-Knisja,9 u kulma s-saċerdot jagħmel fiha jagħmlu dejjem għas-salvazzjoni tal-poplu.
5.Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, bħal-Liturġija kollha, issir permezz ta' sinjali sensibbli, li bihom inħeġġu u nqawwu u nfissru l-fidi tagħna;[10] għalhekk iċ-ċelebrant joqgħod attent ħafna biex fil-formoli u l-elementi li l-Knisja toffri, jagħżel dawk li jaqblu l-aħjar maċ-ċirkostanzi tal-post u tal-persuni u jqassamhom tajjeb, hekk li l-fidili jitħeġġu fis-sehem attiv tagħhom u jiksbu miċ-ċelebrazzjoni l-ġid kollu li jistgħu.
6.Il-ħsieb ta' din l-Ordni hu li jagħti ħjiel ġenerali ta' tqassim tajjeb fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, kif ukoll li jfisser ir-regoli mogħtija għal kull għamla ta' ċelebrazzjoni. Il-Konferenzi Episkopali mbagħad, bis-saħħa tal-Kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa, għall-postijiet tagħhom jistgħu jiddeterminaw regolamenti oħra li jaqblu mat-tradizzjonijiet u l-karattru tal-popli, tal-pajjiżi u tal-komunitajiet diversi tagħhom.[1]

# KAP. II
# IN-NISĠA TAL-QUDDIESA, L-ELEMENTI U T-TAQSIMIET TAGĦHA

7. Fil-Quddiesa jew Ikla tal-Mulej il-poplu t'Alla jinġabar f'ġemgħa waħda, taħt il-presidenza tas-saċerdot f'isem Kristu, biex jiċċelebra t-tifkira tal-Mulej, jiġifieri s-Sagrifiċċju Ewkaristiku.[12] Kristu qalilna, "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hekk inkun jien f'nofshom" (Mt. 18,20); din il-wegħda tgħodd wisq tajjeb għall-Knisja lokali miġbura ġemgħa waħda għall-Ewkaristija, għax fil-Quddiesa, li fiha jiġġedded dejjem is-Sagrifiċċju tas-Salib,[13] Kristu huwa preżenti realment: preżenti fl-istess ġemgħa li tinġabar f'ismu, preżenti fil-persuna tal-ministru tiegħu, preżenti fil-Kelma t'Alla li tixxandrilna u fuq kollox preżenti l-ħin kollu bis-sustanza tiegħu fl-ispeċi ewkaristiċi.[14]

8. Il-Quddiesa b'xi mod fiha żewġ taqsimiet, jiġifieri l-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija tal-Ewkaristija. Dawn iż-żewġ taqsimiet huma tant minsuġa flimkien li bejniethom jagħmlu azzjoni waħda ta' qima.[15] Infatti fil-Quddiesa titħejja l-mejda sew tal-Kelma t'Alla sew tal-Ġisem ta' Kristu u minnha l-fidili jieħdu t-tagħlim u l-ikel tagħhom.[16] Barra minn dawn it-taqsimiet hemm ukoll riti għall-bidu taċ-ċelebrazzjoni u riti oħra għall-egħluq.

## II. L-ELEMENTI DIVERSI TAL-QUDDIESA

### Il-qari u t-tifsir tal-Kelma t'Alla

9. Hija u tinqara l-Iskrittura Mqaddsa fil-Knisja, Alla nnifsu jkun ikellem lill-poplu tiegħu u Kristu jkun preżenti fil-kelma tiegħu u jxandar il-Bxara t-Tajba. Għalhekk il-qari tal-kelma t'Alla hu wieħed mill-aqwa elementi tal-liturġija u kulħadd għandu jisimgħu bil-qima. Permezz tal-qari tal-Iskrittura Mqaddsa, Alla jxandar il-kelma tiegħu lill-bniedem ta' kull żmien u b'mod li kulħadd jista' jifhmu. Iżda dan ix-xandir jagħti frott iżjed bit-tifsir ħaj tal-Kelma t'Alla, jiġifieri bl-omelija bħala parti mill-azzjoni liturġika.[17]

### It-talbiet u t-taqsimiet li jmissu lis-saċerdot

10. Fost it-taqsimiet li għandhom isiru mis-saċerdot, tiġi qabel kollox it-Talba Ewkaristika li hi l-qofol taċ-ċelebrazzjoni kollha. It-talbiet tal-kolletta, fuq l-offerti u ta' wara t-tqarbin jgħidhom ukoll is-saċerdot li jippresiedi fuq il-ġemgħa f'isem Kristu u hu jagħmilhom lil Alla f'isem il-poplu kollu u f'isem dawk kollha li jkunu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni.[18] Dawn it-talbiet, għalhekk, jissejħu bil-ħaqq kollu "talbiet presidenzjali".

11. Huwa uffiċċju wkoll tas-saċerdot bħala president tal-ġemgħa, li jagħmel twissijiet, jgħid il-formoli tal-bidu u tal-għeluq tar-rit, ixandar il-Kelma t'Alla u jagħti l-barka tal-aħħar. Barra minn dan, qabel ma' tibda ċ-ċelebrazzjoni jista' wkoll jgħid kelmtejn qsar lill-fidili biex idaħħalhom fl-ispirtu liturġiku tal-Quddiesa tal-ġurnata; u l-istess jista' jagħmel qabel kull qari fil-liturġija tal-kelma, qabel il-prefazju fit-Talba Ewkaristika u qabel ir-riti tal-għeluq.

12. Il-partijiet "presidenzjali" jitolbu minnhom infushom li jingħadu b'leħen ċar u jinstemgħu sewwa u li kulħadd joqgħod jismagħhom bil-ġabra.[19] Għalhekk, waqt li s-saċerdot ikun jgħid dawn il-partijiet ma jsirx talb jew kant ieħor, anqas ma jindaqq l-orgni jew strumenti oħra tal-mużika.

13. Iżda s-saċerdot ma jitlobx biss bħala president f'isem il-ġemgħa; xi drabi jitlob ukoll għall-ħtiġijiet tiegħu nnifsu, biex jaqdi dejjem aħjar u bil-qdusija l-ministeru tiegħu. Talbiet bħal dawn jgħidhom minn taħt l-ilsien.

### Formoli oħra fiċ-ċelebrazzjoni

14. Billi ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandha minnha nfisha karattru "komunitarju",[20] l-akklamazzjonijiet u d-djalogi bejn is-saċerdot u l-ġemgħa għandhom qawwa kbira;[21] għax dawn mhux biss huma sinjali esterni li ċ-ċelebrazzjoni qiegħda ssir bħala azzjoni komunitarja , iżda wkoll iqanqlu u jġibu tabilħaqq l-għaqda bejn is-saċerdot u l-poplu.

15. L-akklamazzjonijiet u t-tweġib tal-fidili għat-tislim u t-talb tas-saċerdot huma parti mis-sehem attiv tal-poplu; f'kull ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, issir kif issir, il-fidili miġbura għandhom jagħmlu din il-parti tagħhom, ħalli b'hekk juru ċar li dik hi azzjoni tal-ġemgħa kollha kemm hi u jagħtuha ċerta ħajja.[22]

16. Hemm partijiet oħrajn li jiswew ħafna biex juru u jgħinu s-sehem attiv tal-fidili għat-tislim u t-talb tas-saċerdot fosthom il-Kredu, it-talba tal-fidili u l-Missierna; dawn jingħadu mill-ġemgħa kollha flimkien.

17.Dwar formoli oħra:

a) xi wħud jagħmlu rit jew att għalih, bħalma huma l-Glorja, is-salm responsorjali, il-Qaddis, l-akklamazzjonijiet tal-anamnesi u l-kant ta' wara t-tqarbin.

b) oħrajn qegħdin biex isieħbu xi rit, bħalma huma l-kant tal-introjtu u l-offertorju, il-Ħaruf t'Alla u l-kant waqt it-tqarbin.

### Kif jinqraw it-testi

18. Kemm is-saċerdot, kemm il-ministri u l-ġemgħa kollha, meta jkunu jgħidu dawk il-partijiet li għandhom jingħadu b'leħen ċar u għoli, il-mod kif jgħiduhom għandu jkun jaqbel mas-sura naturali tal-istess test u maċ-ċirkostani l-oħra taċ-ċelebrazzjoni; jiġifieri, hemm differenza fil-mod kif tinqara lezzjoni, talba, twissija, akklamazzjoni jew kant; u f'din il-ħaġa wieħed għandu jqis ukoll il-forma taċ-ċelebrazzjoni, is-solennità tal-ġemgħa, in-natura tal-lingwa tal-post u l-karattru tal-post lokali.

### L-importanza tal-kant

19. L-Appostlu jwissi lill-insara biex waqt li jkunu miġmugħa bejniethom fl-istennija tal-Mulej qalb waħda flimkien ikantaw salmi, innijiet u kantiċi spiritwali (ara Kol 3,16); għax il-kant jixhed il-ferħ tal-qalb (ara Atti 2, 46). Sewwa jgħid Santu Wistin li "min iħobb, ikanta";[23] u fl-antik kienu jgħidu li "min ikanta sewwa jkun jitlob doppjament". Għalhekk tingħata importanza kbira lill-użu tal-kant fiċ-ċelebrazzjonijiet u jsir skont il-karatteristiċi popolari u l-kapaċita' ta' kull ġemgħa. Dan iżda ma jfissirx li għandu bilfors jitkanta dak kollu li hu mniżżel fil-kant.

Jekk għall-kant jingħażlu xi biċċiet biss, wieħed għandu jagħżel dawk li huma l-aqwa fl-importanza tagħhom, fuq kollox il-partijiet li jmisshom jitkantaw mis-saċerdot jew mill-ministri bit-tweġib tal-poplu jew mis-saċerdot u l-poplu flimkien.[24]

U billi sikwit ikun hemm okkażżjonijiet meta l-fidili jinġemgħu flimkien minn diversi pajjiżi, jaqbel li jkunu jafu jkantaw flimkien bil-Latin, fuq melodiji ħfief, għall-inqas xi wieħed mill-partijiet tal-Ordinarju, l-aktar il-Kredu u l-Missierna.

### Il-ġesti u l-qagħda tal-fidili

20. Dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni għandhom iġibu ruħhom ilkoll xorta waħda f'dik li hi pożizzjoni, għax dan hu sinjal kemm tal-għaqda tal-fidili miġbura f'ġemgħa waħda kif ukoll tad-dispożizzjoni spiritwali tagħhom; u bis-saħħa ta' din l-uniformità jitħeġġu iżjed fis-sehem li jkunu jieħdu.[26]

21.Biex ikun hemm l-uniformità f'kollox, il-fidili jobdu t-twissijiet li jsiru mid-djaknu jew mis-saċerdot jew minn ministru ieħor matul iċ-ċelebrazzjoni. Barra minn dan, fil-Quddies kollu, safejn ma jingħadx mod ieħor, il-fidili jżommu dawn il-pożizzjonijiet:

a) *bilwieqfa*: mill-bidu tal-kant tal-introjtu jew minn x'ħin is-saċerdot ikun riesaq lejn l-altar sal-Amen ta' wara l-kolletta; waqt il-hallelujah qabel l-Evanġelju; waqt li jinqara l-Evanġelju; fil-Kredu u t-Talba tal-Fidili u mit-talba fuq l-offerti sal-aħħar tal-Quddiesa, barra xi ħinijiet li jissemmew hawn taħt;

b) *bilqiegħda*: waqt il-qari tal-lezzjonijiet ta' qabel l-Evanġelju; fis-salm responsorjali; fl-omelija; minn x'ħin tispiċċa t-Talba tal-Fidili sa x'ħin tkun se tinda t-Talba fuq l-Offerti; u jekk ikun il-każ waqt is-skiet li jinżamm wara t-tqarbin;

c) *għarkobbtejhom*: waqt il-Konsagrazzjoni, sakemm ma jkollhomx xi jfixkilhom – bħal nuqqas ta' wisa' jew ir-rassa tan-nies jew xi raġuni oħra tajba.

Il-Konferenzi Episkopali jistgħu jagħmlu xi tibdil fil-punti msemmija f'dan in-numru u jadattawhom skont id-drawwiet lokali;[27] imma joqgħodu attenti biex dawn l-adattamenti jkunu jaqblu mas-sens u l-karattru ta' kull parti taċ-ċelebrazzjoni.

22.Ma dan li għidna nżidu wkoll il-mod kif il-fidili jġibu ruħhom waqt li s-saċerdot ikun riesaq lejn l-altar, waqt li jkunu jittellgħu l-offerti u waqt li l-fidili jersqu għat-tqarbin. Dawn l-azzjonijiet għandhom isiru kif jixraq, kull waħda minnhom bil-kant proprju tagħha, skont ir-regoli mogħtija għalihom.

Is-skiet

23.Is-skiet qaddis ukoll huwa parti miċ-ċelebrazzjoni u għandu jinżamm f'ħinu u f'waqtu.[28] Il-ħsieb tiegħu hu marbut maċ-ċirkostanza li fih jinżamm; jiġifieri waqt l-att penitenzjali u wara kull sejħa għat-talb, kulħadd jinġabar ftit fih innifsu; wara l-qari tal-lezzjonijiet u l-omelija, wieħed jieqaf ftit jaħseb fuq dak li jkun sema'; wara t-tqarbin kulħadd fis-skiet ta' qalbu jfaħħar u jitlob lil Alla.

## III IT-TAQSIMIET TAL-QUDDIESA

A) Ir-riti tal-bidu

24. Qabel il-Liturġija tal-Kelma hemm taqsima li fiha karattru ta' bidu, jew dħul, jew tħejjija. Din it-taqsima tiġbor fiha r-rit tal-introjtu, t-tislima taċ-ċelebrant, l-att penitenzjali, il-Mulej Ħniena, il-Glorja u l-kolletta.

Dawn ir-riti jsiru biex il-fidili miġmugħa jingħaqdu qalb waħda bejniethom u jitħejjew tajjeb ħalli jisimgħu l-Kelma t'Alla u jiċċelebraw l-Ewkaristija kif jixraq.

L-introjtu

25. Wara li l-poplu jinġema', huwa u dieħel is-saċerdot mal-ministri jibda l-kant tal-introjtu. Dan il-kant isir biex jiftaħ iċ-ċelebrazzjoni, jgħin lill-fidili ħalli jingħaqdu bejniethom, ifakkarhom fil-misteru li jkunu se jiċċelebraw skont iż-żmien liturġiku jew il-festa li tkun u biex ukoll isieħeb il-purċissjoni tas-saċerdot u l-ministri lejn l-altar.

26. Dan il-kant isir versett mill-grupp tal-kant jew mill-kantur waħdu u versett mill-poplu, jew jitkanta kollu mill-poplu jew mill-grupp tal-kant. Tista' titkanta l-antifona tad-dħul mill-Gradwal Ruman jew mill-grupp tal-kant. Jista' jitkanta kant ieħor xieraq u adatt għaċ-ċirkostanzi tal-ħin u taż-żmien liturġiku jew festa; it-test tiegħu jrid ikun approvat mill-Konferenza Episkopali.

Jekk għall-introjtu ma jsirx kant tingħad l-antifona tiegħu mill-Missal. Din tista' tingħad mill-fidili kollha flimkien jew minn xi wħud minnhom biss, jew mil-lettur waħdu; jekk ma jkunx hemm min jgħidha, jgħidha s-saċerdott stess wara li jsellem lill-poplu.

It-tislima lill-altar u lill-ġemgħa

27. Is-saċerdot u l-ministri jaslu fuq il-presbiterju, isellmu lill-altar u bħala sinjal ta' ġieh jitilgħu jbusuh; imbagħad is-saċerdot jista' jinċensah, skont iċ-ċirkostanzi.

28. Kif jispiċċa l-kant tal-introjtu, is-saċerdot minn postu u l-ġemgħa kollha jroddu s-salib flimkien. Imbagħad is-saċerdot isellem lill-ġemgħa ħalli b'hekk jagħtiha sinjal tal-preżenza tal-Mulej fosthom. Permezz ta' din it-tislima u t-tweġiba tal-poplu, il-Knisja miġmugħa tkun tidher fil-misteru tagħha.

L-att penitenzjali

29. Wara t-tislima lill-poplu, is-saċerdot jew ministru ieħor kapaċi, jista' jgħid kelmtejn fil-qosor biex idaħħal lill-fidili fl-ispirtu tal-Quddiesa tal-ġurnata. Imbagħad is-saċerdot jistieden għall-att penitenzjali; dan l-att isir mill-ġemgħa kollha flimkien bl-istqarrija ġenerali u jagħlaq bl-assoluzzjoni tas-saċerdot.

Il-"Mulej Ħniena"

30.Wara l-att penitenzjali jingħad il-Mulej Ħniena, jekk ma jkunx intqal diġa fl-istess att penitenzjali. Fil-Mulej Ħniena l-fidili jsejħu lil Alla biex iħenn għalihom u għalhekk ordinarjament għandu jingħad minn kulħadd, jiġifieri jieħdu sehem fih sew il-poplu u sew il-grupp tal-kant jew il-kantur.

Kull waħda mill-akklamazzjonijiet tal-Mulej Ħniena, ordinarjament tingħad darbtejn; imma tista' wkoll tingħad aktar minn darbtejn jew b'xi "tropo" qasir bejn l-akklamazzjonijiet kantati, jekk il-karattru tal-ilsien tal-post jew l-arti mużikali jew ċirkostanzi oħra jkunu jitolbu hekk.

Il-Glorja

31. Il-Glorja hu innu antik u għażiż ħafna; bih il-Knisja miġmugħa fl-Ispirtu s-Santu tagħti glorja lil Alla l-Missier u lill-Ħaruf u titlobhom b'umiltà. Dan l-innu jista' jitkanta kollu mill-ġemgħa tal-fidili, jew mill-grupp tal-kant biss, jew versett il-poplu u versett il-grupp tal-kant. Meta ma jitkantax, jingħad minn kulħadd flimkien, jew versett min-naħa u versett minn oħra.

Il-Glorja titkanta jew tingħad fil-Ħdud barra l-Avvent u r-Randan, fis-solennitajiet u l-festi kif ukoll f'ċelebrazzjonijiet speċjali aktar solenni mis-soltu.

Il-Kolletta

32. Imbagħad is-saċerdot jistieden lill-poplu għat-talb billi jgħidilhom: Nitolbu, u kulħadd jingabar ftit fis-skiet, f'għaqda waħda mas-saċerdot biex ilkoll iħossu li jinsabu quddiem Alla u fis-skiet ta' qalbhom juruh ix-xewqat tagħhom. Wara dan is-saċerdot jgħid it-talba, li soltu tissejjaħ "kolletta". Il-kolletta minnha nfisha tiġbor fil-qosor il-ħsieb taċ-ċelebrazzjoni; permezz tagħha l-Knisja tinqeda bi kliem is-saċerdot biex titlob lil Alla l-Missier bi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu.

Il-poplu jingħaqad qalb waħda fl-ispirtu tat-talb u jwieġeb: Amen, biex juri li jkun qed jaċċetta din it-talba u jagħmilha tiegħu.

Fil-Quddiesa ssir kolletta waħda biss; dan jgħodd ukoll għat-talba fuq l-offerti u għat-talba wara t-tqarbin.

Il-kolletta tagħlaq bil-konklużjoni t-twila, jiġifieri:

Jekk it-talb isir lill-Missier: B'Ibnek Ġesu' Kristu Sidna, li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem;

Jekk it-talb isir lill-Missier imma fl-aħħar jissemma l-Iben: Li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

Jekk it-talb isir lill-Iben: Int li int Alla u tgħix u ssaltan ma' Alla l-Missier flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

Iżda t-talba fuq l-offerti u t-talba wara t-tqarbin jagħlqu bil-konklużjoni l-qasira, jiġifieri:

Jekk isiru lill-Missier: Bi Kristu Sidna;

Jekk isiru lill-Missier iżda fl-aħħar jissemma l-Iben: Li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

Jekk isiru lill-Iben: Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

B) Il-Liturġija tal-Kelma

33. Il-lezzjonijiet bibliċi u l-biċċiet ta' bejniethom huma l-aqwa parti tal-Liturġija tal-Kelma. L-omelija, il-Kredu u t-talba universali jew talba tal-fidili, jgħinu biex il-Liturġija tal-Kelma tinftiehem aħjar u biex jagħlqu ċ-ċelebrazzjoni tagħha. B'dawn il-lezzjonijiet bibliċi, imfissra fl-omelija, Alla jkellem lill-poplu tiegħu,[29] jurih il-misteru tal-fidwa u s-salvazzjoni u joffrilu ikel spiritwali; Kristu nnifsu jkun preżenti fost il-fidili bil-kelma tiegħu.[30] Permezz ta' dawn il-biċċiet li jingħadu jew jitkantaw bejn il-lezzjonijiet, il-poplu juri li qed jaċċetta l-kelma t'Alla; fil-Kredu huwa jistqarr il-fidi sħiħa tiegħu f'din il-kelma; u wara li bl-istess kelma jkun ħa l-ikel spiritwali tiegħu, huwa jdur lejn Alla fit-talba universali u jitlob għall-bżonnijiet tal-Knisja kollha u għas-salvazzjoni tad-dinja.

Il-lezzjonijiet bibiliċi

34. Bil-qari tal-Bibbja l-Knisja tħejji l-mejda tal-Kelma t'Alla lil uliedha u tiftħilhom quddiemhom it-teżori tal-Iskrittura Mqaddsa.[31] Skont it-tradizzjoni, il-qari tal-lezzjonijiet m'huwiex uffiċċju presidenzjali iżda ministerjali; għalhekk ordinarjament jaqbel jekk l-Evanġelju jinqara mid-djaknu jew fin-nuqqas tiegħu minn presbiteru ieħor filwaqt li l-lezzjonijiet l-oħra jinqraw mil-lettur. Jekk imbagħad ma jkunx hemm djaknu jew presibiteru ieħor, jinqara miċ-ċelebrant stess.[32]

35. Il-liturġija stess turina x'ġieħ kbir jistħoqqlu l-qari tal-Evanġelju. Infatti hi stess troddlu ġieħ aktar minn dak li tagħti lil-lezzjonijiet l-oħra, ġieħ li turih b' dawn il-modi: a) il-ministru li jkun se jxandru jħejji ruħu għalih b'barka jew talba speċjali; b) il-fidili jqumu bilwieqfa biex jisimgħuh u jwieġbu b'xi akklamazzjonijiet biex juru u jistqarru li Kristu jkun preżenti fosthom u qiegħed ikellimhom; u ċ) l-istess ktieb tal-Evanġelju jingħatawlu sinjali ta' ġieħ.

Il-kant bejn il-lezzjonijiet

36. Wara l-ewwel lezzjoni jiġi s-salm responsorjali, jew gradwal, li hu parti integrali mil-Liturġija tal-Kelma. Is-salm ordinarjament jittieħed mil-lezzjonarju għax hemm rabta kbira bejn il-lezzjoni u s-salm magħżul għaliha u għalhekk l-għażla tas-salm hi marbuta mal-lezzjonijiet. Madankollu biex it-tweġib salmodiku jkun jista' jsir aktar bil-ħeffa mill-poplu, għar-responsorji u s-salmi ġew magħżula xi testi skont iż-żmien tas-sena u skont l-ordni tal-Qaddisin; dawn it-testi jistgħu jintużaw minflok it-test li jikkorrispondi għal-lezzjoni kull meta s-salm jingħad kantat.

Il-kantur tas-salm jew salmista jgħid il-versett tas-salm mill-ambone jew post ieħor xieraq waqt li l-ġemgħa kollha tkun bilqegħda tisma', anzi ordinarjament tagħmel ukoll il-parti tagħha billi tgħid ir-ritornell sakemm is-salm ma jingħadx sħiħ mill-bidu sal-aħħar, bla ritornell.

Jekk it-test jitkanta, jista' jintuża sew is-salm responsorjali mniżżel fil-lezzjonarju jew il-gradwal mill-Gradwal Ruman, inkella s-salm responsorjali jew hallelujatiku mill-Gradwal sempliċi.

37. Wara t-tieni lezzjoni tiġi l-Hallelujah jew kant ieħor kif jitlob iż-żmien liturġiku.

a) L-Hallelujah tidħol dejjem barra r-Randan. Jibdiha kulħadd flimkien jew il-grupp tal-kant biss, jew il-kantur waħdu u skont il-każ tirrepeti ruħha. Il-versett jittieħed mil-lezzjonarju jew mill-Gradwal.

b) Il-kant l-ieħor jikkonsisti fil-versett qabel l-Evanġelju, jew salm ieħor, jew tratt kif jinsabu fil-lezzjonarju jew fil-Gradwal.

38. Meta qabel l-Evanġelju hemm lezzjoni waħda biss:

a) fiż-żmien li fih tingħad l-Hallelujah jista' jintuża jew is-salm bir-ritornell Hallelujah, jew is-salm u l-Hallelujah bil-versett tagħha, jew is-salm responsorjali biss, jew l-Hallelujah biss.

39. Is-salm ta' wara l-lezzjoni, jekk ma jitkantax jinqara b'mod reċitattiv iżda l-Hallelujah u l-versett qabel l-Evanġelju, jekk ma jitkantawx jistgħu jitħallew barra.

40. Is-sekwenza m'hix obbligatorja ħlief fl-Għid il-Kbir u f'Għid il-Ħamsin.

### L-Omelija

41. L-Omelija hi parti mil-Liturġija, irrakkomandata ħafna mill-Knisja;[33] hija tagħti għajnuna meħtieġa lill-ħajja nisranija. Jinħtieġ li l-omelija tkun it-tifsir ta' xi aspett mil-lezzjonijiet bibliċi li jkunu għadhom kemm inqraw, jew minn test ieħor tal-Ordinarju jew tal-Proprju tal-Quddiesa tal-ġurnata; dan it-tifsir jingħata fid-dawl tal-misteru li jkun qed jiġi ċċelebrat jew skont il-bżonn pastorali tas-semmiegħa.[34]

42. Fil-Ħdud u l-festi kmandati l-omelija ssir f'kull quddiesa li fiha jieħu sehem il-poplu; tajjeb li ssir ukoll fil-ġranet l-oħra, l-aktar matul l-Avvent u r-Randan kif ukoll f'festi u okkażżjonijiet oħra li fihom il-frekwenza tan-nies fil-knisja tkun akbar mis-soltu.[35]

L-omelija ordinarjament jagħmilha ċ-ċelebrant stess.

### Il-Kredu

43. Il-Kredu jew stqarrija tal-fidi, fil-Quddies jingħad biex il-poplu juri li jrid jaċċetta u jwieġeb għall-Kelma t'Alla li jkun sema' fil-lezzjonijiet u tfissritlu bl-omelija, kif ukoll biex kulħadd jiftakar x'tgħallmu l-fidi qabel ma jibda jiċċelebra l-Ewkaristija.

44. Il-Kredu jingħad mis-saċerdot u l-poplu flimkien fil-Ħdud u s-solennitajiet; jista' jingħad ukoll f'ċelebrazzjonijiet speċjali aktar solenni mis-soltu.

Jekk jitkanta, ordinarjament jitkanta minn kulħadd flimkien jew versett min-naħa u versett mill-oħra.

### It-talba tal-fidili

45. Fit-talba tal-fidili jew talba universali, il-poplu jaqdi l-uffiċċju saċerdotali tiegħu u jitlob għall-bnedmin kollha. Jiswa jekk din it-talba tingħad ordinarjament fil-Quddies li fih jieħu sehem il-poplu ħalli hekk isir talb għall-Knisja Mqaddsa, għal dawk li għandhom is-setgħa jiggvernawna, għal dawk li jinsabu f'xi bżonn, għall-bnedmin kollha u għas-salvazzjoni tad-dinja.[36]

46. Is-sensiela tal-intenzjonijiet ordinarjament tintiseġ hekk:

a) għall-bżonnijiet tal-Knisja;

b) għal dawk li għandhom f'idejhom il-Gvern tal-pajjiż u għas-salvazzjoni tad-dinja kollha;

c) għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jinsabu f'xi hemm tal-ħajja;

d) għall-komunità tal-post.

F'ċelebrazzjonijiet partikolari, bħalma hi l-Griżma jew iż-Żwieġ, jew Funeral, is-sensiela ta' intenzjonijiet jista' jkollha iżjed rabta ma' dik l-okkażjoni partikolari.

47. Id-daħla u l-għeluq tat-talba tal-fidili huwa uffiċċju tas-saċerdot ċelebrant; għalhekk imiss lilu jistieden lill-fidili għaliha u jgħid it-talba tal-għeluq. Jaqbel jekk l-intenzjonijiet jgħidhom id-djaknu jew il-kantur jew xi ħadd ieħor.[37] Wara kull intenzjoni, il-poplu jwieġeb

b'xi invokazzjoni minn kulħadd flimkien jew billi jinżamm ftit skiet.

## Ċ. Il-Liturġija tal-Ewkaristija

48. Fl-ikla tiegħu tal-aħħar, Kristu waqqaf is-Sagrifiċċju jew l-Ikla tal-Għid. B'dan is-Sagrifiċċju, is-Sagrifiċċju tas-Salib isir dejjem preżenti fil-Knisja billi s-saċerdot, f'isem Kristu Sidna jġedded l-isess għemil li l-Mulej innifsu għamel u ordna lid-dixxipli tiegħu biex jibqgħu jagħmlu b'tifkira tiegħu.[38]
Kristu ħa l-ħobż u l-kalċi, radd il-ħajr, qasam u ta lid-dixxipli tiegħu, u qal: Ħudu, kulu, ixorbu; dan huwa Ġismi; dan hu l-Kalċi ta' Demmi. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi. Għalhekk il-Knisja qassmet iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija ewkaristika f'taqsimiet li jwieġbu għal dawn l-istess kelmiet u azzjonijiet ta' Kristu. Infatti:
1) Fit-thejjija tal-offerti, fuq l-altar jinġiebu l-ħobż u l-inbid bl-ilma, jiġifieri l-istess elementi li Kristu ħa f'idejh.
2) Fit-talba ewkaristika jintradd il-ħajr lil Alla għall-opra kollha tas-salvazzjoni, u l-offerti jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.
3) Il-qsim ta' ħobża waħda juri l-għaqda tal-fidili ħaġa waħda bejniethom u fit-tqarbin il-fidili jirċievu l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej xorta waħda kif għamlu l-Appostli minn idejn Kristu nnifsu.

### It-tħejjija tal-offerti

49. Il-liturġija ewkaristika tibda billi fuq l-artal jinġiebu l-offerti li mbagħad bil-konsagrazzjoni jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.
L-ewwelnett jitħejja l-altar, jew il-mejda tal-Mulej, li hi ċ-ċentru tal-liturġija ewkaristika kollha;[39] l-altar jitħejja billi fuqu jitqiegħed il-korporal, il-purifikatur, il-kalċi u l-missal.
Imbagħad jinġiebu l-offerti; xieraq ħafna li l-fidili stess jitilgħu bl-offerti tal-ħobż u tal-inbid u jippreżentawhom lis-saċerdot jew lid-djaknu; dawn joqogħdu f'xi mkien adatt biex jirċevuhom u mbagħad iqegħduhom fuq l-altar waqt li jingħadu l-formoli ordnati għal dan ir-rit. Il-ħobż u l-inbid iddestinati għall-użu liturġiku l-fidili ma jagħtuhomx minn tagħhom kif kien isir fl-imgħoddi, madakollu r-rit tal-għotja tagħhom mill-fidili lis-saċerdot ma tilef xejn mill-qawwa u t-tifsira spiritwali tiegħu.
Jekk il-fidili joffru flus jew doni oħra, jew issir xi ġabra fil-knisja, dawn jittellgħu wkoll u jiġu aċċettati biex jingħataw lill-fqar jew jitħallew għall-bżonnijiet tal-knisja u għalhekk jitqiegħdu f'post adatt barra mill-mejda ewkaristika.
50. Waqt il-purċissjoni bl-offerti jsir il-kant għall-offertorju għallinqas sa mal-offerti jitqiegħdu fuq l-altar. Ir-regoli tal-kant għall-introjtu (n.26) jgħoddu wkoll għall-kant tal-offertorju.
51. Wara li l-offerti jitqiegħdu fuq l-altar, is-saċerdot jista' jinċensa kemm lilhom u kemm l-istess artal, biex hekk ifisser li l-offerta u t-talb tal-Knisja jitilgħu quddiem Alla bħala nċens ifuħ. Wara dan imbagħad, id-djaknu jew ministru ieħor jista' jinċensa wkoll lis-saċerdot u lill-poplu.
52. Imbagħad is-saċerdot jaħsel idejh; dan ir-rit ifisser ix-xewqa tas-safa spiritwali.
53. Wara t-tqegħid tal-offerti fuq l-altar u wara r-riti li jsieħbu din l-azzjoni, is-saċerdot jistieden lill-fidili biex jitolbu flimkien miegħu u jgħid it-talba fuq l-offerti. Dan iservi bħala għeluq tat-tħejjija tal-offerti u t-thejjija għat-Talba Ewkarisika.

### It-Talba Ewkaristika

54. Imbagħad tibda dik it-taqsima li hi ċ-ċentru u l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha, it-Talba Ewkaristika, jiġifieri t-talba ta' radd il-ħajr u ta' tqaddis. Is-saċerdot jistieden lill-poplu biex kulħadd jerfa' qalbu lejn Alla, bit-talb u r-radd ta' ħajr; huwa jsieħeb miegħu lll-ġemgħa f'din it-talba li hu, f'isem l-għaqda kollha tal-fidili, jagħmel lil Alla l-Missier permezz ta' Ġesù Kristu. Is-sens ta' din it-talba hu li l-ġemgħa kollha tal-fidili tingħaqad ma' Kristu biex flimkien miegħu tfaħħar lil Alla għall-għemejjel kbar tiegħu u toffrilu s-sagrifiċċju.
55. L-elementi l-kbar tat-Talba Ewkaristika huma dawn li ġejjin:
a) Ir-radd il-ħajr (imfisser l-aktar fil-prefazju), meta s-saċerdot, f'isem il-poplu qaddis, isebbaħ lil Alla l-Missier u jiżżih ħajr għall-opra tas-salvazzjoni kollha kemm hi jew xi aspett partikolari tagħha, skont il-ħsieb tal-liturġija tal-ġurnata jew tal-festa jew taż-żmien li jaħbat.
b) L-akklamazzjoni, meta l-ġemgħa kollha tingħaqad mal-qtajja tas-sema u tfaħħar lil Alla Qaddis, Qaddis, Qaddis.

Din l-akklamazzjoni li hi parti mill-istess Talba Ewkaristika, jgħidha l-poplu kollu flimkien mas-saċerdot.

ċ) L-epiklesi, li biha l-Knisja tagħmel talb speċjali lil Alla biex bil-qawwa tiegħu jqaddes id-doni offerti lilu mill-bnedmin ħalli jsiru għalina l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u biex il-vittma bla tebgħa, li l-fidili jirċivu fit-tqarbin, tkun ta' salvazzjoni għal kull min jieħu sehem minnha.

d) Ir-rakkont tat-twaqqif tas-sagrifiċċju u l-konsagrazzjoni, meta bl-istess kliem u għemil ta' Kristu, jiġġedded is-sagrifiċċju mwaqqaf minn Kristu nnifsu bl-Ikla tiegħu tal-aħħar, dakinhar li offra Ġismu u Demmu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid tahom lill-Appostrli biex jieklu u jixorbu minnhom u ordnalhom biex jibqgħu jagħmlu l-istess misteru f'kull żmien.

e) L-anamnesi, li biha l-Knisja, biex tobdi l-ordni li rċiviet mingħand il-Mulej permezz tal-Appostli, iġġedded it-tifkira tal-istess Kristu u fuq kollox tfakkar il-Passjoni mbierka, il-Qawmien glorjuż mill-imwiet u t-Tlugħ tiegħu fis-sema.

f) L-offerta, meta waqt din l-istess tifkira, l-Knisja, u l-iżjed dik li tkun miġmugħa hemm f'dak il-ħin, toffri l-Vittma bla tebgħa lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu. Iżda l-fehma tal-Knisja hi li l-fidili mhux biss joffru l-Vittma bla tebgħa, imma jitgħallmu wkoll joffru lilhom infushom lil Alla, biex permezz ta' Kristu, il-Medjatur tagħna, jingħaqdu dejjem iżjed fl-għaqda sħiħa ma' Alla u bejniethom, sakemm fl-aħħar Alla jsir kollox f'kollox.[40]

g) L-interċessjonijiet: dawn ifissru li ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika hija azzjoni li ssir f'xirka waħda mal-Knisja kollha kemm hi, sew tas-sema u sew tal-art u li l-offerta tas-sagrifiċċju ssir għall-istess Knisja u għall-membri kollha tagħha, ħajjin u mejtin, għax ilkoll huma msejħa biex jieħdu sehem fil-fidwa u s-salvazzjoni li Ġesu' Kristu kisbilhom bis-sagrifiċċju ta' Ġismu u Demmu.

h) Id-dissoloġija tal-aħħar, jiġifieri l-kelmiet li bihom, fl-aħħar tat-Talba Ewkaristika, tingħata glorja lil Alla. L-akklamazzjoni tal-poplu ssaħħaħ u tagħlaq dan ir-rit tal-aħħar.

It-Talba Ewkaristika trid li kulħadd joqgħod jismagħha bil-qima fis-skiet u li l-ġemgħa kollha tieħu sehem fiha permezz tal-akklamazzjonijiet maħsuba għalihom fl-istess rit.

## Ir-Rit tat-Tqarbin

56. Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika hija l-Ikla tal-Għid tal-Mulej. Għalhekk il-fidili mħejjija tajjeb ikunilhom ta' ġid jekk, skont il-kmandament tal-Mulej, jersqu jirċievu l-Ġisem u d-Demm tiegħu b'ikel spiritwali tagħhom.[41] Hu għalhekk li jsir il-qsim tal-ħobż u r-riti l-oħra tat-tħejjija li bihom il-fidili jitressqu għat-Tqarbin. Dawn ir-riti huma:

a) Il-Missierna: hija t-talba tal-Mulej u fiha nitolbu 'l Alla biex jagħtina l-ħobża tal-kuljum, li lill-insara jfakkarhom fil-ħobż ewkaristiku u biex jaħfrilna dnubietna, ħalli l-ħwejjeġ qaddisa nirċevuhom tassew bil-qdusija. Is-saċerdot jistieden lill-fidili għal din it-talba u lkoll jgħiduha flimkien miegħu; imbagħad hu waħdu jżid l-emboliżmu li l-poplu jagħlaq bid-dissoloġija. L-emboliżmu hu t-talba li tfisser aktar fit-tul l-aħħar talba tal-Missierna; fiha s-saċerdot jitlob biex il-ġemgħa kollha tal-fidili tkun meħlusa mis-siegħa tal-ħażin. L-istedina, it-talba stess, l-emboliżmu u d-dissoloġija tal-għeluq jistgħu jew jitkantaw jew jingħadu b'leħen ċar.

b) Imbagħad isir ir-rit tal-paċi: il-fidili jitolbu lil Alla biex jagħti s-sliem u l-għaqda lill-Knisja u lill-familji kollha tal-bnedmin u jagħtu lil xulxin sinjal tal-imħabba ta' bejniethom qabel ma jersqu biex jieħdu sehem flimkien minn ħobża waħda.

Il-Konferenzi Episkopali jiddeterminaw il-mod kif isir dan ir-rit tal-paċi, skont id-drawwa tal-post.

c) Il-qsim tal-ħobż: fi żmien l-Appostli, l-azzjoni ewkaristika kollha ħadet isimha mill-qsim tal-ħobż magħmul minn Kristu fl-Ikla tiegħu tal-aħħar; dan ir-rit ma jsirx biss biex sempliċement ikun inqasam il-ħobż, imma wkoll biex ifisser li aħna, għalkemm aħna ħafna, insiru ġisem wieħed meta fit-tqarbin naqsmu bejnietna l-ħobża waħda tal-ħajja, li hu Kristu (1 Kor. 10, 17)

d) L-immissjoni: iċ-ċelebrant jixħet biċċa mill-ostja fil-kalċi.

e) Il-Ħaruf t'Alla: waqt il-qsim tal-ħobż u l-immissjoni, il-grupp tal-kant jew il-kantur jgħidu l-invokazzjoni Ħaruf t'Alla u l-poplu jwieġeb. Ordinarjament din l-invokazzjoni titkanta jew tingħad b'leħen għoli u tista' tibqa' tirrepeti ruħha kemm ikun hemm bżonn sa ma jispiċċa r-rit tal-qsim tal-ħobż; fl-aħħar tagħlaq bil-kelmiet: agħtina l-paċi.

f) It-tħejjija privata tas-saċerdot: is-saċerdot iħejji ruħu b'talba waħdu minn taħt l-ilsien. Il-fidili jagħmlu bħalu u jitolbu fis-skiet.

g) Imbagħad is-saċerdot juri lill-fidili l-Ħobż ewkaristiku li bih ikunu se jitqarbnu u jistedinhom għall-Mejda tal-Mulej; flimkien magħhom jagħmel att ta' umiltà, bi kliem meħud mill-Evanġelju.

h) Il-Knisja tixtieq ħafna li l-fidili jitqarbnu b'ostji kkonsagrati fl-istess Quddiesa, ħalli jidher aħjar is-sinjal li t-tqarbina hi sehem mill-istess sagrifiċċju li jkun qiegħed jiġi ċċelebrat.

i) Waqt it-tqarbin tas-saċerdot u l-fidili jsir il-kant tat-Tqarbin. Dan il-kant tal-fidili waqt it-tqarbin tagħhom ifisser li bħalma huma magħquda leħen wieħed flimkien, hekk ukoll huma ruħ waħda bejniethom u li b'qalbhom ferħana qegħdin iħossu iżjed li huma lkoll aħwa resqin flimkien biex jirċievu l-Ġisem ta' Kristu. Il-kant jibda meta jitqarben is-saċerdot u jibqa' sejjer waqt it-tqarbin tal-fidili skont ma jitolbu ċ-ċirkostanzi. Jekk isir xi kant ieħor wara li jispiċċa t-tqarbin kollu, il-kant ta' waqt it-tqarbin jieqaf f'ħin adatt.
Tista' tintuża jew antifona mill-Gradwal Ruman jew antifona mill-Gradwal sempliċi bis-salm tagħha, jew kant ieħor approvat mill-Konferenza Episkopali. Dawn jitkantaw jew mill-grupp tal-kant weħidhom inkella minn dan il-grupp jew mill-kantur flimkien mal-poplu.
Jekk ma jsirx kant tingħad l-antifona tat-tqarbin li hemm fil-Missal; jgħiduha l-fidili stess jew xi wħud minnhom, jew il-lettur; jekk ma jgħidha ħadd minn dawn jaqraha s-saċerdot stess wara li jitqarben, qabel ma jersaq iqarben lill-fidili.

j) Wara t-tqarbin ta' kulħadd, is-saċerdot u l-fidili jistgħu jagħmlu talba qasira fis-skiet ta' qalbhom. Jista' wkoll jitkanta minn kulħadd flimkien innu jew salm jew kant ieħor ta' tifħir.

k) Fit-talba wara t-tqarbin is-saċerdot jitlob lil Alla biex ixerred fuq kulħadd il-ġid tal-misteru ċċelebrat. Il-poplu jingħaqad fehma waħda miegħu f'din it-talba u jwieġeb: Ammen.

## D) Ir-rit tal-għeluq

57. Ir-rit tal-għeluq jitqassam hekk:

a) It-tislima u l-barka tas-saċerdot; f'xi ġranet u okkażżjonijiet partikolari, il-barka tingħata skont formula aktar solenni jew qabilha tingħad talba għall-poplu.

b) Il-liċenzjament: id-djaknu, jew is-saċerdott stess jekk ma jkunx hemm djaknu, jibgħat lil kulħadd fis-sliem biex il-fidili joħorġu u jingħataw għall-ħidma tajba tagħhom u jfaħħru u jbierku lill-Mulej.

# KAP. III
# L-UFFIĊĊJU U L-MINISTERI FIL-QUDDIESA

58. Fil-ġemgħa miġbura għall-Quddiesa kull wieħed u waħda mill-fidili għandu l-jedd u d-dmir għas-sehem tiegħu, skont l-ordni u l-uffiċċju li għandu.[43] Għalhekk, kulħadd, ministri u fidili, huwa u jaqdi l-uffiċċju tiegħu, għandu jagħmel dak biss u dak kollu li kull wieħed imissu jagħmel,[44] hekk li l-istess tqassim taċ-ċelebrazzjoni jagħti dehra tal-II Knisja mqaddsa fl-ordnijiet u l-ministeri diversi tagħha.

## I L-UFFIĊĊJU U L-MINISTERI TAL-ORDNI SAGRU

59. Il-mexxej ta' kull ċelebrazzjoni ewkaristika leġittima huwa l-Isqof, li jaqdi dan l-uffiċċju personalment jew permezz tal-presbiteri li jgħinuh.[45]
Jekk l-Isqof ikun preżenti f'Quddiesa ċċelebrata bis-sehem tal-poplu, jixraq li hu jippresiedi u kemm jista' jkun, isejjaħ lill-presbiteri biex jikkonċelbraw miegħu.
Dan isir mhux biex ikabbar is-solennità esterna tar-rit, imma biex juri f'dawl aqwa l-misteru tal-Knisja li hi sagrament tal-għaqda.[46]
Jekk l-Isqof ikun preżenti u ma jiċċelebrax l-Ewkaristija hu, imma jħalli 'l ħaddieħor iqaddes, jixraq li l-Isqof stess imexxi l-Liturġija tal-Kelma kif ukoll ir-riti tal-għeluq fl-aħħar tal-Quddiesa.

60. Fix-xirka tal-fidili, l-presbiteru hu mogħni bis-setgħa mqaddsa tal-Ordni Sagru biex joffri s-sagrifiċċju f'isem Kristu.[47] Għalhekk huwa wkoll jippresiedi fuq il-poplu u t-talb tal-ġemgħa, ixandrilhom l-aħbar tas-salvazzjoni, isieħeb il-poplu miegħu fl-offerta tas-sagrifiċċju li jsir permezz ta' Ġesu' Kristu fl-Ispirtu s-Santu lil Alla l-Missier, iqassam il-ħobż tal-ħajja ta' dejjem lil ħutu u hu stess jieħu sehem minnu flimkien magħhom. Għalhekk, il-presbiteru, meta jiċċelera l-Ewkaristija, għandu jaqdi lil Alla u lill-poplu bid-dinjità u l-umilta': l-istess imġieba tiegħu u l-mod kif ixandar il-kelma t'Alla għandhom iġiegħlu lill-fidili jħossu l-preżenza ħajja ta' Kristu.

61. Id-djaknu huwa l-ewwel wieħed fost il-ministri. Sa mill-bidu tal-Knisja, l-ordni tad-djakni kien jingħatalu ġieħ kbir. Fil-Quddiesa, id-djaknu jkun jaqdi l-uffiċju proprju tiegħu meta jxandar l-Evanġelju u xi drabi jfisser ukoll il-kelma t'Alla, meta jmexxi lill-fidili waqt it-talba universali, iservi lis-saċerdot, iqarben – l-aktar bil-kalċi, u xi drabi jagħmel sinjal lill-poplu biex jurihom kif għandhom joqgħodu u jġibu ruħhom.

## II. L-UFFIĊĊJU U D-DMIR TAL-POPLU T'ALLA

62. Fil-Quddiesa, il-fidili huma l-poplu qaddis t'Alla, poplu miksub u saltna ta' qassisin. Huma jinġabru ġemgħa waħda biex iroddu ħajr lil Alla, joffrulu l-Vittma bla tebgħa, mhux biss permezz tas-saċerdot, iżda joffruha wkoll huma stess flimkien mas-saċerdot, kif ukoll jitgħallmu jagħmlu l-offerta tagħhom infushom lil Alla.[48] Huma għandhom ifittxu li dan kollu jagħmluh fl-ispirtu tar-rabta sħiħa tagħhom ma' Alla u f'għaqda ta' mħabba ma' ħuthom li jkunu qegħdin jieħdu sehem magħhom fl-istess ċelebrazzjoni.
Għalhekk huma għandhom jaħarbu kull xorta ta' singularità jew ta' firda bejniethom u jżommu quddiem għajnejhom li lkoll xorta waħda għandhom l-istess Missier wieħed fis-sema u għalhekk huma lkoll aħwa bejnitehom.
Ilkoll kemm huma jagħmlu ġisem wieħed għaliex waħda u l-istess hija l-Kelma t'Alla li jisimgħu, xorta waħda jieħdu sehem fit-talb u l-kant u fuq kollox waħda u l-istess hi l-offerta tas-sagrifiċċju u l-ikla li jaqsmu bejniethom mill-Mejda tal-Mulej. Din l-għaqda li tagħmilhom ħaġa waħda bejniethom, tidher fis-sbuħija kollha tagħha billi l-fidili fil-Quddiesa jġibu ruħhom ilkoll l-istess u jżommu l-uniformità f'kollox.
Kull darba li jiġu mitluba biex jagħmlu xi servizz, ħadd mill-fidili m'għandu jibqa' lura, imma jersqu b'qalb ferħana biex jaqdu lill-poplu t'Alla u fil-Quddiesa jagħtu s-servizz partikulari li jkun mitlub minnhom.

63. Fost il-fidili, il-grupp tal-kant jew il-kor, għandu l-uffiċċju liturġiku partikulari tiegħu, jiġifieri li jkanta tajjeb il-biċċiet li jmissu lilu, skont il-kant li jkun u jgħin lill-fidili l-oħra biex jieħdu parti attiva fil-kant.[49] Dak kollu li jingħad hawnhekk għall-grupp tal-kant, jgħodd ukoll għall-mużiċisti l-oħra, l-aktar għall-organista, kulħadd skont il-mod tiegħu.

64. Xieraq li jkun hemm kantur, jew direttur tal-kor ħalli jmexxi u jgħin lill-poplu fil-kant. Anzi fejn ma jkunx hemm grupp tal-kant ikun imiss lill-kantur imexxi l-kant u l-poplu li jieħu sehem fih.[50]

## III. MINISTERI PARTIKULARI

65. L-akkoltu jirċievi l-ministeru tiegħu biex jagħti servizz lill-altar u jgħin lis-saċerdot u lid-djaknu. L-aqwa uffiċċju tiegħu hu li jħejji l-altar u t-tagħmir imqaddes tiegħu, kif ukoll iqarben lill-fidili bħala ministru straordinarju tat-tqarbin.

66. Il-lettur jirċievi l-ministeru tiegħu biex jaqra l-lezzjonijiet bibliċi, barra l-Evanġelju. Huwa jista' wkoll jgħid l-intenzjonijiet tat-talba tal-fidili u jekk ma jkunx hemm is-salmista, jaqra s-salm bejn il-lezzjonijiet.

Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika l-lettur għandu l-uffiċċju proprju tiegħu, ukoll jekk ikun lajk. Dan l-uffiċċju għandu jaqdih hu stess, saħansitra jekk ikun hemm ministri oħra ogħla minnu fil-grad.

Jinħtieġ li l-lettur ikun tassew jinqala għall-uffiċċju mogħti lilu, u jitħejja għalih bil-għaqal, ħalli l-fidili, huma u jisimgħuh jaqra l-kelma t'Alla, jitħeġġu b'imħabba ħajja u qawwija għall-Iskrittura Mqaddsa.[51]

Jekk ma jkunx hemm irġiel jinqalgħu biex jagħmluha ta' letturi, il-Konferenza Episkopali tista' tagħti l-permess biex il-lezzjonijiet ta' qabel l-Evanġelju u l-intenzjonijiet tat-talba tal-fidili jinqraw minn mara li tkun tinqala' għal dan l-uffiċċju.

67. L-uffiċċju tas-salmista hu li jaqra s-salm jew versetti bibliċi oħra bejn lezzjoni u oħra. Is-salmista, biex jaqdi sewwa l-uffiċċju tiegħu, jeħtieġlu jkun jinqala' tassew biex jissalmeġġja u jkun jaf jaqra tajjeb u ċar.

68. Barra minn dawn li semmejna hemm ministri oħra: xi wħud minnhom jagħtu s-servizz tagħhom fuq il-presbiterju; oħrajn barra mill-presbiterju.

Fost dawk li jagħtu s-servizz tagħhom fuq il-presbiterju hemm dawk li jnewwelu jew iżommu l-missal, is-salib, ix-xemgħat, il-ħobż, l-inbid, l-ilma u ċ-ċensier.

Fost l-oħrajn hemm:

a. Il-kummentatur, li bit-tifsir tiegħu jħejji lill-fidili u jgħinhom biex jifhmu sewwa ċ-ċelebrazzjoni. Jinħtieġ li l-kummentatur iħejji bir-reqqa xi jkun se jgħid u t-twissijiet tiegħu jkunu ċari u bla kliem żejjed. Huwa u jaqdi l-uffiċċju tiegħu joqgħod f'xi mkien tajjeb quddiem in-nies, iżda ma jitlax fuq l-ambone.

b. Dawk li skont id-drawwa f'xi pajjiżi, jilqgħu lill-fidili fil-bieb tal-knisja, juruhom fejn għandhom joqogħdu u jieħdu ħsieb l-ordni fil-purċissjonijiet tagħhom.

ċ. Dawk li jiġbru l-offerti tal-fidili.

69.Jaqbel li jkun hemm wieħed li jagħmilha ta'ċerimonier, l-aktar fil-knejjes il-kbar u fil-komunitajiet imdaqqsin; hu jieħu ħsieb u jqassam tajjeb iċ-ċerimonji mqaddsa, biex kull ħaġa ssir kif jixraq, bl-ordni u l-ġabra, minn min imissu jagħmilha.

70. Il-lajċi rġiel, ukoll jekk ma jkunux irċivew il-ministeru, jistgħu jagħmlu s-servizzi kollha li huma proprji tal-ministri ta' grad inqas mid-djakni. Is-servizzi li jsiru barra mill-presbiterju jistgħu jaqduhom ukoll in-nisa, skont il-ġudizzju għaqli tar-rettur tal-knisja.

71. Jekk ikun hemm tnejn jew iżjed kapaċi jaqdu l-istess servizz, jistgħu jqassmuh bejniethom biex kull wieħed minnhom jagħmel parti diversa mill-istess ministeru. Ngħidu aħna, djaknu wieħed jieħu l-parti tal-kant u l-ieħor iservi fuq l-altar; jekk ikun hemm aktar minn lezzjoni waħda, lettur wieħed jaqra lezzjoni u ieħor l-oħra; u hekk il-bqija.

72. Jekk fil-Quddiesa mal-poplu jkun hemm ministru wieħed biss, hu stess jista' jagħmel servizzi diversi.

73. Dawk kollha li b'xi mod jieħdu parti f'ċelebrazzjoni liturġika għandhom jiftehmu bejniethom u jitħejjew għaliha qalb waħda flimkien u jaħsbu sewwa għar-rit, għall-kant u l-mużika u għal dak kollu li hu ta' nteress pastorali; kollox jitħejja taħt it-tmexxija tar-rettur tal-knisja u wieħed iqis is-suġġerimenti li jagħmlu l-fidili għal dawk il-ħwejjeġ li fihom jidħlu huma direttament.

## KAP. IV
## FOROM DIVERSI TAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-QUDDIESA

74. F'kull knisja lokali l-aqwa forma ta' Quddiesa hi dik li għaliha jippresiedi l-Isqof tal-post, imdawwar bil-presbiteri u l-ministri tiegħu,[52] u li fiha l-poplu qaddis t'Alla jieħu sehem sħiħ u attiv. Din iċ-ċelebrazzjoni tieħu bil-ħaqq kollu l-ewwel post minħabba t-tifsira għolja tagħha, għax turi dehra speċjali tal-Knisja.

75. Ġieħ kbir jistħoqqilha wkoll il-Quddiesa ċċelebrata bis-sehem ta' xi komunità, l-aktar parrokkjali, għax biha tkun irrappreżentata l-Knisja universali, miġbura f'post u ħin determinat, l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Ħadd.[53]

76. Fost il-quddies ċelebrat mill-komunitajiet għandha post partikolari l-Quddiesa Konventwali, li hi biċċa mill-uffiċċju ta' kuljum, jew dik li jsejħulha l-"quddiesa tal-komunità". Iċ-ċelebrazzjoni ta' dawn il-quddisiet ma għandha ebda forma speċjali, iżda jixraq tassew li ssir bil-kant u l-iżjed li fiha jieħdu sehem sħiħ il-membri kollha tal-komunità sew reliġjużi sew kanoniċi. F'dan il-quddies kull membru tal-komunità għandu jaqdi l-uffiċċju tiegħu skont skont l-Ordni jew il-ministeru li rċieva. Jaqbel li f'dan il-Quddies, kemm jista' jkun, jikkonċelebraw il-presbiteri kollha wkoll dawk li l-ġid pastorali tal-fidili jobbligahom iqaddsu kull wieħed waħdu.[64] Barra minn dan, kull membru ta' dik il-komunità kemm jekk hu saċerdot u kemm jekk m'huwiex saċerdot jista' jitqarben biż-żewġ speċi.

## I. IL-QUDDIESA MAL-POPLU

77. Il-Quddiesa mal-poplu hi dik li ċ-ċelebrazzjoni tagħha ssir bis-sehem tal-fidili. Din il-Quddiesa, l-aktar fil-Ħdud u l-festi kkmandati, jixraq li kemm jista' jkun issir bil-kant u b'numru biżżejjed ta' ministri,[55] iżda tista' wkoll issir mingħajr kant u b'ministru wieħed.

78. Jaqbel jekk is-saċerdot, ordinarjament ikollu miegħu lettur, kantur u għall-anqas ministru wieħed biex iservih: f'dak kollu li jingħad hawnhekk, din il-forma ta' Quddiesa tissejjaħ "tipika"; fiċ-ċelebrazzjoni tagħha, kif se nfissru aktar 'il quddiem, wieħed jista' wkoll idaħħal numru akbar ta' ministri.
Id-djaknu jista' jaqdi l-uffiċċju tiegħu f'kull forma ta' ċelebrazzjoni.

79. L-altar ikun mgħotti almenu bi dvalja waħda. Fuqu, jew madwaru, jitqiegħdu l-kandlieri bix-xemgħat mixgħula; jitqiegħdu għallinqas tnejn iżda jistgħu jkunu erbgħa jew sitta, jew jekk iqaddes l-Isqof tad-djoċesi, sebgħa. Fuq l-altar ukoll jew fil-qrib, ikun hemm kurċifiss. Il-kandlieri u l-kurċifiss jistgħu jinġiebu fil-purċissjoni tal-introjtu. Il-ktieb tal-Evanġelji, distint mill-ktieb tal-lezzjonijiet l-oħra, jista' jitqiegħed fuq l-altar ukoll jekk ma jinġiebx fil-purċissjoni tal-introjtu.

80. Fuq il-presbiterju jitħejjew:
a) Ħdejn is-sedja tas-saċerdot: il-missal u jekk ikun hemm bżonn il-ktieb tal-kant.
b) Fuq l-ambone: il-ktieb tal-lezzjonijiet.
ċ) Fuq il-kredenza: il-kalċi, il-korporal, il-purifikatur u jekk tintuża, il-palla; il-patena, il-pissiedi jekk jinħtieġ, il-ħobż għat-tqarbin tas-saċerdot, tal-ministri u tal-poplu, ampulluzza bl-inbid u oħra bl-ilma, jekk dan kollu ma jtellgħuhx il-fidili fl-offertorju; u l-meħtieġ għall-ħasil tal-idejn. Il-kalċi jitgħatta bis-suprakalċi li jista' jkun abjad dejjem.

81. Fis-sagristija, skont ma jkun mitlub mill-forma taċ-ċelebrazzjoni, jitħejjew il-paramenti mqaddsa tas-saċerdot u tal-ministri:
a) Għas-saċerdot: alba, stola u pjaneta.
b) Għad-djaknu: alba, stola u dalmatika; f'każ ta' bżonn, jew fi ġranet anqas solenni, id-dalmatika tista' ma tintlibisx.
c) Għall-ministri l-oħra: albi jew spellizzi.
Min jilbes l-alba jilbes ukoll ċinglu u amittu, jekk ma jintużax mod ieħor minn flokhom.

## A. FORMA TIPIKA

### Ir-riti tal-bidu

82. Wara li l-poplu jinġema', is-saċerdot u l-ministri, lebsin il-paramenti mqaddsa jmorru lejn l-altar u jimxu f'din l-ordni:

a) Il-ministru biċ-ċensier imqabbad, jekk dan jintuża.

b) Il-ministri bix-xemgħat mixgħula u l-kruċiferarju f'nofshom, fil-każ li x-xemgħat jinġiebu fil-purċissjoni; ministri oħra jekk ikun hemm.

c) Il-lettur, li jista' jtella' miegħu il-ktieb tal-Evanġelju.

d) Is-saċerdot ċelebrant.

Is-saċerdot qabel jibda miexi jixħet l-inċens fiċ-ċensier, jekk ikun se jintuża.

83. Waqt il-purċissjoni lejn l-altar isir il-kant tal-introjtu, kif intqal fin-nn 25-26.

84. Kif jaslu quddiem l-altar, is-saċerdot u l-ministri jsellmu b'inklinazzjoni profonda; jew jekk ikun hemm it-tabernaklu bis-Santissmu, jagħmlu ġenuflessjoni.

Il-Kurċifiss, jekk ikun inġieb fil-purċissjoni, jitqiegħed ħdejn l-altar jew xi kien ieħor adatt; ix-xemgħat li jinġiebu mill-ministri jitqiegħdu maġenb l-altar jew fuq il-kredenza; il-ktieb tal-Evanġelju jitpoġġa fuq l-altar.

85. Is-saċerdot jitla' fuq l-altar u jbusu bil-qima; imbagħad jista' jinċensah mad-dawra kollha tiegħu.

86. Wara dan, is-saċerdot imur quddiem is-sejda u kif jintemm il-kant tal-introjtu, waqt li kulħadd ikun bilwieqfa, irodd is-salib flimkien mal-fidili billi huwa jgħid: Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu ul-poplu jwieġeb: Ammen.

Imbagħad is-saċerdot, b'wiċċu lejn in-nies, jiftaħ idejh u jsellem lill-poplu b'waħda mill-formoli proposti. Wara t-tislima hu stess, jew ministru ieħor kapaċi, jista' jgħid kelmtejn qosra ħafna lill-fidili biex idaħħalhom fl-ispirtu tal-Quddiesa tal-ġurnata.

87. Imbagħad isir l-att penitenzjali u warajh jingħadu l-Mulej Ħniena u l-Glorja skont ir-rubriki (ara n-nn 30-31). Il-Glorja jista' jibdiha s-saċerdot stess jew il-kanturi jew kulħadd flimkien.

88. Wara mbagħad is-saċerdot jgħaqqad idejh ma' xulxin u jistieden lill-poplu għat-talb billi jgħid: Nitolbu, u kulħadd flimkien mas-saċerdot jagħmel ftit waqtiet ta' talb fis-skiet. Is-saċerdot imbagħad jiftaħ idejh u jgħid il-kolletta, li għaliha l-poplu jwieġeb: Ammen.

### Il-Liturġija tal-Kelma

89. Wara l-kolletta l-lettur imur fuq l-ambone u jgħid l-ewwel lezzjoni waqt li kulħadd ikun bilqiegħda jisma'; wara l-lezzjoni l-lettur jgħid: Il-Kelma tal-Mulej, u kulħadd iwieġeb: Irroddu ħajr lil Alla.

90. Imbagħad, is-salmista jew il-kantur jew il-lettur stess, jgħid is-salm responsorjali u l-poplu jwieġeb bir-ritornell (ara n-n.36)

91. Jekk ikun hemm lezzjoni oħra qabel l-Evanġelju, tinqara bl-istess mod kif hemm imfisser fin-n. 89.

92. Imbagħad tingħad jew titkanta l-Ħallelujah jew kant ieħor kif jitlob iż-żmien liturġiku. (ara n-nn. 37-39).

93. Waqt l-Hallelujah jew kant ieħor, is-saċerdot jixħet l-inċens fiċ-ċensier jekk jintuża. Imbagħad jgħaqqad idejh ma' xulxin, imur quddiem l-altar, jitbaxxa u jgħid fis-skiet: Naddafli qalbi.

94. Jieħu l-ktieb tal-Evanġelju minn fuq l-altar, jekk ikun qiegħed hemm, u jmur fuq l-anbone, bil-ministri mexjin quddiemu; dawn jistgħu jieħdu magħhom iċ-ċensier u x-xemgħat mixgħula.

95. Fuq l-ambone s-saċerdot jiftaħ il-ktieb u jgħid: Il-Mulej Magħkom, wara t-tweġiba tal-poplu jgħid: Qari mill-Evanġelju, waqt li jagħmel is-sinjal tas-salib l-ewwel fuq il-ktieb u mbagħad fuq fommu u fuq sidru u jinċensa l-ktieb jekk jintuża' l-inċens. Wara l-akklamazzjoni tal-poplu, ixandar l-Evanġelju. Fl-aħħar jgħid: Il-Kelma tal-Mulej u l-poplu jwieġeb: Tifħir lilek, Kristu. Imbagħad is-saċerdot ibus il-ktieb u jgħid: Bit-tagħlim tal-Evanġelju nitnaddfu minn dnubietna.

96. Jekk ma jkunx hemm lettur, is-saċerdot stess jista' jaqra l-lezzjonijiet kollha minn fuq l-ambone, kif ukoll il-kant ta' warajhom jekk ikun hemm bżonn. F'dan il-każ, waqt li jkun fuq l-ambone jixħet l-inċens fiċ-ċensier, jekk jintuża, u hemmhekk ukoll jitbaxxa u jgħid: Naddafli qalbi.

97. L-omelija ssir mis-sedja jew mill-istess ambone.

98. Il-Kredu jgħidu s-saċerdot flimkien mal-poplu (ara n-n. 44) Fil-kelmiet: U ħa l-Ġisem ecc, kulħadd jitbaxxa; imma fil-festi tal-Lunzjata u tal-Milied kulħadd jgħidhom għarkubbtejh.

99. Imbagħad issir it-talba tal-fidili bis-sehem tal-poplu, kif hemm imfisser fin-nn.45-47; is-saċerdot jippresiedi għaliha minn fuq is-sedja tiegħu jew minn fuq l-ambone.

## Il-liturġija ewkaristika

100. Wara t-talba tal-fidili jibda l-kant tal-offertorju (ara n-n. 50). Il-ministri jqiegħdu l-korporal, il-purifikatur, il-kalċi u l-missal fuq l-artal.

101. Jaqbel jekk il-fidili, bħala sinjal tas-sehem tagħhom itellgħu l-offerti tal-ħobż u tal-inbid għall-Ewkaristija jew offerti oħra li jservu għall-ħtiġijiet tal-knisja u tal-foqra.

Is-saċerdot, bl-għajnuna tal-ministri jirċievi l-offerti: il-ħobż u l-inbid għall-ewkaristija jitqiegħdu fuq l-altar u l-offerti l-oħra jitpoġġew f'post adatt.

102. Fuq l-altar, is-saċerdot jieħu l-patena bil-ħobż minn id il-ministru, b'idejh it-tnejn iżommha merfugħa kemmkemm 'il fuq f'nofs l-altar u fl-istess ħin jgħid il-formola tal-offerta tal-ħobż. Imbagħad jerġa' jqiegħed il-patena tal-ħobż fuq il-korporal.

103. Jersaq fil-ġenb tal-altar, il-ministru jnewwillu l-impuluzzi u hu jixħet l-inbid u ftit ilma fil-kalċi, waqt li fis-skiet jgħid il-formola preskritta. Jerġa' jmur fin-nofs, b'idejh it-tnejn iżomm il-kalċi merfugħ kemmkemm 'il fuq f'nofs l-altar u fl-istess ħin jgħid il-formola tal-offerta tal-kalċi. Imbagħad jerġa' jqiegħdu fuq il-korporal u jekk ikun hemm bżonn, jgħattih bil-palla.

104. Wara dan, is-saċerdot jitbaxxa u fis-skiet jgħid: Ilqagħna, Mulej.

105. Jista' mbagħad jinċensa l-offerti u l-altar u l-ministru jinċensa lis-saċerdot u lill-poplu.

106. Wara t-talba Ilqagħna Mulej, jew wara l-inċensazzjoni, is-saċerdot imur fil-ġenb ta' l-altar, il-ministru jsawwablu l-ilma u hu jaħsel idejh u jixxuttahom waqt li jgħid il-formola preskritta.

107. Jerġa' jmur f'nofs l-altar u b'wiċċu lejn il-poplu, jiftaħ u jagħlaq idejh filwaqt li jistieden lill-poplu għat-talb billi jgħid: Itolbu ħuti eċċ. Il-poplu jwieġbu: Jilqa' l-Mulej, eċċ u mbagħad hu jiftaħ mill-ġdid idejh u jgħid it-talba fuq l-offerti, li għaliha l-poplu jwieġeb: Ammen.

108. Imbagħad is-saċerdot jibda t-talba ewkaristika. B'idejh miftuħa jgħid: Il-Mulej magħkom, u jkompli: Nerfgħu qlubna 'l fuq, b'idejh merfugħa, u jżid: Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna, b'idejh miftuħa. Il-poplu jwieġeb: Hekk sewwa u xieraq u s-saċerdot jgħid il-prefazju u fl-aħħar jgħaqqad idejh ma' xulxin u flimkien mal-ministri u l-poplu kollu jkanta jew jgħid b'leħen ċar: Qaddis-Imbierek (ara n-n. 55b).

109. Imbagħad ikompli t-talba ewkaristika skont ir-rubriki ta' kull waħda mit-talbiet.

Ftit qabel il-konsagrazzjoni, il-ministru, jekk tkun id-drawwa tal-pajjiż, jista' jagħmel sinjal bil-qanpiena lill-fidili; hekk ukoll jista' jdoqqha waqt l-ewwel u t-tieni elevazzjoni.

110. Fi tmiem it-talba ewkaristika, wara d-dossoloġija, is-saċerdot jgħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid it-twissija ta' qabel il-Missierna, imbagħad jiftaħ idejh u flimkien mal-poplu jgħid il-Missierna.

111. Wara l-Missierna jibqa' b'idejh miftuħa u hu waħdu jgħid l-emboliżmu Eħlisna, li għalih il-poplu jwieġeb: Għax tiegħek hi s-saltna eċċ.

112. Imbagħad is-saċerdot b'leħen ċar jgħid it-talba: Mulej Ġesu' Kristu li għidt, kif jispiċċa jiftaħ u jagħlaq idejh, ixandar il-paċi u jgħid: Il-paċi tal-Mulej eċċ u l-poplu jwieġbu. Wara dan is-saċerdot iżid: Agħtu l-paċi lil xulxin u l-fidili kollha jagtħu sinjal ta' paċi u mħabba lil xulxin skont id-drawwa użata fil-pajjiż. Is-saċerdot jagħti l-paċi lill-Ministri.

113. Jieħu l-ostja f'idejh, jaqsamha fuq il-patena u jixħet biċċa żgħira minnha fil-kalċi waqt li fis-skiet jgħid: Il-Ġisem flimkien mad-Demm. Sadattant il-kor u l-poplu jkantaw jew jgħidu l-Ħaruf t'Alla (ara nn. 56e).

114. Is-saċerdot waħdu jgħid fis-skiet it-talba: Mulej Ġesù Kristu, Bin Alla l-ħaj jew: Mulej Ġesù Kristu nitolbok.
115. Wara t-talba jagħmel ġenuflessjoni, iqum, jieħu f'idejh l-ostja, iżommha merfugħa kemmkemm 'il fuq b'idu l-leminija, bil-patena taħtha f'idu l-oħra u b'wiċċu lejn il-poplu jgħid: Dan hu l-Ħaruf t'Alla u flimkien mal-poplu jżid darba: Mulej, ma jistħoqqlix.
116. Is-saċerdot waħdu b'wiċċu lejn l-altar jgħid fis-skiet: Il-Ġisem ta' Kristu jħarisni għall-ħajja ta' dejjem u bil-qima kollha jitqarben bil-Ġisem ta' Kristu. Bl-istess mod jieħu l-kalċi u jgħid: Id-Demm ta' Kristu jħarisni għall-ħajja ta' dejjem, u bil-qima kollha jixrob id-Demm ta' Kristu.
117. Imbagħad jieħu l-patena jew il-pissidi u jersaq lejn dawk li jkunu se jitqarbnu; lil kull wieħed u waħda minnhom jurih l-ostja kemmkemm merfugħa quddiemu u jgħidlu: Il-Ġisem ta' Kristu. Dak iwieġeb: Ammen u jitqarben.
118. It-tqarbin biż-żewġ speċi jsir kif hemm imfisser fin-nn. 240-252.
119. Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben jibda l-kant tat-tqarbin, skont in-n. 56 i.
120. Wara li jqarben lil kulħadd, is-saċerdot jerġa' jmur fuq l-altar u jekk ikun baqa' xi frak jiġbru, jersaq fil-ġenb tal-altar jew imur ħdejn il-kredenza jippurifika l-patena jew il-pissidi fuq il-kalċi, imbagħad jippurifika l-istess kalċi u jimsħu bil-purifikatur. Jekk il-purifikazzjoni tkun saret fuq l-altar, il-ministri jieħu l-kalċi bil-patena u l-pissidi fuq il-kredenza. Iżda s-saċerdot, jekk irid, jista' jippurifika kollox wara l-Quddiesa meta joħroġ il-poplu, speċjalment jekk fit-tqarbin jintuża aktar minn pissiedi wieħed; f'dan il-każ, il-vażi sagri jitħallew fuq l-altar jew jittieħdu fuq il-kredenza, bil-korporal taħthom u mgħottijin kif jixraq, sa ma jiġu ppurifikati.
121. Wara l-purifikazzjoni, is-saċerdot jista' jerġa' jmur fuq is-sedja. Jista' jinżamm ftit skiet fil-ġabra minn kulħadd bilqiegħda, inkella jingħad kantiku ta' tifħir jew salm (ara n-n. 56 j).
122. Imbagħad is-saċerdot, wieqaf quddiem is-sedja jew fuq l-altar b'wiċċu lejn in-nies, jgħid: Nitolbu. Hawnhekk jista' jinżamm ftit skiet fil-ġabra jekk dan ma jkunx diġa' sar wara t-tqarbin. Wara dan, is-saċerdot jgħid it-talba b'idejh miftuħa u l-poplu jwieġeb: Ammen.

## Ir-rit tal-għeluq

123. Kif tispiċċa t-talba wara t-tqarbin, jekk ikun il-każ, is-saċerdot ixandar lill-poplu l-avviżi li forsi jkun hemm.
124. Imbagħad is-saċerdot jiftaħ idejh, isellem lill-poplu u jgħid: Il-Mulej magħkom, u l-poplu jwieġeb: U miegħek ukoll. Minnufih is-saċerdot iżid: Iberikkom eċċ, irodd is-salib fuq il-poplu u dan iwieġeb: Ammen. F'xi ġranet u okkażżjonijiet oħra, skont ir-rubriki, il-barka tista' tingħata b'forma aktar solenni, jew tingħad it-talba fuq il-poplu qabilha.
Wara l-barka s-saċerdot jgħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid: Morru fil-paċi ta' Kristu u kulħadd iwieġeb: Irroddu ħajr lil Alla.
125. Is-saċerdot ibus l-altar bħas-soltu, imbagħad isellem b'inklinazzjoni profonda flimkien mal-ministri jew b'ġenuflessjoni jekk ikun hemm it-tabernaklu bis-Santissmu u jidħol ġewwa.
126. Jekk wara l-Quddiesa ssir azzjoni liturġika oħra, ir-rit tal-għeluq jitħalla barra.

## A. L-UFFIĊĊJI TAD-DJAKNU

127. Meta jkun hemm id-djaknu u jaqdi l-uffiċċji tiegħu, kollox isir kif hemm imfisser fil-forma tipika tal-quddiesa, barra dan li ġej:
B'mod ġenerali, id-djaknu:
a) jassisti lis-saċerdot u jimxi maġenbu; b) fuq l-altar, iservih fil-kalċi u l-missal; ċ) fin-nuqqas tal-ministri l-oħra, l-uffiċċji tagħhom jagħmilhom hu jekk ikun hemm bżonn.

## Fir-rit tal-bidu

128. Huma u sejrin lejn l-altar, id-djaknu, liebes il-paramenti mqaddsa, bil-ktieb tal-Evanġelji f'idu, jimxi quddiem is-saċerdot; jekk ma jkollu xejn f'idejh jimxi maġenbu.
129. Isellem lill-altar flimkien mas-saċerdot; jitla' miegħu fuq l-altar, fejn iqiegħed il-ktieb tal-Evanġelji jekk ikun ġabu miegħu; u flimkien mas-saċerdot ibus l-altar. Jekk jintuża ċ-ċensier, jgħin lis-saċerdot biex dan iqiegħed l-inċens u jinċensa l-altar.

130. Imbagħad imur ħdejn is-sedja fimkien mas-saċerdot u joqgħod maġenbu u jservih f'li jkun jinħtieġ.

## Fil-liturġija tal-kelma

131. Waqt l-Hallelujah jew kant ieħor, id-djaknu jgħin lis-saċerdot iqiegħed l-inċens fiċ-ċensier jekk jintuża; imbagħad jagħmel inklinazzjoni quddiemu u b'leħen baxx jitolbu l-barka u jgħidlu: Missier nitolbok tberikni u jwieġeb Ammen wara li s-saċerdot ibierku. Imbagħd imur jieħu l-ktieb tal-Evanġelji minn fuq l-altar, jekk ikun qiegħed hemm, u jibqa' sejjer bih fuq l-ambone biex jaqrah; quddiemu jistgħu jimxu l-ministri bix-xemgħat mixgħula u l-inċens jaqbad, jekk ikun hemm min iservi. Kif jitla' fuq l-ambone isellem lin-nies, jinċensa l-ktieb u jxandar l-Evanġelju. Meta jispiċċa, ibus il-ktieb b'sinjal ta' ġieħ u jgħid waħdu minn taħt l-ilsien: Bit-tagħlim eċċ; imbagħad jerġa' jmur maġenb iċ-ċelebrant. Jekk ma jkunx hemm omelija u anqas Kredu, jista' jibqa' fuq l-ambone għat-talba tal-fidili, u l-ministri l-oħra jmorru f'posthom.

132. L-intenzjonijiet tat-talba tal-fidili jgħidhom id-djaknu minn fuq l-ambone, jew minn xi nkien ieħor adatt.

## Fil-liturġija ewkaristika

133. Fil-bidu tar-rit tal-offertorju, waqt li s-saċerdot ikun bilqiegħda, id-djaknu jħejji l-altar bl-għajnuna tal-ministri l-oħra, iżda l-vażi sagri jieħu ħsiebhom hu. Jgħin ukoll lis-saċerdot waqt li dan ikun jirċievi l-offerti u mbagħad fuq l-altar jagħtih f'idejh il-patena bil-ħobż. Fuq l-altar stess, jew fuq il-kredenza, iħejji l-kalċi bl-inbid u ftit ilma u jippreżentah lis-saċerdot. Imbagħad jekk jintuża ċ-ċensier, jgħin lis-saċerdot jinċensa l-offerti u l-altar u hu stess jew ministru ieħor, jinċensa lis-saċerdot u lill-poplu.

134. Waqt it-Talba Ewkaristika d-djaknu joqgħod ħdejn is-saċerdot, kemmxejn lura minnu, u x'ħin ikun hemm bżonn iservih fil-kalċi u l-missal.

135. Fl-aħħar tat-Talba Ewkaristika jitla' maġenb is-saċerdot għad-dissoloġija u jżomm il-kalċi merfugħ f'idejh waqt li s-saċerdot jagħmel l-istess bil-patena u bl-ostja sa ma l-poplu jwieġeb: Ammen.

136. Fir-rit tal-paċi, il-kelmiet: Agħtu l-paċi lil xulxin jgħidhom id-djaknu b'wiċċu lejn il-poplu, imbagħad wara li jirċievi l-paċi mingħand is-saċerdot hu stess jista' jagħtiha lil dawk il-ministri li jkunu l-eqreb lejh, biex dawn jgħadduha lill-oħrajn.

137. Jitqarben biż-żewġ speċi wara li jitqarben is-saċerdot u mbagħad jgħinu jqarben lill-poplu. Jekk il-ministri l-oħra u l-fidili jitqarbnu biż-żewġ speċi, id-djaknu jqarbinhom bil-kalċi u fl-aħħar jixrob li jifdal.

138. Wara li jitqarben kulħadd, id-djaknu jerġa' jitla' fuq l-altar flimkien mas-saċerdot, jekk ikun baqa' xi frak jiġbru, jieħu l-kalċi u l-vażi sagri l-oħra fuq il-kredenza u hemmhekk jippurifikahom u jqegħdhom sewwa f'posthom bħas-soltu, waqt li s-saċerdot ikun reġa' mar fuq is-sedja. Iżda l-purifikazzjoni tal-vażi sagri tista' ssir wara l-Quddiesa meta joħroġ il-poplu; f'dan il-każ, id-djaknu jeħodhom fuq il-kredenza u jħallihom hemm fuq il-korporal u mgħottija kif jixraq.

## Fir-rit tal-għeluq

139. Kif tispiċċa t-talba wara t-tqarbin, jekk ikun il-każ, id-djaknu jxandar lill-poplu l-avviżi qosra li forsi jkun hemm, jekk is-saċerdot ma jagħżilx li jgħidhom hu stess.

140. Wara l-barka tas-saċerdot, id-djaknu jibgħat lill-poplu fis-sliem billi jgħid: Morru fil-paċi ta' Kristu.

141. Imbagħad flimkien mas-saċerdot ibus u jsellem lill-altar u jidħlu ġewwa bl-istess ordni li jkunu ġew.*

# II QUDDIES IKKONĊELEBRAT

## Tagħrif ta' Qabel

153. Il-konċelebrazzjoni turi sewwa l-unità tas-saċerdozju u tas-sagrifiċċju kif ukoll l-għaqda tal-poplu kollu t'Alla. Xi drabi l-obbligu li ssir il-konċelebrazzjoni jiġi mill-istess rit; imma tista' wkoll issir:

1) a) nhar Ħamis ix-Xirka, sew fil-Quddiesa tal-Griżma u sew f'dik ta' filgħaxija.

b) fil-Quddiesa li ssir fil-Konċilji, fil-laqgħat tal-Isqfijiet u fis-Sinodi;
ċ) Fil-Quddiesa tal-Barka tal-Abbati.

2) Barra minn dan, bil-permess tal-Ordinarju, għax hu għandu jiddeċiedi dwar l-opportunità tal-konċelebrazzjoni, tista' ssir ukoll:
a) fil-Quddiesa Konventwali; u fil-quddies prinċipali fil-knejjes u l-oratorji meta l-ġid tal-fidili ma jkunx jobblika lis-saċerdoti preżenti biex kull wieħed minnhom iqaddes waħdu mal-fidili;
b) fil-Quddies li jsir f'kull xorta ta' laqgħat tas-saċerdoti sew sekulari sew reliġjużi.[56]

154. Fejn hemm numru kbir ta' saċerdoti, is-superjur kompetenti jista' jippermetti li l-konċelebrazzjoni ssir iżjed minn darba fl-istess ġurnata, iżda f'ħinijiet jew postijiet sagri differenti.[57]

155. Skont ir-rit, hu l-Isqof li għandu jirregola l-prattika tal-konċelebrazzjoni fid-djoċesi tiegħu, ukoll fil-knejjes u fl-oratorji semi-pubbliċi ta' dawk li huma eżenti mill-ġurisdizzjoni tiegħu. Iżda mbagħad, id-deċiżjoni dwar l-opportunita' tal-konċelebrazzjoni u l-permess għaliha huma jedd ta' kull Ordinarju, kif ukoll tas-Superjur Maġġur ta' kull istitut klerikali mhux eżenti u ta' kull istitut klerikali ta' ħajja komunitarja mingħajr voti, kull wieħed għall-knejjes u l-oratorji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.[58]

156. Ħadd u qatt ma jiġi aċċettat biex jikkonċelebra jekk il-quddiesa tkun diġa' bdiet.[59]

157. Ġieħ kbir jistħoqqilha l-konċelebrazzjoni meta s-saċerdoti tad-djoċesi jikkonċelebraw mal-Isqof tagħhom, l-aktar nhar Ħamis ix-Xirka fil-Quddiesa tal-Griżma u fl-okkażżjoni ta' Sinodu
jew Viżta Pastorali. Għall-istess raġuni hi ta' min jirrakkomandaha l-konċelebrazzjoni kull meta ssir laqgħa tas-saċerdoti mal-Isqof tagħhom, fl-okkażżjoni ta' rtiri spiritwali jew laqgħat oħrajn għax f'ċirkostanzi bħal dawn ikun jidher ċar is-sinjal tal-unità tas-saċerdozju u tal-għaqda tal-Knisja, li hu s-sinjal proprju ta' kull konċelebrazzjoni.[60]

158. Xi drabi r-rit jew il-festa jkollhom minnhom infushom tifsira partikolari; għalhekk, għar-raġuni ta' din it-tifsira qiegħda tingħata s-setgħa lis-saċerdoti kollha biex, fil-każijiet li ġejjin, jiċċelebraw jew jikkonċelebraw aktar minn darba fl-istess ġurnata:

a) Nhar Ħamis ix-Xirka, min jiċċelebra jew jikkonċelebra fil-Quddiesa tal-Griżma, jista' wkoll jiċċelebra jew jikkonċelebra fil-Quddiesa ta' filgħaxija.

b) Min jiċċelebra jew jikkonċelebra fl-ewwel Quddiesa fil-lejl tal-Għid il-Kbir, jista' wkoll jiċċelebra jew jikkonċelebra fit-tieni quddiesa tal-Għid.

ċ) Fil-Milied kull saċerdot jista' jiċċelebra jew jikkonċelebra tliet Quddisiet, imma kull waħda minnhom trid titqaddes fil-ħin proprju tagħha.

d) Min jikkonċelebra mal-Isqof jew mad-delegat tiegħu fl-okkażżjoni tas-Sinodu jew ta' Viżta Pastorali jew laqgħat oħra tas-saċerdoti, jista' jiċċelebra Quddiesa oħra għall-ġid tal-fidili jekk l-Isqof jiddeċiedi hekk. Dan jgħodd ukoll għal-laqgħat tar-reliġjużi mal-Ordinarju tagħhom jew mad-delegat tiegħu, sakemm kollox isir kif titlob il-liġi.

159. Il-Quddiesa kkonċelebrata, f'kull forma tagħha, issir skont ir-regoli mogħtija għall-Quddiesa ċċelebrata minn wieħed waħdu, iżda bl-osservazzjonijiet u t-tibdiliet imfissra fin-numri li ġejjin.

160. Jekk fil-Quddiesa kkonċelebrata la jkun hemm id-djaknu u anqas ministri oħra biex jagħmlu s-servizz meħtieġ, l-uffiċċji tagħhom isiru minn xi wħud mil-konċelebranti.

## Ir-riti tal-bidu

161. Fis-sagristija, jew f'post ieħor adatt, il-konċelebranti jilbsu l-paramenti li soltu jintlibsu meta wieħed iqaddes waħdu. Iżda għal xi raġuni tajba, bħal meta l-konċelebranti jkunu ħafna, jew ma jkunx hemm paramenti biżżejjed, il-konċelebranti, imma qatt iċ-ċelebrant prinċipali, jistgħu ma jilbsux il-pjaneta, imma biss l-istola fuq l-alba.

162. Wara li jitħejja kollox kif imiss, issir bħas-soltu l-purċissjoni fil-knisja għall-altar. Il-presbiteri konċelebranti jimxu qabel iċ-ċelebrant prinċipali.

163. Meta jaslu fuq l-altar, il-konċelebranti u ċ-ċelebrant prinċipali jsellmu lill-altar u jitilgħu jbusuh; imbagħad imorru ħdejn is-sedji mħejjija għalihom. Iċ-ċelebrant prinċipali, qabel ma jmur ħdejn is-sedja tiegħu, jista' jinċensa l-altar.

Il-liturġija tal-kelma

164. Waqt il-liturġija tal-kelma, l-konċelebranti jibqgħu f'posthom u joqogħdu bilqiegħda jew bilwieqfa skont ma jkun imissu joqgħod iċ-ċelebrant prinċipali.

165. L-omelija ordinarjament issir miċ-ċelebrant prinċipali, jew minn wieħed mill-konċelebranti.

Il-liturġija ewkaristika

166. Ir-riti tal-offertorju jsiru miċ-ċelebrant prinċipali, waqt li l-konċelebranti l-oħra jibqgħu f'posthom.

167. Wara r-riti tal-offertorju l-konċelebranti jersqu lejn l-altar u jieqfu madwaru, iżda b'mod li l-fidili jistgħu jaraw tajjeb ir-rit imqaddes u ma jkunx hemm tfixkil għaċ-ċerimonji anqas għad-djaknu kull darba li jkollu jitla' fuq l-altar għas-servizz tiegħu.

168. Il-prefazju jgħidu ċ-ċelebrant prinċipali waħdu; iżda l-Qaddis ikantawh jew jgħiduh ilkoll flimkien mal-poplu u mal-grupp tal-kant.

169. Wara l-Qaddis, il-konċelebranti jkomplu t-talba ewkaristika kif se jitfisser fin-numri li ġejjin. Sakemm ma jingħadx xort'oħra fejn imiss, il-ġesti jagħmilhom iċ-ċelebrant prinċipali waħdu.

Kif tingħad it-Talba Ewkaristika

170. Il-kliem li jmisshom jgħidu flimkien, il-konċelebranti jgħiduh b'mod li l-leħen taċ-ċelebrant prinċipali jista' jinstema' ċar minn kulħadd ħalli b'hekk il-poplu jista' jifhem aħjar xi jkun jintqal.

A. It-Talba Ewkaristika I jew Kanone Ruman

171. It-talba Missier Ħanin, jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh miftuħa.

172. It-Tifkira tal-ħajjin tista' tingħad mill-ewwel konċelebrant waħdu, b'leħen ċar u b'idejh miftuħa; bl-istess mod tista' tingħad it-talba Imseħbin mit-tieni konċelebrant.

173. Ilqa' nitolbuk, jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh miftuħa.

174. Il-konċelebranti kollha jgħidu flimkien minn Bierek, O Mulej sa Miċ-ċokon tagħna, b'dan il-mod:

a) Bierek, O Alla, bl-idejn mifruxa fuq l-offerti;

b) Hu, awl il-lejl u Hekk ukoll, bl-idejn magħquda ma' xulxin;

c) Il-kliem tal-konsagrazzjoni, jekk jista' jkun, jingħad bl-id il-leminija mifruxa l-ewwel lejn il-ħobż u mbagħad lejn il-kalċi; xħin iċ-ċelebrant prinċipali jerfa' l-ostja u l-kalċi, il-konċelebranti l-oħra jħarsu lejhom, u mbagħad jagħmlu inklinazzjoni profonda waqt il-ġenuflessjoni taċ-ċelebrant prinċipali.

d) Għalhekk Mulej u Ixħet fuqhom jingħadu b'idejn miftuħa.

e) Miċ-ċokon tagħna, l-konċelebranti jgħiduha inklinati u bl-idejn ma' xulxin, sal-kelmiet id-Demm imqaddes ta' Ibnek; imbagħad jieqfu dritti u jroddu s-salib fil-kelmiet b'kull barka u grazzja tas-sema.

175. It-tifkira tal-mejtin tista' tingħad mill-ewwel konċelebrat waħdu, b'leħen ċar u b'idejh miftuħa; l-istess mod tista' tingħad it-talba Lilna wkoll midinbin mit-tieni konċelebrant.

176. Fil-kelmiet Lilna wkoll midinbin il-konċelebranti kollha jħabbtu fuq sidirhom.

177. Bi Kristu Sidna tingħad miċ-ċelebrant prinċipali waħdu.

178. It-talbiet kollha, minn Bierek, O Alla, sa Miċ-ċokon tagħna, kif ukoll id-dossoloġija tal-aħħar jistgħu jsiru bil-kant.

B) It-Talba Ewkaristika II

179. Qaddis tassew, jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh miftuħa.

180. Il-konċelebranti kollha jgħidu flimkien minn Qaddes għalhekk sa U miċ-ċokon tagħna b'dan il-mod:

a) Qaddes għalhekk bl-idejn mifruxa lejn l-offerti.

b) Li meta kien u Hekk ukoll bl-idejn magħquda ma' xulxin;

ċ) Il-kliem tal-konsagrazzjoni, jekk jista' jkun, jingħad bl-id il-leminija mifruxa l-ewwel lejn il-ħobż u mbagħad lejn il-kalċi; xħin iċ-ċelebrant prinċipali jerfa' l-ostja u l-kalċi, il-konċelebranti l-oħra jħarsu lejhom, u mbagħad jagħmlu inklinazzjoni profonda waqt il-ġenuflessjoni taċ-ċelebrant prinċipali.

d) Għalhekk aħna u Miċ-ċokon tagħna jingħadu bl-idejn miftuħa.

181. It-tifkira tal-ħajjin, Ftakar, Mulej tista' tingħad mill-ewwel konċelebrant waħdu, b'leħen ċar u b'idejh mituħa; bl-istess mod tista' tingħad it-tifkira tal-mejtin, Ftakar ukoll, mit-tieni konċelebrant.
182. Li meta kien se jingħata, Hekk ukoll, u Għalhekk aħna u nagħmlu dan, kif ukoll id-dissoloġija tal-aħħar jistgħu jsiru bil-kant.

A. It-Talba Ewkaristika III

183. Qaddis tassew jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh mituħa.
184. Il-konċelebranti kollha jgħidu flimkien minn Għalhekk Mulej, sa Ħares nitolbuk, b'dan il-mod:
a) Għalhekk, Mulej, bl-idejn mifruxa lejn l-offerti;
b) Għax Hu u Għalhekk ukoll, bl-idejn magħquda flimkien;
c) Il-kliem tal-konsagrazzjoni, jekk jista' jkun jingħad bl-id il-leminija mifruxa l-ewwel lejn il-ħobż u mbagħad lejn il-kalċi, x'ħin iċ-ċelebrant prinċipali jerfa' l-ostja u l-kalċi, l-konċelebranti l-oħra jħarsu lejhom, imbagħad jagħmlu inklinazzjoni profonda waqt il-ġenuflessjoni taċ-ċelebrant prinċipali;
d) Għalhekk, Mulej u Ħares nitolbuk jingħadu bl-idejn miftuħa.

185. Nitolbuk li Hu, tista' tingħad mill-ewwel konċelebrant waħdu, b'leħen ċar u b'idejh miftuħa; bl-istess mod Agħmel nitolbuk, tista' tingħad mit-tieni konċelebrant.
186. Għax hu, Hekk ukoll u Għalhekk Mulej, kif ukoll id-dissoloġija tal-aħħar jistgħu jsiru bil-kant.

A. It-Talba Ewkaristika IV

187. Infaħħruk jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh miftuħa.
188. Il-konċelebranti kollha jgħidu flimkien minn Nitolbuk għalhekk sa Ħares Mulej, b'dan il-mod:
a) Nitolbuk għalhekk, bl-idejn miftuħa lejn l-offerti;
b) Kif waslet u Hekk ukoll, bl-idejn magħquda ma' xulxin;
c) il-kliem tal-konsagrazzjoni, jekk jista' jkun, jingħad bl-id il-lemenija mifruxa lejn il-ħobż u mbagħad lejn il-kalċi; x'ħin iċ-ċelebrant prinċipali jerfa' l-ostja u l-kalċi, il-konċelebranti l-oħra jħarsu lejhom u mbagħad jagħmlu inklinazzjoni profonda waqt il-ġenuflessjoni taċ-ċelebrant prinċipali;
d) Għalhekk Mulej u Ħares Mulej, jingħadu bl-idejn miftuħa.
189. Ftakar mela Mulej, jista' jgħidha l-ewwel konċelebrant waħdu, b'leħen ċar u b'idejh miftuħa.
190. Kif waslet, Hekk ukoll u Għalhekk Mulej, kif ukoll id-dissoloġija tal-aħħar jistgħu jsiru bil-kant.

## Id-dissoloġija tal-aħħar

191. F'kull Talba Ewkaristika, id-dissoloġija tal-aħħar jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali, jew hu waħdu jew flimkien mal-konċelebranti l-oħra.

## Ir-rit tat-Tqarbin

192. Imbagħad iċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh magħquda ma' xulxin, jgħid it-twissija ta' qabel il-Missierna u b'idejh miftuħa jkompli l-Missierna flimkien mal-konċelebranti l-oħra u mal-poplu.

193. Eħlisna Mulej, jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu, b'idejh miftuħa. Il-konċelebranti kollha u l-poplu jwieġbu: Għax tiegħek hi s-saltna.

194. Id-djaknu jew wieħed mill-konċelebranti, jistieden lil kulħadd biex jagħtu l-paċi lil xulxin. Iċ-ċelebrant prinċipali jagħti l-paċi lill-ewwel konċelebrant li jkun l-aktar qrib tiegħu, imbagħad lid-djaknu.

195. Wara l-Ħaruf t'Alla xi wħud mill-konċelebranti jistgħu jgħinu liċ-ċelebrant prinċipali jaqsam l-ostji għat-tqarbin tal-konċelebranti u tal-poplu.

196. It-talba: Mulej Ġesu' Kristu, Bin Alla l-ħaj jew: Mulej Ġesu' Kristu nitolbuk, jgħidha ċ-ċelebrant prinċipali waħdu minn taħt l-ilsien.
197. Imbagħad iċ-ċelebrant prinċipali jagħmel ġenuflessjoni, iqum u jersaq kemxejn fil-ġenb. Il-konċelebranti wieħed wara l-ieħor, jitilgħu f'nofs l-altar, jagħmlu ġenuflessjoni u bil-qima kollha jieħdu l-Ġisem ta' Kristu minn fuq l-altar, iżommuh f'idejhom il-leminija u jiftħu x-xellugija taħtu u hekk jerġgħu jmorru f'posthom. Iżda l-konċelebranti, minflok ma jitilgħu huma stess f'nofs l-artal, jistgħu jibqgħu f'posthom, u ċ-ċelebrant prinċipali, jew xi ħadd jew xi wħud mill-konċelebranti, jgħaddi minn quddiemhom bil-patena u jqassmilhom il-Ġisem ta' Kristu, jew huma stess jgħaddu l-patena lil xulxin minn posthom.

198. Imbagħad iċ-ċelebrant prinċipali jieħu l-ostja, iżommha merfugħa kemmkemm ’il fuq b’idu l-leminija bil-patena taħtha f’idu l-oħra u b’wiċċu lejn il-poplu jgħid: Dan Hu l-Ħaruf t’Alla u flimkien mal-konċelebranti u l-poplu jżid darba: Mulej ma jistħoqqlix.
199. Wara dan, iċ-ċelebrant prinċipali b’wiċċu lejn l-altar, kif ukoll il-konċelebranti l-oħra, jgħidu weħidhom taħt l-ilsien: Il-Ġisem ta’ Kristu jħarisni għall-ħajja ta’ dejjem, u bil-qima kollha jitqarbnu. Imbagħad id-djaknu jirċievi l-Ġisem ta’ Kristu mingħand iċ-ċelebrant prinċipali.
200. It-tqarbin bid-Demm ta’ Kristu jista’ jsir jew direttament mill-kalċi, jew bil-qasba, jew bil-kuċċarina jew tixxarrab l-ostja fih.
201. Jekk isir direttament mill-kalċi, jista’ jintuża’ wieħed minn dawn il-metodi:
a) Iċ-ċelebrant prinċipali jieħu l-kalċi u minn taħt l-ilsien jgħid: Id-Demm ta’ Kristu jħarisni għall-Ħajja ta’ Dejjem, jixrob ftit u jagħti l-kalċi lid-djaknu jew lill-konċelebrant ta’ ħdejh. Imbagħad jinżel iqarben lill-fidili jew imur lejn is-sedja tiegħu. Il-konċelebranti, wieħed wieħed jew tnejn tnejn, jekk ikun hemm żewġ kalċijiet, jitilgħu fuq l-altar, jixorbu ftit mill-kalċi u mbagħad imorru lejn is-sedji tagħhom. Id-djaknu jew il-konċelebrant stess, jimsaħ il-kalċi bil-purifikatur wara kull tqarbina.
b) Iċ-ċelebrant prinċipali jitqarben bid-Demm bħas-soltu f’nofs l-altar. Il-konċelebranti jibqgħu f’posthom u d-djaknu jew wieħed mill-konċelebranti, inewwlilhom il-kalċi wieħed wieħed, wara xulxin jew huma stess jgħaddu l-kalċi lil xulxin minn posthom. Il-kalċi jintmesaħ kull darba bil-purifikatur minn min ikun għadu kemm tqarben jew minn dak li jkun imissu jitqarben. Kull wieħed, kif jitqarben, jerġa’ jmur lejn is-sedja tiegħu.
202. It-tqarbin bil-qasba jsir hekk: Iċ-ċelebranti prinċipali jieħu l-qasba u minn taħt l-ilsien jgħid: Id-Demm ta’ Kristu eċċ...; jixrob ftit mill-qasba u mbagħad biha stess jixrob ftit ilma minn tazza mħejjija apposta fuq l-altar biex hekk jippurifikaha u jqegħda fuq patena lesta għalhekk. Imbagħad iħalli l-kalċi f’nofs l-altar; jista’ wkoll id-djaknu jew wieħed mill-konċelebranti jqiegħed il-kalċi fuq korporal ieħor fin-naħa tal-lemin tal-altar. Ħdejn il-kalċi titqiegħed it-tazza bl-ilma u l-patena li semmejna. Il-konċelebranti jersqu wieħed wieħed, jieħdu kull wieħed il-qasba tiegħu u jixorbu mid-Demm u mbagħad jipprurifikawha u jqegħduha fuq il-patena kif ikun għamel iċ-ċelebrant prinċipali.
203. It-tqarbin bil-kuċċarina jsir kif isir bil-qasba; biss, wara li wieħed jitqarben, iħalli l-kuċċarina tiegħu f’tazza bl-ilma biex imbagħad, wara t-tqarbin ta’ kulħadd l-akkoltu jeħodha b’kollox fuq il-kredenza fejn jippurifika l-kuċċarini u jimsaħhom.
204. Wara l-konċelebranti kollha jitqarben bid-Demm id-djaknu; wara li jitqarben jixrob id-Demm kollu li jkun fadal u mbagħad jieħu l-kalċi fuq il-kredenza fejn jippurifikah, jimsħu u jlibbsu bħas-soltu.
205. Il-konċelebranti jistgħu wkoll jitqarbnu billi l-ewwel wieħed jitla’ fuq l-altar u jitqarben biż-żewġ speċi wara xulxin dak il-ħin stess, hekk ukoll jagħmlu wieħed wara l-ieħor il-konċelebranti l-oħra.
F’dan il-każ it-tqarbin isir bħal meta wieħed jitqarben waħdu; biss, it-tqarbin bil-kalċi jsir minn kulħadd bl-istess metodu, jiġifieri kulħadd jitqarben direttament mill-kalċi, jew kulħadd mill-qasba, jew kulħadd bil-kuċċarina. Wara li jitqarben iċ-ċelebrant prinċipali, il-kalċi jitqiegħed fuq korporal ieħor fin-naħa tal-lemin tal-altar. Imbagħad kull konċelebrant, wieħed wara l-ieħor, jitla’ f’nofs l-altar, jagħmel ġenuflessjoni, jitqarben bl-ostja u jersaq lejn il-lemin fejn jitqarben bid-Demm bl-istess metodu taċ-ċelebrant prinċipali.
It-tqarbina tal-ministri u l-purifikazzjoni tal-kalċi jsiru kif diġa’ fissirna.
206. Imma jekk il-konċelebranti jitqarbnu bl-ostja mxarrba fid-Demm, allura ċ-ċelebrant prinċipali jitqarben biż-żewġ speċi bħas-soltu u jħalli fil-kalċi Demm biżżejjed għat-tqarbin tal-konċelebranti. Imbagħad id-djaknu jew wieħed mill-konċelebranti, iqiegħed il-kalċi u l-patena bl-ostji fuq il-korporal l-ieħor fin-naħa tal-lemin tal-altar. Kull konċelebrant, wieħed wara l-ieħor, jitla’ fuq l-altar, jagħmel ġenuflessjoni, jieħu partikola u jxarrab tarf tagħha fid-Demm, iżomm il-patena taħt ilħitu u jitqarben b’dik l-istess partikola u mbagħad imur lejn is-sedja tiegħu.

Id-djaknu wkoll jitqarben bl-istess mod wara li jwieġeb Ammen liċ-ċelebrant prinċipali li jgħidlu: Il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Id-djaknu mbagħad jixrob id-Demm kollu li jkun fadal, jieħu l-kalċi fuq il-kredenza fejn jipprufikah, jimsħu u jlibbsu bħas-soltu.

### Ir-riti tal-għeluq

207. Il-bqija sal-aħħar tal-quddiesa, kollox isir bħas-soltu miċ-ċelebrant prinċipali, waqt li l-konċelebranti jibqgħu ħdejn is-sedji tagħhom.
208. Fl-aħħar iċ-ċelebrant prinċipali waħdu jbus l-altar, isellimlu flimkien mal-konċelebranti u lkoll jidħlu ġewwa bl-istess ordni li jkunu ġew.

## III IL-QUDDIESA MINGĦAJR IL-POPLU

### Tagħrif ta' qabel

209. B'Quddiesa mingħajr il-poplu nifhmu dik li tkun iċċelebrata is-saċerdot b'ministru wieħed biss miegħu biex jgħinu u jwieġbu.
210. B'mod ġenerali, ir-rit ta' din il-Quddiesa hu bħar-rit tal-Quddiesa mal-poplu; is-sehem tal-poplu, skont iċ-ċirkostanzi, jagħmlu l-ministru.
211. Il-Quddiesa ma titqaddisx mingħajr ministru ħlief f'każ ta' ħtieġa kbira. F'dan il-każ jitħalla barra t-tislim kollu lill-poplu, kif ukoll il-barka tal-aħħar.
212. Il-kalċi jitħejja qabel il-Quddiesa fuq il-kredenza maġenb l-altar jew fuq l-altar stess; il-missal jitqiegħed fuq l-altar fin-naħa tax-xellug.

### Ir-riti tal-bidu

213. Is-saċerdot jagħmel inklinazzjoni quddiem l-altar, irodd is-salib u jgħid: Fl-isem tal-Missier, eċċ, idur lejn il-ministru u jsellimlu skont waħda mill-formoli tas-soltu; imbagħad jieqaf f'riġlejn l-altar u jagħmel l-att penitenzjali.
214. Jitla' jbus l-altar, jersaq quddiem il-missal fin-naħa tax-xellug tal-altar u jibqa' hemm sat-talba tal-fidili.
215. Jaqra l-antifona tad-dħul u jgħid: Il-Mulej ħniena u l-Glorja, skont ir-rubriki.

216. Jgħaqqad idejh ma' xulxin, jgħid: Nitolbu u wara ftit skiet jaqra l-kolletta b'idejh miftuħa; il-ministru jwieġbu: Ammen.

### Il-liturġija tal-kelma

217. Wara l-kolletta, il-ministru jew is-saċerdot stess jaqra l-ewwel lezzjoni bis-salm responsorjali tagħha; jekk ikun hemm it-tieni lezzjoni jaqra lilha wkoll bl-Hallelujah jew il-versett ta' warajha.
218. Is-saċerdot fl-istess post jagħmel inklinazzjoni, jgħid: Naddafli qalbi u jaqra l-Evanġelju; fl-aħħar ibus il-ktieb, minn taħt l-ilsien jgħid: Bit-tagħlim tal-Evanġelju u l-ministru jwieġeb bl-akklamazzjoni.
219. Imbagħad jagħmel skont ir-rubriki, jgħid il-Kredu flimkien mal-ministru.
220. Tista' mbagħad issir it-talba tal-fidili f'din il-Quddiesa wkoll, l-intenzjonijiet jgħidhom is-saċerdot u l-ministru jwieġeb.

### Il-liturġija ewkaristika

221. Il-Ministru jqiegħed il-korporal, il-purifikatur u l-kalċi fuq l-altar jekk ma jkunux diġa' qegħdin hemm sa mill-bidu tal-Quddiesa.
222. It-tħejjija tal-ħobż u l-inbid bl-ilma u t-tqegħid tagħhom fuq l-altar isiru bħal fil-Quddiesa mal-poplu, bil-formoli ritwali li hemm fl-Ordni għall-Quddiesa. Imbagħad is-saċerdot jersaq lejn il-ġenb tal-altar u l-ministru jsawwablu l-ilma biex jaħsel idejh.
223. It-talba fuq l-offerti u t-talba ewkaristika jgħidhom skont ir-rit imfisser għall-Quddiesa tal-poplu.
224. Hekk ukoll jgħid il-Missierna u l-emboliżmu tagħha bħal fil-Quddiesa mal-poplu.
225. Wara t-tweġiba tal-ministru għall-emboliżmu, is-saċerdot jgħid: Mulej Ġesu' Kristu li għidt u Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom. Il-Ministru jwieġeb: U miegħek ukoll u s-saċerdot jagħtih il-paċi.

226. Imbagħad, waqt li jgħid il-Ħaruf t'Alla mal-ministru, is-saċerdot jaqsam l-ostja fuq il-patena; wara l-Ħaruf t'Alla jixħet biċċa minnha fil-kalċi u jgħid: Il-Ġisem flimkien mad-Demm.
227. Wara dan, is-saċerdot jgħid minn taħt l-ilsien it-talba Mulej Ġesu' Kristu, Bin Alla l-ħaj, jew Mulej Ġesu' Kristu nitolbuk, jagħmel ġenuflessjoni, iqum u jieħu l-ostja f'idejh. Jekk il-ministru jkun se jitqarben, is-saċerdot idur lejh, jurih l-ostja kemmkemm merfugħa 'l fuq mill-patena u jgħid: Dan hu l-Ħaruf t'Alla u flimkien miegħu jgħid darba: Mulej ma jistħoqqlix. Imbagħad idur lejn l-altar u jitqarben.
Jekk il-ministru ma jkunx se jitqarben, is-saċerdot, wara li jagħmel il-ġenuflessjoni jieħu l-ostja f'idu u b'wiċċu lejn l-altar jgħid darba minn taħt l-ilsien: Mulej ma jistħoqqlix, u jitqarben. It-tqarbin bid-Demm isir kif hemm imfisser fl-Ordni għall-Quddiesa mal-poplu.
228. Iċ-ċelebrant qabel ma jqarben lill-ministru jgħid l-antifona tat-tqarbin.
229. Il-purifikazzjoni tal-kalċi ssir fil-ġenb tal-altar, imbagħad il-ministru jmur iqiegħdu fuq il-kredenza, jew iħallih fuq l-altar fejn kien fil-bidu tal-Quddiesa.
230. Wara li jippurifika l-kalċi, s-saċerdot jista' jżomm ftit skiet qabel ma jgħid it-talba wara t-tqarbin.

### Ir-rit tal-għeluq

231. Ir-rit tal-għeluq isir bħal fil-Quddiesa mal-poplu, imma titħalla barra Morru fil-paċi ta' Kristu.

## REGOLI OĦRA AKTAR ĠENERALI GĦAL KULL FORMA TA' QUDDIESA

### Il-ġieħ lill-altar u lill-ktieb tal-Evanġelji

232. Skont it-tradizzjoni liturġika, il-ministri jfissru l-ġieħ li jagħtu lill-altar u lill-ktieb tal-evanġelji billi jbusuhom. Imma fejn dan ma jaqbilx sewwa mat-tradizzjonijiet u d-drawwiet lokali, il-Konferenza Episkopali tista' tiddetermina sinjal ieħor minflok il-bewsa u tgħarraf b'dan lis-Santa Sede.

### Il-ġenuflessjoni u l-inklinazzjoni

233. Fil-Quddiesa jsiru tliet ġenuflessjonijiet, jiġifieri: wara l-elevazzjoni tal-ostja, wara l-elevazzjoni tal-kalċi u qabel it-tqarbin.
Barra minn dan, jekk fil-presbiterju jkun hemm it-tabernaklu bis-Santissmu, il-ġenuflessjoni ssir ukoll qabel u wara l-Quddiesa u kull darba li wieħed jgħaddi minn quddiem is-Santissimu.
234. Hemm żewġ xorta ta' inklinazzjonijiet: waħda sempliċi, meta wieħed ibaxxi rasu; l-oħra profonda, meta wieħed jitbaxxa minn qaddu 'l fuq.
a) L-inklinazzjoni tar-ras issir meta jissemmew it-Tliet Persuni Divini flimkien u meta jissemma' l-isem ta' Ġesù, tal-Verġni Mqaddsa Marija u tal-Qaddis li għall-ġieħ tiegħu tkun qed issir il-Quddiesa.
b) L-inklinazzjoni profonda ssir lill-altar jekk ma jkunx hemm it-tabernaklu bis-Santissmu, fit-talbiet Naddafli Qalbi u Ilqagħna, Mulej; fil-Kredu waqt il-kelmiet: U ħa l-Ġisem; fit-talba tal-Kanone Ruman: Miċ-ċokon tagħna.
Id-djaknu wkoll jagħmel inklinazzjoni profonda huwa u jitlob il-barka qabel l-Evanġelju.
Is-saċerdot hu u jgħid il-kliem tal-konsagrazzjoni, jintlewa ftit 'il quddiem.

### L-inċensazzjoni

235. Iċ-ċensier, min jogħġbu jużah, jista' jintuża f'kull forma ta' Quddiesa:
a) fil-proċessjoni tad-dħul;
b) fil-bidu tal-Quddiesa, għall-inċensazzjoni tal-altar;
ċ) fil-proċessoni u x-xandir tal-Evanġelju;
d) fl-offertorju, għall-inċensazzjoni tal-offerti, tal-altar u tas-saċerdot u l-poplu;
e) fl-elevazzjoni tal-ostja u l-kalċi wara l-konsagrazzjoni.
236. Is-saċerdot jixħet l-inċens fiċ-ċensier u jbierku bis-sinjal tas-salib bla ebda formola oħra.
L-inċensazzjoni tal-altar issir hekk:
a) Jekk l-altar hu maqtugħ minn mal-ħajt, idur jinċensah mad-dawra kollha tiegħu;
b) Jekk mhux maqtugħ minn mal-ħajt, jgħaddi jinċensah min-naħa tal-lemin għan-naħa tax-xellug.
Jekk is-salib ikun fuq l-altar jew maġenbu, l-ewwel jinċensa lilu qabel l-altar; jekk ikun wara l-altar jinċensah x'ħin jasal quddiemu huwa u għaddej min-naħa għall-oħra

## Il-purifikazzjoni

237. Kemm il-darba teħel xi farka ta' ostja mas-swaba, l-aktar wara l-qsim tagħha jew wara t-tqarbin tal-fidili, is-saċerdot ifarfar subajħ fuq il-patena jew għall-bżonn ilaħlaħhom fl-ilma. Hekk ukoll jiġbor il-frak li jisa jkun hemm barra l-patena.

238. Il-vażi sagri jippurifikahom is-saċerdot jew id-djaknu wara t-tqarbin jew wara l-Quddiesa, kemm jista' jkun fuq il-kredenza. Il-kalċi jippurifikah bl-inbid u l-ilma jew bl-ilma biss li mbagħad jinxtorob mill-istess saċerdot jew djaknu. Il-patena jimsaħha bil-purifikatur bħas-soltu.

239. Jekk taqa' ostja jew partikola, tinġabar bil-qima kollha; imma jekk jinxtered xi ftit mid-Demm, il-post fejn jaqa' jinħasel bl-ilma u dan l-ilma mbagħad jinxteħet fis-sagrarju.

## It-tqarbin biż-żewġ speċi

240. Il-forma tat-tqarbin biż-żewġ speċi, minħabba s-sinjal tiegħu, hija forma aqwa. Għax f'din il-forma s-sinjal tal-ikla ewkarisitika jidher wisq aħjar, u fiha tifsira aktar ċara tar-rieda tal-Mulej meta b'Demmu stess ried iwettaq il-Patt il-ġdid u ta' dejjem u turina l-aħjar relazzjoni li hemm bejn il-medja ewkarisika u l-mejda eskatoloġika.[62]

241. Ir-ragħajja spiritwali jfittxu li jgħallmu lill-fidili, sew lil dawk li jitqarbnu biż-żewġ speċi u sew lil dawk li jkunu preżenti għal dan ir-rit u jfissrulhom mill-aħjar li jistgħu t-tagħlim tal-Konċilju Tridentin dwar il-forma tat-tqarbin imqaddes. Fuq kollox iwissuhom, li skont it-tagħlim tal-fidi kattolika, in-nisrani, wkoll meta jitqarben bi speċi waħda biss, jirċievi l-Kristu sħiħ kollu kemm hu u jieħu sagrament veru u għalhekk it-tqarbin bi speċi waħda ma jtellef xejn mill-frott sagramentali u ma jnaqqas ebda grazzja meħtieġa għas-salvazzjoni.[63]

Jgħallmuhom ukoll li l-Knisja dejjem tħares is-Sagramenti fis-sustanza kollha tagħhom; imma f'dik li hi amministrazzjoni tagħhom il-Knisja għndha s-setgħa li tiddetermina u tbiddel kif tiġġudika hi meta tara li ċ-ċirkustanzi u ż-żminijiet u l-postijiet jitolbu ħwejjeġ oħra aktar adatti għall-ġieħ tas-sagramenti u għall-ġid ta' min jirċevihom.[64] Fl-istess ħin ir-ragħajja spiritwali jħeġġu lill-fidili biex dejjem minn qalbhom jieħdu sehem fir-rit imqaddes li jurihom ċar is-sinjal tal-mejda ewkaristika.

242. Skont ma jiddeċiedi l-Isqof u bi tħejjija katakatika tajba, it-tqarbin bil-kalċi jista' jingħata:[65]

1) lin-neofiti adulti, fil-Quddiesa ċċelebrata minnufih wara l-Magħmudija tagħhom; lill-adulti li jirċievu l-Griżma fil-Quddiesa tal-Griżma tagħhom; lill-insara mgħammdin fir-rit tal-aċċettazzjoni tagħhom fix-xirka tal-Knisja;

2) lill-miżżewġin ġodda, fil-Quddiesa taż-żwieġ tagħhom;

3) lill-ordinati, fil-Quddiesa tal-Ordinazzjoni tagħhom;

4) lill-abatissa, fil-Quddiesa tal-barka tagħha; lill-verġni, fil-Quddiesa tal-konsagrazzjoni tagħhom; lill-professi, lill-ġenituri tagħhom, lil qrabathom u lil ħuthom ir-reliġjużi, fil-Quddiesa li fiha l-professi jagħmlu jew iġeddu l-ewwel professjoni jew jagħmlu l-professjoni perpetwa tagħhom;

5) lill-missjunarji koadjuturi lajċi, fil-Quddiesa taċ-ċerimonja pubblika tat-tluq tagħhom; lil dawk li jirċivu missjoni ekkleżjastika, fil-Quddiesa li fiha tingħatlhom il-missjoni;

6) fil-Vjatku, lill-marid u lil dawk kollha li jkunu jieqfu miegħu, meta l-Vjatku jingħata fil-Quddiesa ċċelebrata fid-dar tal-marid kif hu permess mil-liġi;

7) lid-djaknu u lill-ministri li jkunu jaqdu l-uffiċċju tagħhom fil-Quddiesa bil-kant;

8) fil-konċelebrazzjoni:

a) lil dawk kollha, ukoll lajċi, li fl-istess konċelebrazzjoni jkunu jaqdu servizz tassew liturġiku kif ukoll lis-seminaristi kollha li jieħdu sehem fiha;

b) fil-knejjes u l-oratorji proprji tagħhom, lill-membri kollha tal-istituti li jipprofessaw il-kunsilji evanġeliċi; lill-membri ta' Soċjetajiet oħra li jingħataw 'l Alla bil-wegħdiet reliġjużi jew bl-offerta tagħhom infushom jew b'xi rabta oħra; lil dawk kollha li lejl u nhar jgħixu mal-membri ta' dawn l-Istituti u Soċjetajiet;

9) lis-saċerdoti li jieħdu sehem f'ċelebrazzjonijiet kbar bla ma jkunu jistgħu jiċċelebraw jew jikkonċelebraw fihom;

10) li dawk kollha li jkunu f'irtir spiritwali, fil-Quddiesa li ssir fl-istess irtir sewwa sew għal dawk li jkunu jieħdu sehem attiv fih; lil kull min jieħu sehem f'laqgħat u kungressi pastorali, fil-Quddiesa komunitarja tagħhom;

11) lil dawk li jissemmew fin-numru 2 u 4, fil-Quddiesa tal-ġublewijiet tagħhom;

12) lill-parrinijiet, lill-ġenituri, lill-parti l-oħra miżżewġa u lill-katekisti tal-lajċi adulti mgħammdin ġodda, fil-Quddiesa tal-Magħmudija tagħhom;

13) lill-ġenituri, lill-qraba u benefatturi kbar ta' saċerdot ġdid fil-festa tal-ewwel Quddiesa tiegħu;

14) lill-membri tal-komunitajiet, fil-Quddiesa konventwali jew "tal-komunità", skont in-n. 76 ta' dan l-Ordni ġenerali.

243. Għat-tqarbin biż-żewġ speċi jitħejja dan li ġej:

a) Jekk it-tqarbin bil-kalċi jsir bil-qasba, titħejja qasba tal-fidda kull wieħed għaċ-ċelebrant u għal kulmin se jitqarben, tazza bl-ilma għall-purifikazzjoni tal-qasab u patena biex jitqiegħdu fuqha;

b) Jekk isir bil-kuċċarina, titħejja kuċċarina waħda;

c) Jekk isir bl-ostja mxarrba fid-Demm, wieħed ifittex li l-ostji ma jkunux irqaq wisq jew żgħar ħafna, imma ftit eħxen mis-soltu, biex it-tarf tagħhom iżomm tajjeb meta jixxarrab bid-Demm u hekk it-tqarbin isir bla tifxkil xejn.

## 1. Ir-rit tat-tqarbin biż-żewġ speċi meta d-Demm jittieħed direttament mill-kalċi.

244. Jekk ikollu d-djaknu jew saċerdot ieħor jew l-akkoltu biex jassistih:

a) iċ-ċelebrant jitqarben bħas-soltu biż-żewġ speċi, iqis li fil-kalċi jħalli Demm biżżejjed għall-oħrajn u jimsaħ ix-xoffa tal-kalċi minn barra bil-purifikatur.

b) iċ-ċelebrant jagħti l-kalċi u l-prufikatur lill-assistenti tiegħu (djaknu jew saċerdot ieħor jew akkoltu) u hu jieħu l-patena jew il-pissidi bl-ostji u t-tnejn imorru fejn jistgħu jqarbnu sewwa lill-fidili;

c) min ikun se jitqarben jersaq bil-qima u jieqaf quddiem iċ-ċelebrant li jerfa' l-ostja quddiemu u jgħidlu: Il-Ġisem ta' Kristu; u hu jwieġbu Ammen u jitqarben.

d) Imbagħad jersaq u jieqaf quddiem l-assistent li jgħidlu: Id-Demm ta' Kristu u hu jwieġeb Ammen u l-assistent iressaqlu l-purifikatur u l-kalċi; jieħu l-purifikatur u jżommu taħt ilħitu, jista' wkoll b'idu stess iressaq il-kalċi lejn xofftejh u jixrob u joqgħod attent biex ma jxerred xejn mid-Demm; wara li jitqarben iwarrab u l-assistent jimsaħ ix-xoffa tal-kalċi minn barra bil-purifikatur;

e) jekk ikun hemm min se jitqarben bi speċi waħda biss, l-assistent, meta jispiċċa t-tqarbin bis-żewġ speċi, jitla' jqiegħed il-kalċi fuq l-altar; iċ-ċelebrant ikompli jitqarben u mbagħad jitla' fuq l-altar u hu stess jew l-assistent jixrob li jkun fadal mid-Demm u jippurifika bħas-soltu.

245. Jekk ma jkollu la djaknu, la saċerdot u anqas akkoltu biex jassistih:

a) iċ-ċelebrant jitqarben bħas-soltu biż-żewġ speċi, iqis li fil-kalċi jħalli Demm biżżejjed għall-oħrajn u jimsaħ ix-xoffa tal-kalċi minn barra bil-purifikatur;

b) imur fejn jista' jqarben sewwa lill-fidili; min ikun se jitqarben biż-żewġ speċi jersaq bil-qima u jieqaf quddiemu, jitqarben bl-ostja u jersaq kemmxejn fil-ġenb;

ċ) Meta kulħadd ikun tqarben bl-ostja, iċ-ċelebrant iqiegħed il-pissidi fuq l-altar u jieħu l-kalċi u l-purifikatur; it-tqarbin bil-kalċi jsir kif hemm imfisser fin-nn. 244 d;

d) Wara t-tqarbin bid-Demm ta' Kristu, iċ-ċelebrant iqiegħed il-kalċi fuq l-altar u jekk ikun hemm oħrajn għat-tqarbin bi speċi waħda, jinżel iqarbinhom bħas-soltu; jerġa' jitla' fuq l-altar, jixrob li jkun fadal mid-Demm u jippurifika bħas-soltu.

## 2. Ir-rit tat-tqarbin biż-żewġ speċi, bl-ostja mxarrba bid-Demm

246. Jekk ikollu d-djaknu jew saċerdot ieħor jew l-akkoltu biex jassistih:

a) iċ-ċelebrant jagħti l-kalċi u l-purifikatur lill-assistent u hu jieħu l-patena jew il-pissidi bl-ostji u t-tnejn imorru fejn jistgħu jqarbnu sewwa lill-fidili;

b) min ikun se jitqarben jersaq bil-qima u jieqaf quddiem iċ-ċelebrant waqt li jżomm il-plattin taħt ilħitu; iċ-ċelebrant ixarrab tarf l-ostja fil-kalċi, jurihielu u jgħidlu: Il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu; hu jwieġeb Ammen, jitqarben u jerġa' jmur f'postu.

c) It-tqarbin ta' min ikun se jitqarben bi speċi waħda, ix-xorb tad-Demm li jifdal u l-purifikazzjoni, kollox isir kif fissirna aktar 'l fuq.

247. Jekk ma jkollu la djaknu, la saċerdot ieħor u lanqas l-akkoltu biex jassistih:

a) iċ-ċelebrant, wara li jitqarben bid-Demm, jieħu l-pissidi jew patena bl-ostji bejn is-swaba l-werrej u tan-nofs ta' idu x-xellugija u l-kalċi bejn is-swaba l-kbir u l-werrej tal-istess id u jmur fejn jista' jqarben sewwa lill-fidili.

b) Min ikun se jitqarben jersaq bil-qima u jieqaf quddiem iċ-ċelebrant waqt li jżomm il-plattina taħt ilħitu u jitqarben kif hemm imfisser fin-n. 246 b;

ċ) Tista' wkoll titħejja mejda żgħira, mgħottija bi dvalja bajda u korporal fuqha, ħdejn l-ewwel tarġa tal-altar jew ħdejn il-kanċell u ċ-ċelebrant iqiegħed il-kalċi fuqha biex ikun jista' jqarben aħjar;

d) It-tqarbin ta' min ikun se jitqarben bi speċi waħda u l-bqija tar-rit, kollox isir kif fissirna aktar 'l fuq.

### 3. Ir-rit tat-tqarbin biż-żewġ speċi bil-qasba

248. Iċ-ċelebrant ukoll jużа' l-qasba biex jitqarben bid-Demm.

249. Jekk ikollu d-djaknu jew saċerdot ieħor jew akkoltu biex jassistih:

a) iċ-ċelebrant iqarben bl-ostja kif hemm imfisser fin-n. 244 b u c;

b) Min ikun qed jitqarben jersaq u jieqaf quddiem l-assistent li jgħidlu: Id-Demm ta' Kristu hu jwieġeb Ammen, jieħu qasba mingħand il-ministru li jkun fil-qrib apposta u biha jixrob ftit Demm mill-kalċi; joħroġ il-qasba mill-kalċi, joqgħod attent biex ma jxerred xejn mid-Demm u jersaq biex jipprufika l-qasba billi biha jixrob ftit ilma minn tazza li tkun f'id ministru ieħor wieqaf ħdejn l-assistent, imbagħad iqiegħed il-qasba f'tazza oħra li l-istess ministru jkollu f'idu l-oħra

250. Jekk ma jkollu la djaknu, la saċerdot ieħor u lanqas l-akkoltu biex jassistih, iċ-ċelebrant stess iressaq il-kalċi lil min ikun se jitqarben bil-qasba; mill-bqija jinżamm l-ordni li fissirna fin-n. 245 għat-tqarbin bil-kalċi. Maġenb iċ-ċelebrant ikun hemm ministru bit-tazza tal-ilma f'idu għall-purifikazzjoni tal-qasab.

### 4 Ir-rit tat-tqarbin biż-żewġ speċi bil-kuċċarina

251. Jekk iċ-ċelebrant ikollu d-djaknu jew saċerdot ieħor jew l-akkoltu biex jassistih, dan iżomm il-kalċi f'idu x-xellugija; min ikun se jitqarben jieqaf quddiemu bil-plattin taħt ilħitu u l-assistent wara li jgħidlu: Id-Demm ta' Kristu, iqarbnu b'mod li ma jmissx il-kuċċarina ma' xofftejh jew ma' lsienu.

252. Jekk ma jkollu la djaknu, la saċerdot ieħor u lanqas akkoltu biex jassistih, is-saċerdot stess iqarben lill-fidili, l-ewwel bl-ostja u mbagħad bid-Demm.

# KAP. V
# IL-KNISJA U T-TAGĦMIR TAGĦHA GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-EWKARISTIJA

## I. PRINĊIPJI ĠENERALI

253. Ġeneralment il-poplu t'Alla, biex jiċċelebra l-Ewkaristija jinġabar fil-knisja; jew jekk ma jkollux knisja, f'xi post tajjeb li jixraq lil misteru hekk kbir. Għalhekk il-knejjes, jew postijiet li jservu ta' knejjes għandhom ikunu adattati għaċ-ċelebrazzjoni mqaddsa u għas-sehem attiv tal-fidili. Dawn id-djar qaddisa u kull ħaġa marbuta mal-qima t'Alla iridu jkunu tassew xierqa u sbieħ u jidhru tabilħaqq li huma sinjali u simboli tal-ħwejjeġ tas-sema.[66]

254. Minħabba dan, il-Knisja qatt ma naqset li tfittex is-servizz nobbli tal-arti u hi taċċetta espressjonijiet artistiċi ta' kull poplu u post.[67] Mhux hekk biss, imma bħalma tħabrek biex taħres tajjeb l-opri u t-teżori artistiċi li rċiviet mill-imgħoddi,[68] u fejn hemm bżonn taddatahom għal ħtiġijiet ġodda, hekk ukoll tagħmel li tista' biex tmexxi 'l quddiem opri ġodda li jaqblu max-xejra taż-żmien li jkun għaddej.[69]
Għalhekk, fit-thejjija ta' xogħlijiet li jitolbu s-sengħa u fl-għażla ta' xi opra għall-knisja, wieħed għandu jfittex dak il-prestiġju tabilħaqq artistiku li jgħajjex il-fidi u t-tjieba u li jkun kapaċi jfisser dik i l-verita' li hi l-iskop tal-opra mixtieqa.[70]

255. Ikun aħjar jekk il-knejjes jiġu kkonsagrati b'rit solenni. Il-fidili juru r-rispett mistħoqq lill-kattidral tad-djoċesi u lill-knisja lokali tagħhom u jżommuhom bħala sinjal spiritwali ta' dik il-Knisja li huma obbligati jibnu u jkabbru ta' nsara li huma.

256. Dawk kollha li jieħdu ħsieb il-bini, it-tiswijiet u t-tagħmir tal-postijiet imqaddsa, biex ix-xogħol isir kif imiss għandhom ifittxu l-parir tal-Kummissjonijiet djoċesani tal-Liturġija u tal-Arti Sagra. L-Ordinarju lokali jinqeda bil-pariri u l-għajnuna tal-istess Kummissjonijiet biex jagħti d-direttivi tiegħu f'din il-materja jew biex japprova l-pjanti ta' knejjes ġodda, jew biex jiddeċiedi fi kwestjonijiet ta' ċerta importanza.[71]

## II. IT-TQASSIM TAL-ĠEMGĦA MQADDSA FIL-KNISJA

257. Il-poplu t'Alla jinġemgħa għall-Quddiesa f'ordni ġerariku iżda magħqud ħaġa waħda fih innifsu. Dan l-ordni jidher mill-istess ministeri u azzjonijiet diversi f'kull taqsima taċ-ċelebrazzjoni. Minħabba f'hekk jinħtieġ li l-post imqaddes, fil-pjan u t-tqassim tiegħu, ikun qisu xbieha tal-ġemgħa li tinġabar fih hekk li l-fidili ta' kull grad ikollhom il-post li jmiss lilhom u kulħadd ikun jista' jaqdi sewwa l-uffiċċju tiegħu.
Il-post li jingħata lill-fidili u lill-grupp tal-kant għandu jħaffilhom is-sehem attiv tagħhom.[72]
Is-saċerdot u l-ministri posthom hu fuq il-presbiterju, jiġifieri f'dik it-taqsima tal-knisja fejn jidher tajjeb l-uffiċċju ġerariku tagħhom u fejn kull wieħed minnhom jista' jaqdi sewwa l-ministeru tiegħu, kemm jekk jippresiedi t-talb, kemm jekk ixandar il-kelma t'Alla u kemm jekk iservi l-altar.
Dawn il-postijiet li semmejna, għalkemm għandhom iħallu jidhru t-tqassim ġerarkiku u l-ħafna xorta ta' ministeri, madankollu għandhom ukoll iġibu għaqda sħiħa tal-membri ħaġa waħda bejniethom, għaqda li biha jkun jidher ċar li l-poplu qaddis t'Alla hu kollu kemm hu wieħed fih innifsu. Barra minn dan, l-istess bini bit-tagħmir kollu tiegħu jkun magħmul u mżejjen b'mod li jqanqal it-tjieba tal-fidili u jixhed il-qdusija tal-misteri ċċelebrati fih.

## III IL-PRESBITERJU

258. Kemm jista' jkun, il-presbiterju jingħażel tajjeb mill-bqija tal-knisja, jew għax ikun ftit ogħla jew din l-għażla tkun tidher mill-istess bini u tiżjin tiegħu. U jkun kbir biżżejjed biex ir-riti mqaddsa jistgħu jsiru sewwa fuqu.[13]

## IV. L-ALTAR

259. L-altar hu l-post li fuqu jsir preżenti s-sagrifiċċj tas-salib taħt is-sinjali sagramentali; huwa wkoll il-mejda tal-Mulej li għaliha jissejjaħ il-poplu t'Alla biex jieħu sehmu minnha fil-Quddiesa u huwa ċ-ċentru tar-radd ta' ħajr li jingħata lil Alla bl-Ewkaristija.[74]

260. Fil-knisja jew kappella, iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika ssir fuq l-altar, fiss jew mobbli; barra mill-knisja jew kappella, l-aktar jekk ikun ħaġa ta' darba, tista' ssir ukoll fuq mejda xierqa, imma li dejjem ikollha fuqha dvalja u l-korporal.

261. L-altar huwa fiss jekk hu mibni ħaġa waħda mal-paviment hekk li ma jistax jinġarr minn post għal ieħor; hu mobbli jekk jista' jinġarr.

262. L-altar maġġur ikun maqtugħ minn mal-ħajt, hekk li wieħed jista' jdur id-dawra tiegħu u ċ-ċelebrazzjoni ssir biċ-ċelebrant wiċċu lejn il-poplu. L-altar jitqiegħed f'post li jagħmlu tassew iċ-ċentru li lejh għajnejn il-fidili weħidhom imorru, bla ebda sforz.[75]

Ordinarjament l-altar maġġur ikun fiss u kkonsagrat.

263. Il-mejda tal-altar fiss tkun tal-ġebla, u tal-ġebla naturali, minħabba t-tifsira tradizzjonali tagħha u skont id-drawwa tal-Knisja. Imma skont il-ġudizzju tal-Konferenza Episkopali, jista' wkoll jintuża għaliha materjal ieħor xieraq, sod u maħdum bis-sengħa.

Is-saqajn jew il-blokka li fuqu tkun il-mejda, jistgħu jkunu ta' kull materjal, imma xieraq u sod.

264. L-altar mobbli jista' jkun ta' kull materjal, sakemm dan ikun mill-aħjar u sod, tajjeb għall-użu liturġiku u jaqbel mat-tradizzjonijiet u d-drawwiet lokali.

265. L-altar, sew fiss jew mobbli, ikun ikkonsagrat skont ir-rit tal-Pontifikal Ruman; imma l-altar mobbli jkun almenu imbierek. Ma hemmx obbligu li titqiegħed l-irħama kkonsagrata fl-altar mobbli jew il-mejda li fuqha ssir iċ-ċelebrazzjoni barra mill-knisja jew kappella (ara n-n. 260).

266. Hemm id-drawwa li ġo l-altar jitqiegħdu fdalijiet imbierka ta' Qaddisin, ukoll jekk mhux martri. Tajjeb li din id-drawwa tibqa' sseħħ, imma wieħed irid ikun ċert li l-fdalijiet huma tassew tal-Qaddisin.

267. L-altari ż-żgħar laterali jkunu ftit: fil-knejjes jitqiegħdu f'kappelli b'xi mod maqtugħa mill-korsija tal-knisja.[76]

## V IT-TAGĦMIR TAL-ALTAR

268. Għall-ġieħ taċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tal-Mulej u tal-mejda li minnha nieħdu Ġismu u Demmu, fuq l-altar tinfirex għall-anqas dvalja waħda; it-tifsila, id-daqs u l-ornamenti tagħha jkunu jaqblu mal-altar.

269. Il-ġieħ u l-ferħ taċ-ċelebrazzjoni jitolbu li jkun hemm xemgħat mixgħula f'kull azzjoni liturġika; dawn jitqiegħdu jew fuq l-altar jew madwaru, skont l-għamla tal-altar u l-presbiterju ħalli kollox jidher f'armonija sħiħa u l-fidili ma jkollhomx xkiel biex jaraw sewwa kull ma jkun qed isir fuq l-altar.

270. Fuq l-altar jew fil-qrib, jitqiegħed ukoll salib li jkun jidher tajjeb mill-ġemgħa.

## VI IS-SEDJI TAĊ-ĊELEBRANT U TAL-MINISTRI JEW IL-POST TAL-PRESIDENZA

271. Is-sedja taċ-ċelebrant tkun sinjal tal-uffiċċju tiegħu bħala l-president tal-ġemgħa u mexxej tat-talb. L-aħjar ħaġa hi li s-sedja tkun tħares lejn il-poplu u titpoġġa f'ras il-presbiterju jekk il-post jippermetti; imma wieħed iqis ukoll ċirkustanzi oħrajn, ngħidu aħna d-distanza bejn is-saċerdot u l-fidili, biex ma jkunux imbiegħda wisq minn xulxin jew ma jiftehmux bejniethom. Is-sedja ma jkollha ebda xeħta ta' tron. Għall-ministri jitqiegħdu sedji f'post adatt għalihom biex jistgħu jaqdu sewwa l-uffiċċju tagħhom.[77]

## VII L-AMBONE JEW POST IX-XANDIR TAL-KELMA T'ALLA

272. Il-kelma t'Alla jistħoqqilha ġieħ kbir u għalhekk jinħtieġ li fil-knisja jkun hemm post jixraq ix-xandir tagħha, post li malajr jiġbed lejh l-attenzjoni tal-fidili matul il-liturġija tal-kelma.[78]

Tajjeb jekk dan il-post ġeneralment ikun ambone fiss, mhux leġiju mobbli. L-ambone jkun jaqbel mal-istil tal-knisja, imma jrid ikun maħdum b'mod li l-fidili jaraw sewwa lill-ministru u jisimgħu tajjeb xi jkun jaqra.

Minn fuq l-ambone jinqraw il-lezzjonijiet, is-salmi responsorjali u t-Tifkira tal-Għid; l-omelija u t-talba tal-fidili jistgħu jsiru minn fuqu wkoll.

Ma tantx jixraq li l-kummentatur, il-kantur u l-mexxej tal-kant jaqdu l-uffiċċju tagħhom minn fuq l-ambone.

## VIII IL-POST TAL-FIDILI

273. Il-fidili jkollhom postijiet xierqa ħalli b'għajnejhom u bl-ispirtu tagħhom jieħdu sehem kif imiss fiċ-ċelebrazzjonijiet imqaddsa. Tajjeb jekk ordinarjament jitħejjew għalihom bankijiet jew siġġijiet. Id-drawwa li persuni privati jkollhom postijiet riservati għalihom hi ta' min jikkundannaha.[79] Is-siġġijiet jew bankijiet ikunu magħmula b'mod li l-fidili jistgħu jieħdu bla tfixkil il-qagħda meħtieġa skont it-taqsimiet diversi taċ-ċelebrazzjoni u jersqu bla xkiel għat-tqarbin.
Wieħed jaħseb biex is-saċerdot u l-ministri l-oħra mhux biss ikunu jidhru tajjeb mill-fidili imma wkoll jinstemgħu sewwa, permezz tal-istrumenti tekniċi moderni.

## IX IL-POST TAL-KANTANTI, TAL-ORGNI U L-ORKESTRA

274. Il-grupp tal-kant ikollu post għalih skont ma jippermetti t-tqassim tal-knisja. Jingħażel post tajjeb li jħallih jidher dak li hu, jiġifieri, li hu tassew parti mill-ġemgħa miġbura tal-fidili u li qiegħed jaqdi uffiċċju partikolari, post li jgħin lill-kantanti jagħmlu aħjar il-ministeru liturġiku tagħhom u ma jkun ta' ebda tfixkil għalihom biex kull wieħed minnhom jieħu sehem sħiħ fil-Quddiesa, jiġifieri sehem sagramentali.[80]

275. Għall-orgni iu għall-istrumenti l-oħra tal-mużika approvati skont il-liġi, jintgħażel post tajjeb biex jgħinu lill-kantanti u lill-poplu fil-kant u biex jinstemgħu kif jixraq minn kulħadd kemm il-darba jindaqqu mingħajr kant magħhom.

## X IT-TABERNAKLU

276. L-aħjar ħaġa hi li s-Santissmu jinżamm f'kappella adattata għall-adorazzjoni u t-talb privat tal-fidili.[81] Jekk dan ma jkunx jista' jsir, jitqiegħed f'xi artal jew barra mill-altar f'post tassew xieraq u mżejjen kif imiss fil-knisja, fejn jaqbel l-iżjed u skont id-drawwiet leġittimi tal-lokal.[82]

277. Is-Santissmu jinżamm f'tabernaklu wieħed, sod u żgur. Għalhekk f'kull knisja ordinarjament ma jkunx hemm iżjed minn tabernaklu wieħed.[83]

## XI IX-XBIHAT GĦALL-QIMA TAL-FIDILI

278. Skont tradizzjoni antika ħafna fil-Knisja, hija ħaġa leġittima li fid-djar t'Alla jitqiegħdu xbihat tal-Mulej, tal-Madonna u tal-Qaddisin għall-qima tal-fidili. Iżda wieħed irid joqgħod attent biex min-naħa waħda ma jkunx hemm iżżejjed minnhom u min-naħa l-oħra li jitqiegħdu bil-għaqal f'postijiet li ma jfixklux il-ġabra tal-fidili waqt iċ-ċelebrazzjoni.[84] Ma għandux ikun hemm iżjed minn xbiha waħda tal-istess qaddis. F'dak li hu tiżjin u ordni fil-knisja, wieħed iżomm quddiem għajnejh id-devozzjoni ġenerali tal-komunita' kollha kemm hi.

## XII IT-TQASSIM ĠENERAL TAL-KNISJA

279. Fit-tiżjin tal-knisja, wieħed għandu jfittex mhux il-lussu, imma s-sempliċità, li hi wisq aktar sabiħa. F'dak kollu li jingħażel għall-ornamenti, wieħed għandu jqis jekk dik il-ħaġa tkunx taqbel mal-verità li rridu nirrappreżentaw biha, bil-ħsieb li kull ħaġa tkun isservi għall-edifikazzjoni tal-fidili u ssebbaħ id-dinjità tat-tempju kollu.

280. Fil-knisja u t-tagħmir tagħha jkun hemm dak l-ordni li jwieġeb tajjeb għall-ħtiġijiet taż-żmien. Għalhekk hemm bżonn li wieħed jaħseb mhux biss għal dawk il-ħwejjeġ li għandhom rabta diretta maċ-ċelebrazzjonijiet imqaddsa fihom infushom, iżda wkoll għal dak kollu li jista' jservi għall-kumdità tal-fidili, kif isir f'kull post fejn sikwit jinġabru ħafna nies.

# KAP. VI
# IL-MEĦTIEĠ GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-QUDDIESA

## I. IL-ĦOBŻ U L-INBID GĦALL-EWKARISTIJA

281. Fuq l-eżempju ta’ Kristu, il-Knisja dejjem inqdiet bil-ħobż u l-inbid bl-ilma għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla tal-Mulej.

282. Il-ħobż għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jkun magħġun mill-qamħ skont it-tradizzjoni tal-Knisja kollha u jkun bla ħmira skont it-tradizzjoni tal-Knisja Latina.

283. Is-sinjal tal-mejda ewkaristika minnu nnifsu jitlob li fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, il-ħobż li jintuża jrid jidher li hu tassew ħaġa li qiegħda biex tittiekel. Għalkemm il-ħobż ewkaristiku hu bla ħmira u ta’ forma tradizzjonali, jaqbel jekk ikun magħmul b’mod li s-saċerdot , fil-quddiesa mal-poplu, ikun jista’ tassew jaqsam l-ostja f’biċċiet u jqassam minnhom għallinqas lil xi wħud mill-fidili. Dan ma jfissirx li ma jintużawx ostji żgħar meta jkun hemm numru mhux ħażin ta’ fidili għat-tqarbin jew għal raġunijiet pastorali oħra. Imma l-qsim tal-ħobż, kif sempliċement kienet tissejjaħ l-ewkaristija fi żmien l-Appostli, juri aktar ċar il-qawwa u l-importanza tas-sinjal tal-għaqda ta’ kulħadd fil-ħobża waħda u tal-imħabba ta’ xulxin bħala aħwa li jaqsmu din il-ħobża waħda bejniethom.

284. L-inbid tal-Quddiesa jkun magħsur mill-għeneb tad-dielja (ara Lq 22, 18), naturali u pur, jiġifieri, mhux imħallat ma’ ħwejjeġ oħra barranija.

285. Il-ħobż u l-inbid għall-ewkaristija jinżammu b’attenzjoni kbira fl-istat tajjeb tagħhom, biex l-inbid ma jiqrasx u l-ħobż ma jitranġatx u ma jibbisx li ma jistax jinqasam.

286. Jekk is-saċerdot wara l-konsagrazzjoni, jew x’ħin jitqarben, jinduna li fil-kalċi jkun hemm ilma u mhux inbid, dan l-ilma jixħtu f’tazza, u fil-kalċi jitfa’ l-inbid bl-ilma u jikkonsagrah billi jgħid dik il-parti tar-rakkont li għandha x’taqsam mal-konsagrazzjoni tal-kalċi, mingħajr obbligu li jerġa’ jikkonsagra l-ħobż.

## II. IT-TAGĦMIR ĠENERALI GĦALL-QUDDIESA

287. Bħalma l-Knisja tilqa’ l-ġenju artistiku ta’ kull pajjiż għall-bini tal-knejjes, hekk ukoll taċċettah għat-tagħmir imqaddes kollu u tilqa’ dawk il-forom li jaqblu mal-ġenju u t-tradizzjonijiet ta’ kull poplu, sakemm ikunu xierqa għall-użu li għalih kull tagħmir hu maħsub.[85]
F’dan ukoll, wieħed ifittex bil-ħerqa dik is-sempliċità sabiħa li titlaqqa’ tassew tajjeb mal-arti vera.

288. It-tagħmir imqaddes ikun ta’ materjal tradizzjonali; iżda għalih jista’ wkoll jintgħażel dak li llum kulħadd jistmah bħala materjal mill-aħjar, li jibqa’ sħiħ fit-tul u adattat tajjeb għal-liturġija. F’din il-kwistjoni tiddeċiedi l-Konferenza Episkopali f’kull post.

## III. IL-VAŻI SAGRI

289. Fost il-ħwejjeġ meħtieġa għall-quddiesa, jistħoqqilhom ġieħ speċjali il-vażi sagri, fosthom il-kalċi u l-patena użati fl-offerta u fil-konsagrazzjoni tal-ħobż u tal-inbid fit-tqarbin.

290. Il-vażi sagri jkunu ta’ materjal sod u lokalment stmat ħafna min-nies. F’din ukoll tiddeċiedi l-Konferenza Episkopali. Imma jintagħżel materjal li mhux malajr jinkiser jew jitħassar.

291. Kulma hu magħmul biex jilqa’ fih id-Demm tal-Mulej, bħalma hu l-kalċi, ikollu t-tazza tiegħu ta’ materjal li ma jixrobx; imma s-sieq tista’ tkun ta’ materjal ieħor, sod u xieraq.

292. Il-vażi sagri magħmula biex jilqgħu l-ostji fihom, bħall-patena, il-possidi, it-teka, l-ostensorju u ħwejjeġ oħra bħal dawn, jistgħu jkunu ta’ materjal ieħor stmat ħafna lokalment, bħall-avorju u injam samm, adattat tajjeb għall-użu liturġiku.

293. Għall-konsagrazzjoni tal-ostji tista' tintuża patena waħda kemmxejn akbar mis-soltu u fuqha jitqiegħdu l-ostji għaċ-ċelebrant, għall-ministri u għall-fidili.
294. Il-vażi sagri tal-metall fil-biċċa l-kbira jkunu maħsula fid-deheb minn ġewwa, jekk huma ta' materjal li jissaddad; jekk hu materjal ma jissaddadx, jew aqwa mid-deheb, ma hemmx għalfejn jinħaslu bid-deheb.
295. Dwar l-għamla tal-vażi sagri, din tiġi mill-imgħallem tas-sengħa li jagħtihom dik l-aħjar sura li biha jkunu mdorrijin in-nies tal-post, sakemm kull biċċa tagħmir tinħadem b'mod li tkun adatta għall-użu liturġiku tagħha.
296. Il-barka jew konsagrazzjoni tal-vażi sagri ssir skont ir-riti preskritti fil-kotba liturġiċi.

## IV. L-ILBIES IMQADDES

297. Fil-Knisja, li hi l-Ġisem ta' Kristu, mhux il-membri kollha għandhom l-istess uffiċċju. Dan it-tqassim ta' servizzi liturġiċi jidher minn barra wkoll permezz tal-ilbies imqaddes maħsub għal kull servizz u li għalhekk għandu jkun sinjal tal-uffiċċju proprju ta' kull ministru. Iżda jinħtieġ ukoll li dan l-istess ilbies ikompli jsebbaħ l-azzjoni mqaddsa.
298. Il-libsa komuni għall-ministri kollha ta' kull grad hija l-alba li l-ministru jiġborha miegħu b'ċinglu mħażżem ma' qaddu, sakemm ma tkunx maħduma biżżejjed dejqa li tinżillu sewwa ma' persuntu. Jekk mill-għonq ma tkunx tostor għal kollox il-libsa komuni, il-ministru jilbes amittu qabilha. Minflok l-alba tista' tintlibes spellizza, iżda mhux mal-pjaneta jew id-dalmatika, anqas meta l-istola tintlibes minflok il-pjaneta jew id-dalmatika.
299. Fil-Quddiesa u f'funzjonijiet oħra mqaddsa marbuta direttament mal-Quddiesa, il-libsa proprja tas-saċerdot ċelebrant hi l-pjaneta, sakemm ma jingħadx xort'oħra; il-pjaneta tintlibes fuq l-alba u l-istola.
300. Il-libsa proprja tad-djaknu hija d-dalmatika fuq l-alba u l-istola.
302. Is-saċerdot jilbes l-istola madwar għonqu u mdendla quddiem sidru; id-djaknu jilbisha minn spalltu tax-xellug imdendla minn wara u minn quddiem għall-ġemb tal-lemin, fejn jehmiżha.
303. Fil-purċissjonijiet u funzjonijiet oħra mqaddsa s-saċerdot jilbes pivjal jew kappa, skont ir-ribriki f'kull rit.
304. Jekk il-bżonnijiet u d-drawwiet lokali jitolbu xi adattament partikolari fis-sura u t-tifsila tal-ilbies imqaddes, il-Konferenza Episkopali tiddetermina x'hemm bżonn li jsir u tissottometii kollox għad-deċiżjoni tas-Santa Sede.[86]
305. Minbarra l-materjal tradizzjonali, għall-ilbies imqaddes jista' jintuża drapp ieħor naturali karatteristiku tal-post, jew ukoll drapp artifiċjali sakemm ma jnaqqas xejn mid-dinjità tal-azzjoni mqaddsa u ta' min jilbsu. Fuq dan tiddeċiedi l-Konferenza Episkopali.[87]
306. Jixraq li s-sbuħija u l-ġmiel tal-ilbiesi mqaddsa ma nfittxuhomx fil-ħafna ornamenti żejda, iżda fil-kwalità ta' drapp u t-tifsila tagħhom. Jekk imbagħad jiżżejnu b'xi disinji jew xbihat jew simboli, dawn għandhom ikunu sinjali ta' użu sagru u jitwarrab dak kollu li ma jixraqx lill-qdusija tal-liturġija.
307. L-ilwien użati fl-ilbies liturġiku qegħdin bħala għajnuna oħra esterna biex il-fidili jifhmu aħjar il-kwalità proprja tal-misteri tal-fidi ċċelebrati u s-sens tal-mixja tal-ħajja nisranija matul is-sena liturġika.
308. Fl-użu liturġiku tal-ilwien tinżamm id-drawwa tradizzjonali, jiġifieri:
a) Il-lewn abjad jintuża fl-Uffiċċju u l-Quddies ta' żmien l-Għid u żmien il-Milied, fil-festi u t-tifkiriet tal-Mulej, minbarra dawk tal-Passjoni; fil-festi u t-tifkiriet tal-Madonna, tal-Anġli, tal-Qaddisin mhux martri, fil-festa tal-Qaddisin Kollha (1 Nov.), il-Kattedra ta' San Pietru (22 Frar), il-Konversjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl (25 Jan.) u fil-festa ta' San Pawl il-Patrun ta' Malta (10 Frar).
b) Il-lewn aħmar jintuża f'Ħadd il-Passjoni, nhar il-Ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira, f'Għid il-Ħamsin, fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Passjoni tal-Mulej u f'dawk tal-Qaddisin Martri u fil-festi u t-tifkiriet tal-martirju tal-Appostli u tal-Evanġelisti.
c) Il-lewn aħdar jintuża fl-Uffiċċju u l-Quddies taż-żmien "matul is-sena"
d) Il-lewn vjola jintuża fi żmien l-Avvent u r-Randan u jista' jintuża wkoll fl-Uffiċċju tal-Quddies tal-Mejtin.

e) Il-lewn iswed jista' jintuża wkoll fil-Quddies tal-Mejtin.
f) Il-lewn roża jista' jintuża fit-tielet Ħadd tal-Avvent u fir-raba' Ħadd tar-Randan.
Iżda l-Konferenzi Episkopali jistgħu jiddeterminaw u jipproponu lis-Santa Sede dawk l-adattamenti li jaqblu mal-ħtiġijiet u l-karattru tal-popli.

309. Fi ġranet iżjed solenni jistgħu jintużaw il-paramenti sbieħ okkażżjonali anki jekk ma jkunux tal-lewn tal-ġurnata.
310. Fil-Quddies votiv jintuża l-lewn proprju tal-Quddiesa li tkun se titqaddes, jew il-lewn tal-ġurnata jew taż-żmien li jkun, l-istess ukoll fil-Quddies "ad diversa".

## V. ĦWEJJEĠ OĦRA GĦALL-UŻU TAL-KNISJA

311. Minbarra l-vażi sagri u l-ilbiesi mqaddsa li għalihom hemm stabbilit li għandhom ikunu ta' xi materjal partikolari, kull tagħmir ieħor għall-użu fil-liturġija jew fil-knisja jrid ikun xieraq u tajjeb għall-iskop li għalih se jkun użat.

312. Wieħed ifittex bil-ħerqa li jkunu osservati tajjeb l-esiġenzi artistiċi, saħansitra fil-ħwejjeġ ta' mportanza iżgħar u li f'kollox tidher dejjem is-sbuħija tas-sempliċità flimkien mal-indafa.

# KAP. VII
# L-GĦAŻLA TAL-QUDDIESA U TAT-TAQSIMIET TAGĦHA

313. Iċ-ċelebrazzjoni tkun aktar ta' frott pastorali jekk il-lezzjonijiet, it-talbiet u t-testi l-oħra tal-Quddiesa jkunu jaqblu kemm jisata' jkun tajjeb mal-bżonnijiet u d-dispożizzjonijiet spiritwali u l-ħila ta' dawk li jieħdu sehem fiha. Dan l-iskop jintlaħaq jekk wieħed jinqeda sewwa bil-ħafna setgħat mogħtija għall-għażla, kif se nfissru.

Għalhekk is-saċerdot, huwa u jagħżel it-testi tal-Quddiesa, għandu jħares aktar lejn il-ġid spiritwali komuni tal-poplu milli lejn l-għażliet tiegħu. U jiftakar ukoll li din l-għażla għandha ssir bi ftehim mal-ministri u ma' dawk li jkunu se jagħmlu xi servizz fiċ-ċelebrazzjoni u saħansitra mal-fidili f'dak li għandu x'jaqsam magħhom direttament.

Billi qiegħed jitħalla wisa' liema bħalu għall-għażla tat-testi fil-Quddiesa, jinħtieġ li sa minn qabel iċ-ċelebrazzjoni, id-djaknu, il-letturi, is-salmista, il-kantur, il-kummentatur, il-grupp tal-kant, kulħadd skond ma jmissu, ikun jaf sew liema test se jintuża, ħalli xejn ma jsir qisu bla ħsieb. Għax meta fiċ-ċelebrazzjoni kollox isir bl-ordni u bl-armonija, il-fidili jsibu għajnuna kbira għall-ġabra spiritwali biex jieħdu sehem fl-Ewkaristija.

## I. L-GĦAŻLA TAL-QUDDIESA

314. Fis-solennitajiet is-saċerdot hu obbligat jimxi fuq il-kalendarju tal-Knisja fejn jiċċelebra.
315. Fil-Ħdud, fil-ferji tal-Avvent, tal-Milied, tar-Randan u tal-Għid, il-festi u fit-tifkiriet obbligatorji:
a) fil-Quddiesa mal-poplu s-saċerdot jimxi fuq il-kalendarju tal-knisja fejn jiċċelebra;
b) fil-Quddiesa mingħajr il-poplu s-saċerdot jisa' jagħżel il-kalendarju tal-knisja jew il-kalendarju proprju tiegħu.
316. Fit-tifkiriet mhux obbligatorji:
a) Fil-ferji tal-Avvent, mis-17 sal-24 ta' Diċembru, fil-ġranet fost l-ottava tal-Milied u fil-ferji tar-Randan, minbarra l-Erbgħa tar-Rmied u l-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira, is-saċerdot iqaddes il-Quddiesa tal-jum liturġiku li jmiss; imma jekk f'dan il-jum taħbat tifkira mniżżla fil-kalendarju ġenerali, is-saċerdot jista' jagħżel il-kolletta tagħha, imma mhux fl-Erbgħa tar-Rmied jew f'erja tal-Ġimgħa l-Kbira.
b) Fil-ferji tal-Avvent, qabel is-17 ta' Diċembru, u fil-ferji ta' żmien il-Milied u ta' ħmien l-Għid, is-saċerdot jista' jagħżel jew il-Quddiesa tal-ferja jew dik tal-Qaddis jew wieħed mill-Qaddisin li taħbat it-tifkira tagħhom jew ta' xi Qaddis imniżżel dak inhar fil-Martiroloġju.
c) Fil-ferji ta' matul is-sena, is-saċerdot jista' jagħżel jew il-Quddiesa tal-ferja jew dik tat-tifkira mhux obbligatorja li tista' taħbat dakinhar jew dik ta' xi Qaddis imniżżel dakinhar fil-martiroloġju jew Quddiesa "ad diversa" jew votiva.
Fil-Quddiesa mal-poplu, is-saċerdot għandu jfittex l-ewwelnett il-ġid spiritwali tal-fidili u joqgħod attent li ma jfittixx biss il-ġibdiet tiegħu. Fuq kollox jieħu ħsieb li mhux ta' sikwit u mingħajr raġuni suffiċjenti jħalli barra l-lezzjonijiet magħżula għal kull jum fil-lezzjonarju ferjali: għax il-Knisja tixtieq li l-mejda tal-Kelma t'Alla tithejja lill-fidili b'għana akbar.[88]
Għalhekk ukoll, is-saċerdot għandu jkun moderat fl-użu tal-Quddies tal-mejtin; għax kull Quddiesa hija offerta sew għall-ħajjin sew għall-mejtin u f'kull Talba Ewkaristika ssir it-tifkira tal-mejtin ukoll.
Fejn imbagħad dawk it-tifkiriet tal-Madonna u l-Qaddisin li mhumiex obbligatorji jkunu għal qalb il-fidili, titqaddes għallinqas Quddiesa waħda ta' dawn it-tifkiriet biex is-saċerdot jissodisfa d-devozzjoni tal-fidili.
Kull meta tingħata s-setgħa biex wieħed jagħżel jew it-tifkira mniżżla fil-kalendarju ġenerali jew oħra mniżżla fil-kalendarju djoċesan jew reliġjuż, ikun aġjar jekk f'każ ta' grad indaqs u skont it-tradizzjoni, wieħed jagħżel it-tifkira partikolari.

## II. L-GĦAŻLA TAT-TAQSIMIET TAL-QUDDIESA

317. Fl-għażla tat-testi għal kull taqsima tal-Quddiesa sew taż-żmien sew tal-Qaddisin, wieħed jimxi fuq ir-regoli li ġejjin.

## Il-Lezzjonijiet

318. Fil-Ħdud u l-festi hemm tliet lezzjonijiet, jiġifieri waħda tal-Profeta, waħda mill-Appostlu u waħda mill-Evanġelju; bihom il-poplu nisrani jirċievi tagħlim sħiħ fuq l-opra tas-salvazzjoni, fl-iskola tal-għaġeb ta' Alla. Hija għalhekk ħaġa mixtieqa ħafna li dawn il-lezzjonijiet jintużaw it-tlieta li huma; iżda għal raġuni pastorali jew b'deċiżjoni tal-Konferenza Episkopali, f'xi postijiet jistgħu jintużaw tnejn biss. Meta mbagħad l-għażla jkollha ssir bejn l-ewwel tnejn, wieħed iżomm quddiem għajnejh id-direttivi mniżżla fil-lezzjonarju u jqis ukoll li l-fidili jeħtieġu kull għajnuna biex jitgħallmu iżjed l-Iskrittura Mqaddsa; wieħed ma għandux ifittex li jagħżel biss l-iqsar u l-eħfef testi.

319. Fil-lezzjonarju ferjali hemm lezzjonijiet għal kull ġurnata ta' kull ġimgħa għas-sena kollha; għalhekk fil-biċċa l-kbira jintużaw dawn il-lezzjonijiet, fil-ġranet li fihom imniżżla, sakemm ma taħbatx xi solennità jew festa.

Jekk jinzerta li l-lezzjoni kontinwa jkollha tinqata' f'xi ġurnata tal-ġimgħa għax taħbat festa jew ċelebrazzjoni speċjali, is-saċerdot, waqt li jżomm quddiem għajnejh l-ordni tal-lezzjonijiet tal-ġimgħa kollha, ikun jista' jew jgħaqqad ma' oħrajn is-siltiet maqbuża, jew jiddetermina liema minnhom jaqbel jagħżel. Fil-Quddies li jsir f'laqgħat speċjali, is-saċerdot jista' jagħżel testi li huma aktar adatti għal dik iċ-ċelebrazzjoni partikolari, sakemm ikunu testi mil-lezzjonarju approvat.

320. Hemm għażla speċjali ta' testi bibliċi għall-Quddies ritwali tas-Sagramenti jew Sagramentali u għall-Quddies li jsir f'ċirkostanzi speċjali.

Dawn it-testi ġew magħżula biex il-fidili jisimgħu l-Kelma t'Alla b'mod aktar adatt għaċ-ċirkostanza li fiha jkunu jieħdu sehem u hekk jistgħu jifhmu aħjar il-misteru li jkunu jiċċelebraw u jitħeġġu iżjed bl-imħabba għall-Kelma t'Alla.

Għalhekk, it-testi li jintużaw fil-ġemgħa liturġika għandhom jiġu determinati skont il-ħtieġa pastorali u skont is-setgħa mogħtija għall-għażla tagħhom.

## It-Talbiet

321. Il-ħafna prefazji li hemm fil-Missal Ruman qegħdin biex b'ħafna modi jfissru r-raġuni tar-radd ta' ħajr li jingħata lil Alla fit-Talba Ewkaristika, kif ukoll biex juru f'dawl aqwa l-ħafna aspetti tal-misteru tas-salvazzjoni.

322. Fl-għażla tat-Talba Ewkaristika, tajjeb li wieħed jimxi fuq dawn ir-regoli:

a) It-Talba Ewkaristika I, jew Kanone Ruman, tista' tintuża dejjem; jaqbel jekk tintuża fil-ġranet meta hemm it-talba Imsieħbin proprja, jew fil-Quddies li għandhom it-talba Ilqa' proprja, kif ukoll il-festi tal-Appostli u l-Qaddisin li jissemmew fl-istess Talba; hekk ukoll fil-Ħdud, jekk għal raġuni pastorali ma jkunx aħjar li wieħed jagħżel Talba Ewkaristika oħra.

b) It-Talba Ewkaristika II, minħabba ċerti karatteristiċi tagħha, aħjar tintuża fost il-ġimgħa jew f'ċirkosanzi partikolari.

Minflok il-prefazju proprju li hemm ma' din it-talba jistgħu wkoll jintużaw prefazji oħra, l-aktar dawk li jitkellmu fil-qosor fuq il-misteru tas-salvazzjoni, bħall-prefazji tal-Ħdud ta' matul is-sena u l-prefazji komuni.

Jekk il-Quddiesa tkun applikata għal xi ħadd mejjet, tista' tintuża l-formola speċjali li hemm qabel it-talba Ftakar ukoll.

c)It-Talba Ewkaristika III tista' tintuza ma' kull prefazju. Din aħjar jekk tintuża fil-Ħdud u l-festi.

F'din it-talba wkoll tista' tingħad formola speċjali għall-mejtin wara l-kelmiet: u għaqqadhom miegħek ilkoll.

d)It-Talba Ewkaristika IV għandha magħha prefazju proprju li ma jistax jinbidel ma' ieħor meta tintuża hi; f'dan il-prefazju hemm ġabra kemmxejn fit-tul tal-istorja tas-salvazzjoni. Din it-Talba tista' tintuża meta l-Quddiesa ma jkollhiex prefazju proprju; l-aħjar tingħad f'quddies iċċelebrat bis-sehem ta' fidili li jkollhom tagħrif biblika ogħla. F'din it-Talba minħabba n-nisġa proprja tagħha ma jistgħux jidħlu forom speċjali għall-mejtin.

e)It-Talba Ewkaristika li għandha prefazju proprju tagħha tista' wkoll tingħad bl-istess prefazju meta fil-Quddiesa jkun imissu jingħad prefazju taż-żmien.

323. F'kull Quddiesa, jekk ma jkunx hemm tagħrifa oħra jingħadu t-talbiet proprji għal dik il-Quddiesa.

Iżda fil-Quddies tat-tifkiriet tingħad jew il-kolletta proprja jew tal-Komun; it-talba fuq l-offerti u t-talba wara t-tqarbin, jekk ma jkunux proprji, jistgħu jittieħdu jew mill-Komun jew mill-ferji taż-żmien kurrenti.

Fil-ferji 'matul is-sena', minbarra t-talbiet tal-Ħadd ta' qabel, jistgħu jingħadu jew it-talbiet ta' ieħor mill-Ħdud 'matul is-sena', jew jintgħażlu minn dawk li hemm 'ad diversa' fil-Missal. Mill-istess Quddisiet li semmejna, tista' wkoll tittieħed il-kolletta biss.

B'hekk il-Knisja qiegħda toffri kotra ikbar ta' testi li bihom is-saċerdot jista' mhux biss jippreżenta r-raġuni tat-talb lill-fidili b'mod dejjem ġdid, imma wkoll jadatta tajjeb it-talb skont il-bżonnijiet tal-fidili, tal-Knisja u tad-dinja. B'danakollu dan l-adattament diġa' sar fil-Missal għaż-żminijiet l-aktar importanti taċ-ċiklu liturġiku, għax kull waħda mill-ferji tagħhom għandha talbiet proprji taż-żmien.

## Il-partijiet tal-kant

324. Fl-għażla tal-partijiet tal-kant bejn il-lezzjonijiet, kif ukoll għall-kant tal-introjtu, tal-offertorju u tat-tqarbin, wieħed għandu jimxi fuq ir-regoli mniżżlin f'posthom fejn imiss.

## Setgħat speċjali

325. Minbarra s-setgħat imsemmija hawn fuq dwar l-għażla tat-testi adatti, il-Konferenzi Episkopali għandhom ukoll is-setgħa biex, f'okkażżjonijiet partikolari, jirregolaw adattamenti oħra dwar il-lezzjonijiet, iżda bl-obbligu li t-testi jintgħażlu mill-lezzjonarju approvat mill-awtorità.

# KAP. VIII
# IL-QUDDIES U T-TALB 'AD DIVERSA' U VOTIVI U L-QUDDIES TAL-MEJTIN

## I. IL-QUDDIES U T-TALB "AD DIVERSA" U VOTIVI

326. Il-Liturġija tas-Sagramenti hija mezz biex il-fidili, bis-saħħa tal-grazzja li rċevew mingħand Alla bil-Misteru tal-Għid,[89] iqaddsu tista' tgħid kull ġrajja ta' ħajjithom. Issa l-Ewkaristija hija l-qofol tas-Sagramenti kollha. Għalhekk il-Missal qed joffri ħafna formularji ta' Quddies u talbiet biex jistgħu jintużaw f'okkażżjonijiet diversi tal-ħajja nisranija għall-bżonnijiet tad-dinja jew tal-Knisja universali jew lokali.

327. Imma ladarba qiegħed jitħalla wisa' liema bħalu biex wieħed jagħżel minn fost il-lezzjonijiet u t-talbiet, jaqbel li l-Quddies "ad diversa" jintuża bil-qies, jiġifieri meta jkun hemm raġuni tajba.

328. F'kull Quddiesa "ad diversa", sakemm ma jingħadx ċar xort'oħra jistgħu jintużaw it-testi bibliċi ferjali, jekk jaqblu maċ-ċelebrazzjoni.

329. Il-Quddies "ad diversa" huwa ta' tliet xorta:

a) Il-Quddies ritwali, marbut maċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti jew Sagramentali.

b) il-Quddies għall-bżonnijiet diversi li jintużaw regolarment f'ċirkostanzi determinati jew f'xi okkażżjonijiet li kultant jinqalgħu.

c) Il-Quddies votiv, li wieħed jista' jagħżel minnu biex jissodisfa d-devozzjoni tal-fidili lejn il-misteri tal-Mulej, jew lejn il-Madonna u l-Qaddisin.

330. Il-Quddies ritwali huwa projbit fil-Ħdud tal-Avvent, tar-Randan, tal-Għid, fis-solennitajiet, nhar l-Erbgħa ta' Rmied u fil-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira; barra minn dan, wieħed iħares ukoll ir-regoli mniżżla fl-istess kotba ritwali u l-Quddies tagħhom.

331. Mill-Quddies għal bżonnijiet diversi, l-awtorità kompetenti tista' tagħżel il-Quddies għas-supplikazzjonijiet, determinati mill-Konferenza Epsikopali għal matul is-sena.

332. F'każ ta' ħtieġa jew fejda pastorali kbira, l-Ordinarju tal-post jista' jordna jew jippermetti ċ-ċelebrazzjoni ta' Quddiesa li taqbel maċ-ċirkostanza u f'dan il-każ tista' ssir fil-ġranet kollha tas-sena minbarra s-solennitajiet, il-Ħdud tal-Avvent u tar-Randan u tal-Għid, l-Erbgħa tal- Irmied u l-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira.

333. Għalkemm fit-tifkiriet obbligatorji u fil-ferji tal-Avvent u tal-Milied u tal-Għid, il-Quddies votiv huwa pprojbit, madankollu jekk f'dawn il-ġranet tinqala' okkażżjoni tassew ta' ħtieġa jew fejda pastorali, ir-rettur tal-knisja jew l-istess saċerdot ċelebrant jista' jiddeċiedi li fiċ-ċelebrazzjoni mal-poplu jintuża l-Quddies li jaqbel għal dik l-okkażjoni.

334. Fil-ferji "matul is-sena" li fihom taħbat tifkira mhux obbligatorja jew l-Uffiċċju jkun tal-ferja, is-saċerdot jista' jqaddes liema Quddiesa jrid u jagħżel li jrid mit-talbiet "ad diversa", tneħħi biss il-Quddies ritwali.

## II. IL-QUDDIES TAL-MEJTIN

335. Il-Knisja toffri għall-mejtin is-sagrifiċċju ewkaristiku tal-Għid ta' Kristu, biex dik li hi tagħmel għas-suffraġju spiritwali ta' xi wħud mill-membri ta' Kristu, jiswa wkoll għall-faraġ u t-tama tal-membri l-oħra, ladarba lkoll huma xirka waħda bejniethom.

336. Fost il-Quddies tal-mejtin hemm l-ewwelnett il-Quddiesa tal-funeral, li tista' ssir fil-ġranet kollha minbarra l-festi kmandati u l-Ħdud tal-Avvent, tar-Randan u tal-Għid.

337. Fit-tifkiriet obbligatorji u l-ferji kollha, minbarra l-Erbgħa tal-Irmied, u l-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira, tista' wkoll issir il-Quddiesa tal-mejtin meta tasal l-aħbar tal-mewt, jew fl-aħħar difna tal-katavru, jew f'għeluq l-ewwel sena mill-mewt.

Il-Quddies l-ieħor tal-mejtin li jissejjaħ "ta' kuljum", jista' jsir fil-ġranet li fihom jista' jsir il-Quddies votiv, sakemm ikunu applikati tassew għall-mejtin.

338. Fil-Quddiesa tal-funeral issir ordinarjament omelija qasira, imma bla ebda xeħta ta' orazzjoni funebri. Jixraq li l-omelija ssir ukoll fil-Quddies l-ieħor tal-mejtin.

339. Wieħed iħeġġeġ lill-fidili, l-aktar lill-qraba tal-mejjet biex fis-sagrifiċċju ewkaristiku offert għalih, jersqu jitqarbnu.

340. Jekk il-Quddiesa tal-funeral issir fl-istess rit tal-funeral, kif tispiċċa t-talba wara t-tqarbin, jitħalla barra r-rit tal-għeluq u jsir ir-rit tat-talba u t-tislima ta' l-aħħar; imma dan isir biss jekk ikun preżenti l-katavru.

341. Fil-Quddies tal-mejtin, l-aktar f'dak tal-funerali, fit-tqassim u l-għażla tal-partijiet li jistgħu jitbiddlu (bħat-talbiet, il-lezzjonijiet it-talba tal-fidili), iċ-ċelebrant iżomm quddiem għajnejh, kif jixraq, ir-raġunijiet pastorali li jolqtu ċ-ċirkostanzi tal-mejjet, ta' qrabatu u tan-nies preżenti.

Barra minn dan, ir-ragħajja spiritwali jieħdu ħsieb speċjali ta' dawk li f'okkażżjoni ta' funeral, ikunu preżenti fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, jew jisimgħu l-Evanġelju, sew jekk m'humiex kattoliċi, sew jekk huma kattoliċi imma li qatt jew kważi qatt ma jersqu għat-tqarbin u li donnhom tilfu l-fidi; jiftakru s-saċerdoti li huma ministri tal-Evanġelju ta' Kristu għal kulħadd.

[1] Ara Konċ. Vat. II Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.41; Kostit. Domm. *Lumen Genitum* fuq il-Knisja, n.11; Digr. *Presbyterorum Ordininis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, nn 2,5,6; Digr.*Christus Dominus*, fuq l-uffiċċju pastorali tal-Isqfijiet, n.30; Digr. *Unitatis Redintegratio*, fuq l-Ekumeniżmu, n.15; Kongr. Mq. Tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, nn.3e, 6, AAS 59 (1967) pp. 542, 544-545.

[2] Ara Konċ. Vat II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 10

[3] Ara l-istess, n. 102

[4] Ara Konċ. Vat II, Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-resbiteri, n.5; Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.10

[5] Ara Konc. Vat II, Kosit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn. 14, 19, 26, 28, 30.

[6] Ara l-*istess* n. 47

[7] Ara l-*istess* n. 14

[8]. Ara l-*istess* n. 41

[9] Ara Konċ. Vat II Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru tal-ħajja tal-presbiteri, n.13

[10] Ara Konċ. Vat II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 59

[11] Ara l-istess, n. 37-40

[12] Ara Konċ. Vat. II, Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru tal-ħajja tal-presbiteri, n.5; Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 33

[13] Ara Konċ. Trid., Sess XXII, Kap 1; Pawlu VI, *Stqarrija Solenni tal-Fidi*, 30 Ġun. 1968, n. 24 ASS 60 (1968) p. 442.

[14] Ara Konċ. Vat. II Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.7; Pawlu VI Enċkl. *Mysterium Fidei*, 3 Sett. 1965; AAS 57 (1965), p. 764; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.9: AAS 59 (1967)np. 547.

[15] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 56; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.10: ASS 59 (1967) p.547.

[16] Ara Konċ. Vat. II Kostit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa nn. 48, 51: Kostit. domm. *Dei Verbum* fuq ir-Rivelazzjoni Divina, n. 21; Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, n.4

[17] Ara Konċ. Vat. II, Kost. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn. 7, 33, 52.[18] Ara l-istess, n. 33

[19] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Musicam Sacram*, 5 Mar. 1967, n.14: AAS 59 (1967) p. 304.

[20] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn. 26-27: Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n. 3d: AAS 59 (1967).

[21] Ara Konċ. Vat. II Kostit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.30

[22] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Musicam Sacram*, 5 Mar. 1967, n. 16a: AAS 59 (1967) p. 305.

[23] *Sermo* 336, 1: PL 38 1472.

[24] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Musicam Sacram*, 5 Mar. 1967, nn. 7, 16: AAS 59 (1967) pp. 302, 305.

[25] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 54; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, n. 59: AAS 56 (1964) p. 891; Istruzz. *Musicam Sacram*, 5 Mar. 1967, n. 47: AAS 59 (1967) p. 314

[26] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Cocilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.30.

[27] Ara l-*istess*, n.39

[28] Ara l-*istess*, n.30; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Musicamm Sacram*, 5 Mar. 1967, n.17: AAS 59 (1967) p. 305.

[29] Ara Konċ. Vat II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.33.

[30] Ara l-*istess* n.7

[31] Ara l-*istess*, n.51

[32] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett, 1964, n.54: AAS 56 (1964), p.889.

[33] Ara Konċ. Vat II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa n.52.[34] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, n.54: AAS 56 (1964) p. 890.

[35] Ara l-*istess*, n.53

[36] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa n.53

[37] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, n.56: AAS 56 (1964) p.890.

[38] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.47; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.3a.b: AAS 59 (1967), pp. 540-541

[39] Ara Kong. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, n.91: AAS 56 (19 64) p. 898; Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.24: AAS 59 (1967) p.554
[40] Ara Konċ. Vat. II Kostit. *Sacrosanctum Concilium* fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.48; Digr. *Presbyterorum Ordinis* fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, n. 5; Kongr. Mq tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.12: AAS 59 (1967) pp. 548-549.
[41] Ara Kong. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, nn. 12, 33a: AAS 59 (1967) pp. 549, 559.
[42] Ara l-*istess*, nn.31,32: AAS 59 (1967) pp. 558-559
[43] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn.14, 26.
[44] Ara l-*istess*, n.23
[45] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. Domm. *Lumen Gentium*, fuq il-Knisja, n. 26, 28: Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 42
[46] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 26
[47] Ara Konċ. Vat. II, Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, n. 2; Kostit. domm. *Lumen Gentium*, fuq il-Knisja, n. 28
[48] Ara Konċ. Vat. II, Kost. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 48: Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n. 12: AAS 59 (1967), p. 306.
[49] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Musicam Sacram*, 5 Mar 1967, n. 19: AAS 59 (1967) p.306
[50] Ara l-*istess*, n.21: AAS 59 (1967) pp. 306-307
[51] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.24
[52] Ara l-*istess*, n. 441
[53] Ara l-istess, n. 42; Kongr.Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 26 Mejju 1967, n. 26: AAS 59 (1967) p. 555; Konċ. Vat. II, Kost. Domm. *Lumen Gentium*, fuq il-Knisja, n.28; Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, n.5
[54] Ara Kong. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.47: AAS 59 (1967) p.565; Kong. Mq. tal-Kult Divin, *Decr. de Concelebratione*, 7 Aw. 1972
[55] Ara l-*istess*, n.26: AAS 59 (1967) p. 555; Istruzz. *Musicam Sacram*, 5 Mar. 1967, nn.16, 27: AAS 59 (1967) pp. 305, 308.
*In-numri 142-152 li kienu jitkellmu fuq l-uffiċċju tas-suddjaknu, tneħħew.
[56] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.57
[57] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.47: AAS 59 (1967) p.566
[58] Ara Ir-Rit tal-*Konċelebrazzjoni tal-Quddiesa*, n.3
[59] Ara l-*istess*, n.9
[60] Ara Kongr. Mq tar-Riti, Digr. Ġen. *Ecclesiae Semper*, 7 Mar. 1965: AAS 57 (1965) pp. 410-412; Istruzz. *Eucharisticum Myseterium*, 25 Mejju 1967, n.47: AAS 59 (1967) p.565
[61] Ara Ir-Rit tal-*Konċelebrazzjoni tal-Quddiesa*, n.9
[62] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.32: AAS 59 (1967), p.558
[63] Konċ. Trid., Sess. XXI, Digr. fuq it-Tqarbin Ewkaristiku, k. 1-3: *Denz* 929-932 (1725-1729)
[64] Ara l-*istess*, k. 2: *Denz* 931 (1728)[65] Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n. 32: AAS 59 (1967) p. 554
[66] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn. 122-124; Digr. *Presbyterorum Ordinis*, fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, n.5; Kongr. Mq tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, n.90: AAS 56 (1964) p.897: Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.24: AAS 59 (1967) p. 554
[67] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n. 123
[68] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.24: AAS 59 (1967) p. 554
[69] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, nn.123, 129; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici* 29 Sett. 1964, n.13c: AAS 56 (1964) p.880
[70] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.123
[71] Ara l-*istess*, n. 126
[72] Ara Kongr. Mq, tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, nn. 97,98: AAS 56 (1964) P.899
[73] Ara l-*istess*, n.91: AAS 56 (1964) p.898
[74] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Eucharisticum Mysterium*, 25 Mejju 1967, n.24: AAS 59 (1967) p.554
[75] Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Settt. 1964, n91 AAS 56 (1964), p.898
[76] Ara l-*istess*, n.93[77] Ara l-*istess*. N. 92
[78] Ara l-*istess*, n.96: AAS 56 (1964) p.899
[79] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. *Sacrosanctum Concilium*, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.32; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. *Inter Ecumenici*, 26 Sett. 1964, n.98: AAS 56 (1964) p.899
[80] Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. Musicam Sacram, 5 Mar. 1967, n.23: AAS 59 (1967) p.307
[81] Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. Eucharisticum Mysterium, 25 Mejju 1967, n.53: AAS 59 (1967) p.568
82 Ara l-istess, n.54; Istruzz. Inter Ecumenici, 26 Sett. 1964, n.95: AAS 56 (1964) p.898
[83] Ara Kong. Mq. tar-Riti, Istruzz. Eucharisticum Mysterium, 25 Mejju 1967, n.52: AAS 59 (1967) p.568; Istruzz. Inter Ecumenici, 26 Sett 1964, n.95: AAS 56 (1964) p.898; Kongr.Mq. tas-Sagramenti, Istruzz. Nullo Umquam Tempore, 28 Mejju 1938, n.4: AAS 30 (1938) pp. 199-200
[84] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. Sacrosanctum Concilium, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.125
[85] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. Sacrosanctum Concilium, fuq il-Liturġija Mqaaddsa, n.128; Kongr. Mq. tar-Riti, Istruzz. Eucharisticum Mysterium, 25 Mejju 1967, n.24: AAS 59 (1967) p. 854
*In-numru 301, li kien jitkellem fuq il-libsa tas-suddjaknu, tneħħa.
[86] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. Sacrosanctum Concilium, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.128
[87] Ara l-istess
[88] Ara Konċ. Vat. II, Kostit. Sacrosanctum Concilium, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.51
[89] Ara Konċ. Vat. II, Kostit Sacrosanctum Concilium, fuq il-Liturġija Mqaddsa, n.61